# Il-Ħolqien ta' Pakkett ta' Riżorsi għas-Sillabu l-Ġdid tal-Livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja: Il-Poeżiji ta' Dun Karm u r-Rumanzi

Martina Bezzina

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta’ Malta

għall-grad tal-Masters in Teaching and Learning

Diċembru 2021

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

*Lil ommi Rose Anne u lil missieri Jimmy*

*tal-imħabba u l-paċenzja*

# Radd il-Ħajr

Din it-teżi ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna ta’ bosta nies li wrew is-sapport tagħhom b’modi diversi, minn kliem ta’ inkoraġġiment sa feed back fuq il-kontenut. Dan kien żmien diffiċli ħafna għalija minħabba l-pandemija li ġiegħlet lil oġġetti li forsi darba dehru żgħar bħala impossibbli iżda bl-għajnuna ta’ dawn in-nies irnexxieli wkoll.

B’mod speċjali nixtieq nirringrazzja lit-tutur tiegħi ta’ din it-teżi, is-Sur Paul Gatt, talli ħadem miegħi matul dawn l-aħħar sentejn billi tani pariri siewja biex flimkien noħolqu xogħol utli. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil ommi u missieri tal-inkoraġġiment li tawni kull jum li għadda biex ma naqtax qalbi, żgur li dan ix-xogħol ma kienx jitlesta kieku mhux bis-saħħa tagħhom. Finalment nixtieq nirringrazzja ħafna lill-għarus tiegħi u lil sħabi li wkoll kienu dejjem hemm għalija meta kelli bżonn.

# Sinteżi

Din it-teżi tiffoka fuq il-ħolqien ta' pakkett tar-riżorsi għat-tagħlim tal-letteratura tas-sekondarja speċifikament għaż-żewġ taqsimiet tal-letteratura: il-poeżiji ta' Dun Karm u s-siltiet mir-rumanzi, sabiex isservi ta' għajnuna għall-għalliema bħala għodda edukattiva għall-istudenti li se jagħtu l-eżami tal-Malti fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) mis-sena 2025. Ir-riżorsi magħmulin bil-ħsieb li jimmotivaw lill-istudenti, iħeġġuhom iħobbu aktar 'l ilsienna u jiżviluppaw funzjonijiet mentali ogħla billi l-letteratura tinbidel f'esperjenza personali li tagħnihom bħala bnedmin. Għalhekk huwa maħsub li dawn ir-riżorsi jittellgħu fuq is-sit uffiċjali tad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan id-Direttorat tal-Kurrikulu u l-Assessjar biex hekk ikunu aċċessibbli kemm għall-għalliema kif ukoll għall-istudenti. Sabiex jinħolqu riżorsi utli ġiet mistħarrġa letteratura li titkellem dwar it-tagħlim b'mod ġenerali, it-tagħlim tal-letteratura, it-tagħlim permezz tar-riżorsi u t-tagħlim relatat mas-sillabu l-ġdid taċ-ĊES li dawn ilkoll kienu ta' gwida għall-ħolqien tar-riżorsi. Il-pakkett tar-riżorsi jinkludi sbatax-il riżorsa; riżorsa għall-ħmistax-il test misjub fiż-żewġ taqsimiet tal-letteratura u waħda għal kull taqsima bħala reviżjoni. Ir-riżorsi ppreżentati huma varjati u jinkludu kemm riżorsi tradizzjonali bħal leħħiet u karti tat-taħriġ, kif ukoll riżorsi diġitali bħal logħob diġitali u preżentazzjonijiet. Barra minn hekk ir-riżorsi huma mħejjija għall-ogħla livell tal-kwalifika tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK) u kull waħda tiffoka fuq kisba partikolari.



# Kliem Muftieħ

ĊES Sillabu | Dun Karm | It-Tagħlim tal-Letteratura Maltija

Riżorsi għat-Tagħlim | Rumanzi | L-Esperjenza Letterarja

# Werrej


Radd il-Ħajr ..... iv

Sinteżi ..... v

Werrej ..... vi

1.0 L-Introduzzjoni ..... 1

**1.1 Id-daħla** ..... 1

***Is-Sillabu l-Ġdid tal-Malti – ĊES*** ..... 2

**1.2 L-għan tat-teżi** ..... 3

**1.3 L-istruttura tat-teżi** ..... 4

2.0 Il-Ħarsa Letterarja fuq it-Tagħlim ..... 6

**2.1 Id-daħla** ..... 6

**2.2 L-iżviluppi pedagoġiċi fit-tagħlim ġenerali** ..... 7

**2.3 L-iżviluppi pedagoġiċi fit-tagħlim tal-letteratura** ..... 10

***It-tagħlim tal-letteratura f'Malta*** ..... 14

**2.4 Is-sillabu l-ġdid taċ-ĊES** ..... 16

**2.5 Il-konklużjoni** ..... 18

3.0 Il-Ħarsa Letterarja fuq ir-Riżorsi ..... 19

**3.1 Id-daħla** ..... 19

**3.2 Il-ħtieġa tar-riżorsi** ..... 19

**3.3 Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tar-riżorsi tradizzjonali u diġitali** ..... 25

**3.4 Il-kunsiderazzjonijiet etiċi** ..... 30

**3.5 Il-konklużjoni** ..... 31

4.0 Il-Linji Gwida għall-Bini tar-Riżorsi ..... 32

**4.1 Id-daħla** ..... 32

**4.2 Il-linji gwida** ..... 32

***Il-gwida ġenerali*** ..... 32

***Il-prinċipji teoretiċi mħaddmin fir-riżorsi*** ..... 33

***Ir-riżorsi marbuta mat-tagħlim tal-letteratura*** ..... 34

***Il-kunsiderazzjonijiet etiċi*** ..... 35

***Ir-riżorsi f'rabta mal-kurrikulu*** ..... 35

***L-istudent fiċ-ċentru tat-tagħlim*** ..... 35

***L-istrateġiji ta' tagħlim u taħriġ*** ..... 36

***L-istili ta' tagħlim tar-riżorsi*** ........ 37
***Il-kontenut u d-dehra tar-riżorsi*** ........ 37
***Ir-riżorsi inklussivi*** ........ 39
5.0 Il-Ħsieb wara r-Riżorsi ........ 40
**5.1 Id-daħla** ........ 40
**5.2 Il-ħsieb** ........ 40
***Riżorsa 1 – 'Għaliex?'*** ........ 40
***Riżorsa 2 – 'Il-Għanja tar-Rebħa'*** ........ 43
***Riżorsa 3 – 'L-Arloġġ'*** ........ 46
***Riżorsa 4 –' Żagħżugħ ta' Dejjem'*** ........ 49
***Riżorsa 5 – 'Lill-Kanarin'*** ........ 52
***Riżorsa 6 –' Waħdi'*** ........ 54
***Riżorsa 7 – 'Univers Ieħor'*** ........ 57
***Riżorsa 8 – 'Il-Għodwa'*** ........ 60
***Riżorsa 10 – 'Tinsiex, Publius, Tinsiex'*** ........ 65
***Riżorsa 11 – 'Nazju Ellul'*** ........ 68
***Riżorsa 12 – 'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka'*** ........ 69
***Riżorsa 13 – 'L-Ibleh'*** ........ 72
***Riżorsa 14 – 'Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ'*** ........ 75
***Riżorsa 15 – 'Magna Mater'*** ........ 78
***Riżorsa 16 – L-istil personali ta' Dun Karm*** ........ 81
***Riżorsa 17 – Is-siltiet mir-rumanzi*** ........ 84
6.0 Il-Konklużjoni ........ 87
Biblijografija ........ 90
Appendiċi A ........ 100
Appendiċi B ........ 131

# 1.0 L-Introduzzjoni

## 1.1 Id-daħla

Il-vjaġġ tiegħi lejn il-professjoni ta' għalliema tal-Malti beda mis-sekondarja fejn kont inħossni affaxxinata minn dan is-suġġett b'mod speċjali mill-komponent tal-letteratura Maltija. B'hekk għażilt li nkompli nistudja l-Malti f'livell terzjarju. Infatti fit-teżina tal-Baċellerat tal-Malti għażilt li niffoka fuq il-versi fis-santi tal-mejtin f'Malta. F'dan l-istudju stħarriġt dwar l-oriġini u l-isfond tas-santi, ir-reġistru relatat, u t-teknika letterarja użata. Dan wassalni biex nikseb prattika u esperjenza biżżejjed li nanalizza firxa ta' kliem simboliku b'mod dettaljat. Għalhekk, minbarra li jogħġobni dan il-qasam tal-lingwa bdejt inħossni kunfidenti naħdem fih ukoll. Dan kollu wassalni sal-lum, biex il-proġett tal-Maġisteru tat-Tagħlim nagħżlu relatat mal-analiżi tal-letteratura.

L-ewwel darba li attendejt lezzjoni tal-letteratura fi skola sekondarja bħala parti mill-osservazzjonijiet tat-Taħriġ Prattiku fil-kors tal-Maġisteru fit-Tagħlim, indunajt kemm it-tagħlim ta' dan il-qasam inbidel minn meta jien stess kont studenta tas-sekondarja. Innutajt li llum qed jintużaw riżorsi varjati biex permezz tal-gwida tal-għalliema jgħinu lill-istudenti jilħqu, fost l-oħrajn, l-għan li jaraw it-test letterarju bħala wieħed partikolari u li jwassal esperjenza universali. Fl-istess waqt l-istudenti jiġu mgħejjuna jagħtu interpretazzjoni personali lit-testi letterarji u jaraw kif dawn jirriflettu esperjenzi personali u jistgħu japplikawhom għal ħajjithom. Minkejja l-użu miżjud u bżonjuż ta' riżorsi fil-lezzjonijiet kollha inkluż dawk tal-letteratura, l-għalliema ġabuni konxja tan-nuqqas ta' dawn ir-riżorsi edukattivi li wieħed jista' jaċċessa faċilment. Din rajtha bħala problema għax għalkemm dawn ir-riżorsi huma essenzjali u jagħmlu t-tagħlim aktar interessanti, jirrikjedu ħafna ħin biex wieħed joħloqhom u jiżviluppahom (Brown et al., 1998). Dan hu ħin li l-għalliema mhux dejjem ikollhom minħabba r-responsabbiltajiet u l-prijoritajiet professjonali l-oħra tagħhom.

## *Is-Sillabu l-Ġdid tal-Malti – ĊES*

Il-bidliet li seħħu fil-qasam edukattiv lokali kienu vasti u affettwaw aspetti varji tal-edukazzjoni inkluż il-metodu u l-kontenut tat-tagħlim. Infatti f'dawn l-aħħar snin ġew introdotti sillabi ġodda tal-Malti għas-snin tas-sekondarja kemm għal dawk l-istudenti li qed isegwu s-sillabu li jwassal għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES), dawk li qed jieħdu edukazzjoni fil-Kompetenzi Ewlenin (KE) u dawk li qed jitgħallmu l-Malti bħala Lingwa Barranija (MLB). Apparti dan, dawn is-sillabi huma marbuta ma' sistemi ġodda ta' assessjar kontinwu bl-għan li l-marka tal-istudenti tkun tassew tirrifletti l-ħiliet miksuba tul il-vjaġġ edukattiv tagħhom. Is-sillabu l-ġdid tal-Malti taċ-ĊES huwa ppjanat li jibda jiġi mgħallem mis-sena skolastika tal-2022. Għalhekk, l-għalliema se jkollhom joħolqu riżorsi ġodda addattati għat-tagħlim tal-kontenut u l-kisbiet identifikati f'dan is-sillabu. Minħabba f'hekk ħassejt aktar il-ħtieġa li naħdem f'dan il-qasam tal-ħolqien tar-riżorsi tal-Letteratura tal-Malti għall-eżami taċ-ĊES. Is-sillabu l-ġdid se jkun implimentat permezz ta' kisbiet fejn kull kisba ewlenija tinqasam f'kisbiet ħafna iżgħar skont il-livell edukattiv tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. Dan bl-iskop li l-istudenti jiffukaw fuq dawn il-kisbiet b'mod sħiħ biex iwittulhom it-triq għas-suċċess bħala individwi u ċittadini Maltin u Ewropej. Għalhekk, il-metodoloġija mħaddma għandha tpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tal-proċess tat-tagħlim biex jipparteċipaw b'mod attiv u b'hekk jaħkmu l-ħiliet komunikattivi tal-lingwa (ĊES22 Sillabu, 2021).

Raġuni oħra għad-deċiżjoni tiegħi li naħdem fuq pakkett ta' riżorsi nibtet mill-fatt li waqt l-osservazzjonijiet u l-perjodu tat-taħriġ innutajt li l-istudenti għandhom ġibda interjuri li jitgħallmu (O'Brien, 1989). Għalhekk, permezz ta' riżorsi addattati l-għalliema jistgħu jindirizzaw b'mod pożittiv l-enerġija u l-kurżità tal-istudenti biex iqanqlulhom aktar l-interess u jimmotivawhom biex isiru jafu aktar. Bħalma jgħid Bendall (2019), il-metodu ta' tagħlim, li jorbot ma' elementi minn ħajjet l-istudenti bħalma huma l-films, il-mużika, l-isport, il-moda u l-ġrajjiet kurrenti, huwa ferm effettiv u effiċjenti għax l-istudenti diġà huma konxji ta' dan il-kontenut. B'hekk l-għalliema permezz ta' dawn l-elementi jistgħu jgħallmu minn kunċetti sempliċi, bħal ngħidu aħna, il-karattri ċatti, sa kunċetti teoretiċi aktar avvanzati bħall-karattri reali tal-bnedmin u r-raġunijiet etiċi warajhom.

## 1.2 L-għan tat-teżi

L-għan prinċipali ta' dan il-proġett huwa li jsir pakkett ta' riżorsi għat-tagħlim tal-letteratura tas-sekondarja tas-Sillabu taċ-ĊES bl-iskop li l-istudenti jkunu motivati jitgħallmu l-letteratura waqt li jieħdu gost u jkollhom esperjenza pożittiva ta' dan il-komponent lingwistiku. Minħabba li l-atmosfera tal-klassi hija dinamika u t-tagħlim jinbidel u jiżviluppa kontinwament matul iż-żmien, tajjeb li fit-tagħlim isir aġġornament kontinwu tar-riżorsi sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jirrelataw l-esperjenza letterarja mal-ħajja kontemporanja (Camilleri Grima u Portelli, 2017). Għalhekk, permezz ta' dan il-proġett se noħloq riżorsi li jirriflettu l-ħajja ta' żmienna, bl-iżviluppi u l-modi ta' għejxien li qed nesperjenzaw illum.

Barra minn hekk, dan il-proġett għandu l-iskop li jiffaċilita x-xogħol tal-għalliema billi dawn ikunu jistgħu jużaw ir-riżorsi jew ideat għal riżorsi lesti fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn se jittellgħu u jkunu aċċessibbli. Permezz ta' dan is-sit, anka l-istudenti se jkollhom aċċess għalihom u b'hekk jintlaħaq aħjar l-għan li l-letteratura tieħu forma ta' esperjenza letterarja universali. Dan minħabba li l-kontenut tat-test tant ivarja mill-forma tradizzjonali oriġinali tiegħu permezz ta' riżorsi innovattivi li l-istudenti ma jibqgħux jaraw il-materjal bħala studju iżda passatemp li jqanqal l-emozzjoni u b'hekk aktar jiftakruh u jqisuh bħala esperjenza pożittiva (Steiner, 1996).

Għan ieħor għall-ħolqien ta' dan il-proġett hija x-xewqa li tinżera', u tkun indokrata fl-istudenti Maltin l-imħabba u l-apprezzament lejn il-lingwa nattiva tagħhom u titbiegħed minnhom l-idea li l-Malti huwa lingwa tqila u żejda. Dan se nagħmlu billi permezz tar-riżorsi nuri lill-istudenti kif jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom fil-Malti u b'hekk jiksbu l-kunfidenza biex jesploraw u jtejbu kull kompetenza tal-lingwa, bħal ngħidu aħna li jkunu kelliema fluwenti u kittieba kompetenti (Goodwyn u Branson, 2005). Din il-kunfidenza u l-ħeġġa għat-tagħlim fl-istudent tista' tiġi estiża u tħalli effetti pożittivi wkoll f'suġġetti skolastiċi oħra jekk tkun effettiva biżżejjed (Shea u Stockford, 2015).

Il-kriterju ewlieni li se jmexxini matul ir-riċerka u l-ħolqien tar-riżorsi huwa li noħloq riżorsi effettivi għat-tagħlim tal-letteratura sabiex tissaħħaħ l-esperjenza letterarja tal-istudenti. B'dan il-mod it-tagħlim tal-letteratura jsir esperjenza personali li jirrifletti l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet interjuri, magħrufa jew moħbija li l-istudenti jista' jkollhom f'moħħhom u f'qalbhom

f’dan iż-żmien tant kritiku tal-adoloxxenza tagħhom meta qed jiskopru lilhom infushom u lid-dinja ta’ madwarhom.

## 1.3 L-istruttura tat-teżi

Dan ix-xogħol se jkun maqsum f’ħames kapitli li, minħabba li huwa proġett u b’hekk il-kliem huwa limitat, fihom se jkun hemm miġbura l-informazzjoni essenzjali u ta’ kontribut għall-ħolqien tar-riżorsi. L-ewwel kapitlu se jibda billi jintroduċi l-ħsieb wara l-għażla ta’ dan ix-xogħol u l-iskop tiegħu. Imbagħad se jindirizza l-għanijiet u l-istruttura ta' dan ix-xogħol biex hekk il-qarrej ikollu idea ċara tat-tqassim tal-proġett kollu.

It-tieni kapitlu se jagħti ħarsa lejn l-iżviluppi pedagoġiċi fit-tagħlim ġenerali u f'dak tal-letteratura fejn permezz ta' testi letterarji l-awturi jesprimu esperjenza universali li jista' faċilment jirrelata magħha kull student (Friggieri, 1986). Hawn se jiġi diskuss ukoll is-sillabu l-ġdid taċ-ĊES f’aktar dettall, b’mod speċjali l-qasam tal-letteratura.

It-tielet kapitlu se jispjega l-ħtieġa tar-riżorsi in ġenerali fejn se tiġi rriċerkata l-letteratura li diġà saret fuq is-suġġett tar-riżorsi li tixhed l-importanza ta’ dawn l-għajnuniet. Se jiddiskuti l-vantaġġi u l-iżvantaġġi kemm tar-riżorsi tradizzjonali kif ukoll dawk diġitali, u l-kunsiderazzjonijiet etiċi fil-binja tar-riżorsi.

Ir-raba’ kapitlu se jagħti l-linji gwida maħruġin mill-ewwel tliet kapitli kif ukoll minn xi riċerka miżjuda fuq il-ħolqien tar-riżorsi biex jinħoloq pont prattiku bejn ir-riċerka u l-ħolqien tar-riżorsi. Din l-għodda se tinkludi diversi elementi edukattivi u etiċi bħall-kunsiderazzjonijiet etiċi, il-kisbiet mit-tagħlim wara r-riżorsa, it-tħaddim ta’ metodoloġiji moderni, l-użu ta’ ħiliet differenti u r-referenza tal-kontenut mas-sillabu fost l-oħrajn.

Il-ħames kapitlu se jiddeskrivi b’dettall il-bini speċifiku ta’ kull riżorsa fil-pakkett maħluq li b’kollox se jkun fih sbatax-il riżorsa. Id-dettalji jinkludu l-kisba mit-tagħlim, il-vantaġġi u l-ħsieb wara r-riżorsa u l-programmi użati għall-ħolqien tar-riżorsa. Se joffri wkoll stampi ta’ partijiet mir-riżorsa bħala referenza.

L-aħħar kapitlu, dak tal-konklużjoni se jkun fih l-għan tal-proġett, spjega qasira tal-kapitli u tal-kontenut fir-riżorsi biex iwasslu għal dan l-għan, xi limitazzjonijiet li jista' jkollu dan il-pakkett ta' riżorsi u kif jista' jkun żviluppat aħjar minn min jixtieq ikompli jaħdem fuq din il-linja ta' studju. Fl-aħħar se tingħata ħarsa personali fejn se jindirizza l-esperjenza tiegħi f'dan il-proġett u dwar xi diffikultajiet li ltqajt magħhom matul l-iżvilupp tiegħu.

L-appendiċi finalment se jinkludu punti dwar il-kontenut ta' kull riżorsa pereżempju l-kisbiet, it-tip ta' kontenut fit-taħriġiet u xi referenzi ta' xi kotba letterarji li ntużaw għal dan il-kontenut, kif ukoll ħolqa għar-riżorsi.

# 2.0 Il-Ħarsa Letterarja fuq it-Tagħlim

## 2.1 Id-daħla

Għalkemm id-daqs ta' Malta huwa relattivament żgħir, fih teżisti varjetà wiesgħa ta' kelliema nattivi. Tant hu hekk, li Borg f'intervista tar-rivista *L-Aċċent* (2018) jisħaq bit-teorija li f'Malta l-bilingwiżmu ma jittiħedx bis-serjetà minħabba li fis-seklu 20 il-lingwa Ingliża saret obbligatorja biex wieħed ikun jista' jaħdem maċ-ċivil. Din il-mentalità li l-lingwa Ingliża hija aktar edukata u bżonjuża minn dik Maltija għadha teżisti sal-lum il-ġurnata u għalhekk l-użu tal-Malti qiegħed gradwalment jonqos (Camilleri, 1995). Raġuni oħra għal dan in-nuqqas hija l-globalizzazzjoni u l-influwenza kbira tal-midja soċjali speċjalment fuq iż-żgħażagħ Maltin (Cassar, 2009; Borg, 2009). Dan wassal biex f'pajjiżna tkompli tiżdied l-importanza u l-użu tal-lingwa Ingliża ħafna drabi b'detriment għal-lingwa Maltija. Infatti skont Camilleri Grima (2018) jidher li l-użu tal-Malti qed jonqos għalkemm mhuwiex jonqos kullimkien l-istess u għadu b'saħħtu f'ħafna bliet u rħula Maltin.

L-għalliema tal-Malti għandhom ix-xogħol kruċjali li jipprovdu spazju edukattiv fejn l-istudenti japprezzaw aktar il-Malti u jħajru lill-istudenti Maltin iżommu u jew iżidu l-użu tal-lingwa nattiva tagħhom. Dan huwa possibbli bis-saħħa ta' lezzjonijiet ippjanati sewwa, permezz tal-użu ta' riżorsi interessanti. Hekk, kemm jekk kelliem jitkellem b'lingwa barranija, kif ukoll jekk jitkellem bil-Malti, ir-riżorsi jistgħu jimmotivawh biex jitgħallem, japprezza u jipprattika l-Malti.

Il-binja tar-riżorsi għandha tkun relatata ma' aspetti importanti fil-ħajja tal-istudenti fosthom dawk personali, soċjali u edukattivi. Għalhekk, dan il-kapitlu se jibda mir-riċerka ġenerali fuq xi pedagoġiji ewlenin tal-edukazzjoni, se jgħaddi għar-riċerka speċifika fuq il-pedagoġiji tat-tagħlim tal-letteratura, minħabba li r-riżorsi li se noħloq se jkunu ta' dan il-qasam, ikompli bil-vantaġġi tas-sillabu l-ġdid li jwassal għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) u jagħlaq b'sintesi. B'hekk il-qarrej se jkollu stampa aktar ċara tal-kunċetti fundamentali wara r-riżorsi maħluqin f'dan il-proġett.

## 2.2 L-iżviluppi pedagoġiċi fit-tagħlim ġenerali

Ir-riżorsi fil-lezzjoni għandhom jintużaw b'mod siewi fil-qafas ta' pedagoġiji maħsuba sewwa "sabiex l-esperjenza edukattiva tal-istudenti tissaħħaħ u tħalli l-frott b'aktar ħeffa u ħlewwa" (Camilleri Grima u Portelli, 2017, p. 65). B'hekk, l-għalliema jeħtieġu li jistħarrġu pedagoġiji effettivi biex joħolqu r-riżorsi u l-lezzjonijiet fuqhom. Ngħidu aħna, it-teorija taż-'Żona ta' Żvilupp Imqarreb' (Zone of Proximal Development) tal-psikologu Lev Vygotsky tissuġġerixxi l-idea li l-għalliema jżommu lill-istudenti mmotivati, billi jippreżentaw sfida. Dan iseħħ billi jitilqu minn dak li diġà jafu l-istudenti tagħhom u b'passi sempliċi u strutturati jimxu lejn dak li l-istudenti jistgħu jifhmu bl-għajnuna tagħhom, sakemm jibdew jifhmuhom waħedhom waqt li bil-mod il-mod u b'mod gradwali l-għalliema jżarmaw l-'armar' (scaffolding) biex l-istudenti jiżviluppaw funzjonijiet mentali ogħla (Kozulin, 1998; Axford et al., 2009).

Il-prattika tal-'armar' fiż-'Żona ta' Żvilupp Imqarreb' tkun l-aktar effettiva meta l-għalliema jkunu jafu lill-istudenti tagħhom sew billi jibnu relazzjoni tajba magħhom (Daniels, 2001). B'dan il-mod l-għalliema jkunu jistgħu jevalwaw it-tagħrif tal-istudenti tagħhom u jimmiraw lejn l-għan li jixtiquhom u jafu li kapaċi jilħqu. Pereżempju meta l-istudenti jkunu kisbu l-ħila li jiktbu komponimenti dwar numru ta' temi varjati, l-għalliema jiddeċiedu li jimxu għall-pass li jmiss u jrawmuhom fil-kitba tal-qbil u l-kuntrast tat-temi li jkunu diġà jafu. Minħabba li dawn l-istudenti jifhmu l-aktar permezz ta' stampi, bħala għajnuna l-għalliema juru stampi li jirrappreżentaw il-prinċipji li għandhom iżommu f'moħħhom meta jiġu biex iqabblu u jikkuntrastaw bejn żewġ temi jew aktar. Meta l-istudenti jirnexxilhom jilħqu l-għan tal-għalliema, bil-mod il-mod l-għalliema jibdew inaqqsu l-istampi waqt il-proċess ta' kitba sakemm l-istudenti jkunu draw jiżviluppaw dan it-tip ta' komponiment waħedhom.

Din il-konnessjoni bejn l-għalliema u l-istudenti skont Vygotsky hija indispensabbli fil-proċess tat-tagħlim u b'hekk ħoloq it-teorija soċjokulturali li tisħaq li t-tagħlim iseħħ billi l-bniedem jissoċjalizza ma' min għandu aktar tagħrif minnu (Kozulin, 1998). Għalhekk Vygotsky huwa sinonimu mat-tagħlim li jpoġġi l-istudent fiċ-ċentru. Dan jikkontradixxi mal-pedagoġiji tradizzjonali li jpoġġu lill-għalliema fiċ-ċentru mingħajr ma jiffukaw jew jaħsbu fuq l-ideat u l-bżonnijiet varji tal-istudenti. Dan minħabba li, bħalma jgħid Medveš (2018), dawn il-pedagoġiji kienu mibnijin fuq l-uniformità u mbiegħda mill-pluraliżmu. Huma kienu msejsa fuq il-perspettivi unitarji reliġjużi, filosofiċi u ideoloġiċi li jemmnu li edukazzjoni b'ideat u valuri

uniformi hija aktar effettiva u toħloq anqas tfixkil fil-messaġġi mgħoddija mill-għalliema (Medveš, 2018).

Pedagoġija simili għat-teorija soċjokulturali ta' Vygotsky, li wkoll tikkuntrasta mal-pedagoġiji tradizzjonali, hija dik tal-iżvilupp konjittiv tal-psikologu Jean Piaget. Piaget ukoll jagħti importanza lis-soċjalizzazzjoni iżda jemmen li t-tagħlim fil-bidu jseħħ permezz tal-istudenti li waħedhom jibnu t-tagħrif tagħhom biċċa biċċa iżda mbagħad iridu jinteraġixxu mar-realtà biex jitgħallmu (Sutherland, 1992). Piaget ukoll ikkonkluda li l-għan tal-edukazzjoni għandu jkun li l-istudenti jiżviluppaw funzjonijiet mentali ogħla mhux sempliċiment li jingħataw l-informazzjoni (Woolfolk, 2016). Fil-fatt l-idea tal-'iżbilanċ' (disequilibrium) ta' Piaget tixbah lil dik taż-'Żona ta' Żvilupp Imqarreb' ta' Vygotsky minħabba li tgħid li meta l-istudenti jsibu żbilanċ bejn skemi eżistenti u esperjenzi ġodda, jippruvaw jakkomodaw l-esperjenzi ġodda billi joħolqu bilanċ u b'hekk jitgħallmu (Chapman, 1992). Dan ikun aktar effettiv meta l-livell tal-iżbilanċ ikun fin-nofs, bħaż-'Żona ta' Żvilupp Imqarreb' għaliex meta d-differenza tkun ftit l-istudent ma jħossx motivazzjoni biex jitgħallem u meta tkun iżżejjed tista' taqta' qalb l-istudent (Woolfolk, 2016).

Skont Woolfolk (2016), metodu utli biex jinħoloq dan il-livell medju ta' toqol hu li l-għalliema jippreżentaw lill-istudenti sitwazzjonijiet b'riżultati mhux mistennija għax b'hekk jagħtu lill-istudenti motivazzjoni biex jerġgħu jaħsbu fis-sitwazzjoni mogħtija. Din hija teknika li faċli tiġi applikata matul l-ispettru tat-tagħlim tal-lingwa, mill-ħiliet l-aktar bażiċi sal-oqsma l-aktar diffiċli. Ngħidu aħna, fil-ħila tat-taħdit l-istudenti jiġu mogħtija test li l-għalliema jbiddlu t-tmiem jew xi partijiet minnu, jew iħalluhom barra għall-interpretazzjoni tal-istudenti. B'dan il-mod, l-istudenti jħaddmu aktar moħħhom u b'riżultat ta' dan il-proċess ta' taħdit aktar ikun imqanqal (Axford et al., 2009). Għalhekk, jidher kemm l-ideat ta' dawn il-psikologi jistgħu jitħaddmu b'mod universali fl-iskejjel, kemm jekk l-istudju jkun jirrifletti lil kulħadd bħal fil-każ ta' Vygotsky, u kemm jekk l-istudju jkun jirrifletti l-prattiċi ta' kulturi partikolari, bħal fil-każ ta' Piaget li jindirizza l-kulturi tal-Punent (Shaffer u Kipp, 2014).

McCain (2005) jiddeskrivi l-edukazzjoni tradizzjonali bħala waħda li tipproduċi persuni edukati inutli għax għalkemm jiksbu għarfien f'numru ta' suġġetti, ma jkunux mgħallma kif japplikawh fil-ħajja u b'hekk ma jkunux preparati jsolvu l-problemi waħedhom. Paolo Freire (1970), edukatur ġenjali, jirreferi għal dan il-mudell ta' edukazzjoni bħala 's-sistema bankarja' (the

banking system). Dan minħabba li l-għalliema jiddepożitaw l-informazzjoni fl-imħuħ tal-istudenti mingħajr ebda forma ta' riflessjoni jew analiżi, li huma ċ-ċavetta għat-tagħlim reali. Għalhekk, Freire (1970) jissuġġerixxi 'l-approċċ għas-soluzzjoni tal-problemi' (problem solving approach), fejn l-għalliema jistaqsu mistoqsijiet li jipprovokaw il-ħsieb immaġinattiv tal-istudenti sabiex jibnu l-għarfien u l-ideat. McCain (2005) jisħaq li dan l-approċċ jipprepara lill-istudenti għall-bidliet li jistgħu jseħħu matul iż-żmien, b'kuntrast tas-sistema bankarja li tipprepara lill-istudenti għal żmien partikolari u limitat biss.

Il-filosfu John Dewey (1997), bħal Freire fetaħ il-bibien tal-edukazzjoni għal approċċi ġodda li jġiegħlu lill-istudenti verament jaħsbu u mhux jassorbu l-informazzjoni biss. Huwa jispjega li l-istudenti għandhom jiġu mgħallma kif jaħsbu b'mod kritiku sabiex isiru adulti awtoeffiċjenti u b'hekk jiksbu suċċess. Din isseħħ permezz tal-'litteriżmu kritiku' (critical literacy), il-qari ta' testi b'lenti kritika aktar milli b'waħda passiva. Pereżempju fil-lezzjonijiet tat-taħdit iż-żewġ approċċi ta' Freire u Dewey jistgħu jitħaddmu faċilment fl-analiżi ta' xi sitwazzjonijiet partikolari ppreżentati mill-għalliema bl-għajnuna ta' mistoqsijiet li jqanqlu. Dan bl-għan li l-istudenti jaħsbu għas-soluzzjoni ta' problema b'mod kritiku u immaġinattiv. B'hekk l-istudenti jħossuhom essenzjali fl-iżvilupp tal-lezzjoni u jitrawwem fihom sens ta' apprezzament u b'konsegwenza motivazzjoni għat-tagħlim (Brophy, 2010).

F'dawn l-erba' pedagoġiji moderni l-pużizzjoni tal-istudenti fil-proċess tat-tagħlim hija waħda ċentrali, waqt li l-għalliema għandhom l-iskop li jiggwidaw lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet intellettwali tagħhom. Meta l-għalliema jibnu fuq dak li jafu l-istudenti kif jisħqu dawn it-teoriji, il-kapaċitajiet tal-istudenti jitjiebu. Iżda jekk l-għalliema jinsew dawn il-kapaċitajiet u jiffukaw fuq l-ideat u l-ħiliet tagħhom stess, jistgħu jikkawżaw konsegwenzi detrimentali fejn l-istudenti ma jkunux konxji tal-kapaċitajiet tagħhom u b'hekk iħossuhom demotivati fit-tagħlim tas-suġġett. Għalhekk, l-istħarriġ ta' pedagoġiji varjati għandu jkun il-pedament ta' kull għalliem, biex jiżviluppa b'mod effettiv ambjenti u proċessi ta' tagħlim li jqanqlu l-ħsieb riflessiv u awtoriflessiv tal-istudenti; u għaldaqstant jimmotivawhom jitgħallmu mhux biss fuq il-bankijiet tal-iskola iżda matul ħajjithom kollha.

## 2.3 L-iżviluppi pedagoġiċi fit-tagħlim tal-letteratura

It-tagħlim tal-letteratura huwa bżonjuż fil-ħajja tal-bniedem minħabba li dan f'xi punt f'ħajtu jista' jidħol f'rutina mgħaġġla ta' aljenazzjoni li diffiċli joħroġ minnha anka jekk għal ftit mumenti biss li b'konsegwenza ta' dan jisfa' fit-telf tiegħu nnifsu; ma jibqax konxju tal-identità tiegħu. Għalhekk il-letteratura tgħin lill-qarrej jieqaf, jirrifletti u jgħix il-mument tal-preżent b'mod sħiħ minkejja r-rutina (Lee, 2021). B'hekk, l-għalliema għandhom ir-rwol primarju li jġibu lill-istudenti konxji tal-konnessjoni b'saħħitha li teżisti bejn il-letteratura u l-ħajja.

Fil-fatt Schrijvers, Janssen, Fialho, De Maeyer, u Rijlaarsdam (2019) jispjegaw li t-testi letterarji jagħtu l-opportunità liż-żgħażagħ biex jimirħu fin-natura umana, jiġifieri jiżviluppaw għarfien fuqhom infushom u fuq il-bnedmin ta' madwarhom. Schrijvers et al. (2019) jgħidu li numru ta' pajjiżi jħaddmu din il-pedagoġija fil-lezzjonijiet tal-letteratura. Ngħidu aħna, fil-Belġju dokumenti kurrikulari tal-2017 jenfasizzaw li l-istudenti għandhom ipoġġu l-esperjenzi letterarji tagħhom f'kuntest soċjali filwaqt li l-Kunsill Nazzjonali tal-Għalliema tal-Ingliż fl-2012 jisħaq li l-istudenti kapaċi japprezzaw kemm ir-relevanza tat-testi letterarji f'ħajjithom kif ukoll il-perspettivi li jistgħu jikkontradixxu l-perspettivi tagħhom (Schrijvers et al., 2019).

Iżda minkejja dawn il-vantaġġi, Schrijvers et al. (2019) jesprimu li l-istudenti m'għandhomx konsapevolezza metakonjittiva vasta meta jiġu biex japplikaw l-istrateġiji tal-qari letterarju. Huma jżidu li raġuni wara din il-limitazzjoni tista' tkun li ħafna żgħażagħ ma jħossuhomx kunfidenti fil-kapaċitajiet tagħhom bħala qarrejja u għalhekk huma jaslu biss għal analiżi sempliċi ta' test letterarju, taqsiriet litterali u deskrizzjonijiet tal-karattru. Xi strateġiji li jistgħu jgħinuhom fil-vjaġġ esplorattiv tat-test huma li kontinwament jiddjalogaw magħhom infushom dwar il-mistoqsijiet li joħorġu mit-test (ngħidu aħna bħal meta jippruvaw jifhmu l-ħsieb ta' karattru u r-raġuni warajh); jagħmlu rabtiet bejn ir-rispons primarju tagħhom u t-tekniki letterarji tat-test bħalma huma l-analessi, il-fokalizzazzjoni u s-suspans psikoloġiku; kif ukoll josservaw il-proċess tal-qari tagħhom (Schrijvers et al., 2019).

It-testi letterarji huma spazji li jistiednu d-djalogu bejn il-karattri, bejn il-karattri u l-qarrej jew bejn il-qarrej u l-awtur (Schrijvers et al., 2019). Għalhekk l-istudenti għandhom ikunu fil-libertà li jirriflettu fuq ir-reazzjonijiet primarji tagħhom meta jiltaqgħu ma' test (Rosenblatt, 1983). B'hekk is-skiet biex l-istudenti jiddjalogaw mal-qari huwa saljenti (Camilleri Grima u

Portelli, 2017). Il-ħila tal-kitba tista' tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-istudenti f'dan id-djalogu billi tħeġġiġhom jirriflettu fuq l-esperjenzi personali tagħhom qabel il-qari ta' test, jinnutaw ir-rispons tagħhom waqt il-qari, jieħdu notamenti tiegħu u janalizzaw ir-rispons tagħhom wara l-qari (Schrijvers et al., 2019). B'hekk bħalma jsostnu Portelli u Camilleri Grima (2002); "Spiċċa ż-żmien fejn l-għalliem jidħol, jaqra mit-test jew iqabbad lill-istudenti tiegħu jaqraw b'leħen jinstema', jagħti ftit mistoqsijiet b'xejra ta' taħriġ il-fehem, u forsi jagħti xi nota qasira ... bit-tama fiergħa li xi darba, ġeneralment qabel xi eżami, se jerġgħu jaqrawha" (p.173).

Dawn il-metodi analitiċi jipproduċu studenti awtonomi li tant jiksbu konsapevolezza tal-fehim letterarju tagħhom li jkunu kapaċi jidentifikaw id-diffikultajiet u jippruvaw joħorġu b'soluzzjonijiet huma, bħal ngħidu aħna li jieqfu biex jaħsbu u jsaqsu mistoqsijiet (Schrijvers et al., 2019). Din il-kisba tixbah lit-teoriji ta' Freire (1970) dwar l-'approċċ għas-soluzzjoni tal-problemi' u ta' Dewey (1997) dwar il-'ħsieb kritiku' li jissimbolizzaw ċavetta meta l-istudenti japplikawhom għal ħajjithom stess. B'hekk l-għalliema għandhom iġibuhom konxji tal-vantaġġi ta' din il-kisba u jgħinuhom ipoġġuha fil-kuntest reali ta' ħajjithom biex il-konnessjoni bejn il-letteratura u l-ħajja reali tibqa' tissaħħaħ f'għajnejn l-istudenti.

L-awtonimija fl-istudenti skont Schrijvers et al. (2019) tispikka wkoll meta wara d-djalogu interjuri mat-test l-istudenti jaqsmu l-interpretazzjonijiet tagħhom fi gruppi żgħar jew bħala klassi li huma jsejħulu djalogu esterjuri. Id-djalogu esterjuri skonthom u skont Piaget (Woolfolk, 2016) għandu żewġ benefiċċji importanti. L-ewwel benefiċċju huwa dak konjittiv permezz tal-interazzjoni soċjali minħabba li l-funzjonijiet tal-lingwa bħall-ispjegazzjoni, ir-raġunament, u l-formazzjoni tal-mistoqsijiet jistimulaw il-ħsieb u l-iżvilupp tal-għarfien. It-tieni benefiċċju huwa l-benefiċċju kostruttivista soċjali għax l-istudenti jitgħallmu jikkunsidraw il-perspettivi tal-oħrajn, ikunu attivi fit-tagħlim u jiżviluppaw ħiliet ogħla tal-ħsieb tagħhom. Din il-mixja bejn id-djalogi tixbah lill-argument ta' Knights (2017) meta jgħid li l-istudenti għandhom jitgħallmu jimxu mill-ewwel impressjonijiet mimlija emozzjonijiet ta' test  għal evalwazzjoni analitika xierqa. Għalhekk, id-djalogi esterjuri jixbhu lil dawk interjuri- fl-awtonomija u jistgħu jissodisfaw ukoll bżonnijiet oħra bħall-kompetenza u r-relatar li jżidu fil-motivazzjoni għat-tagħlim. Dan il-kunċett jixbah it-teorija tal-awto-determinazzjoni (Schrijvers et al., 2019). Portelli u Camilleri Grima (2002) ukoll jesprimu l-istess idea dwar id-

djalogu jew ir-rispons u jsostnu li dan jista' jinqasam fi tnejn: dak personali jiġifieri tal-qarrej, u dak soċjali mal-oħrajn f'"komunità ta' interpreti" (Fish, 1980, p.173).

Schrijvers et al. (2019) jemmnu li din it-tranżizzjoni bejn id-djalogi, minħabba li tgħin lill-qarrej jikseb għarfien aktar profond fuq in-natura umana, twasslu jikseb ukoll vantaġġi ta' virtù, bħall-vitalità, l-awtoattwalizzazzjoni u l-espressività personali. Għalhekk skont dan l-istudju l-letteratura toffri numru ta' ħiliet li jistgħu jiżviluppaw u jbiddlu ħajjet il-qarrej meta huwa ma jħarisx lejha bħala sempliċiment kliem imma bħala esperjenza letterarja sħiħa. McLean Davies, Doecke u Mead (2013) ukoll jittrattaw il-letteratura bħala esperjenza u għaldaqstant isostnu li din m'għandhiex titqies bħala test 'il bogħod mill-ambjent storiku u soċjali li fih tinkiteb u tiġi apprezzata. Huma jsejħu dan il-fenomenu 'soċjabilità letterarja' (literary sociability).

Skont McLean Davies et al. (2013), dan it-terminu jiffoka wkoll fuq l-identitajiet tal-komunità li huma ffurmati bil-ħiliet tal-kitba u l-qari letterarju. Kif jenfasizzaw Kirkpatrick u Dixon (2012) dan huwa xogħol interpretattiv li jistudja l-konnessjonijiet soċjali li jgħaqqdu l-produzzjoni u ċ-ċirkulazzjoni tat-testi bħala testi fihom innifishom. Għalhekk l-istudenti, bl-għajnuna tal-għalliema, għandhom jesploraw it-testi mil-lenti lokali, nazzjonali u globali biex jifhmu kemm it-test kif ukoll is-soċjetà ta' madwarhom b'mod ħolistiku (McLean Davies, Doecke u Mead, 2013; Poon, 2010). Dan, bħalma jisħaq Vygotsky, sakemm jinternalizzaw din il-ħila, u l-'armar' tal-għalliema jitneħħa (Axford et al., 2009).

Poon (2010) telabora li din l-esplorazzjoni tgħin lill-istudenti jaddattaw għar-realtajiet varji, ikunu attivi fid-demokrazija u għall-isfidi edukattivi tad-dinja globalizzata. Hija żżid li dan il-vjaġġ irid jibda minn testi letterarji relatati mal-klassi soċjali, ir-razza, l-etniċità, l-identità nazzjonali u s-sesswalità. B'hekk hija tenfasizza s-sensibilità kosmopolitana; meta wieħed ikun lest li jinteraġixxi ma' bnedmin differenti minnu, li skontha huwa l-mod ta' kif is-soċjetà timxi 'l quddiem. Din is-sensibilità tmur id f'id mal-awtoriflessjoni, żewġ kunċetti li jaħdmu flimkien fil-letteratura għax din tpoġġi l-kundizzjoni umana f'kuntest universali (Poon, 2010). Dawn il-kunċetti varji ta' ħsieb jikkuntrastaw mal-pedagoġiji tradizzjonali fejn it-tagħlim ikun iffukat fuq l-għalliema u mibni fuq l-uniformità biex ma joħloqx tfixkil permezz ta' interpretazzjonijiet differenti (Medveš, 2018).

Poon (2010) b'hekk tispjega li l-kurrikulu m'għandux ikun sempliċiment lista ta' ħiliet li l-istudenti jridu jiksbu għax dan il-metodu jwassal biex l-istudenti jidħlu f'aljenazzjoni 'l bogħod mill-kuntest soċjali u kulturali. Minflok dan irid jersaq lejn l-approċċ kritiku kosmopolitan, irid jimmira li jiddeskrivi attitudni u orjentazzjoni lejn soċjetajiet, kulturi u perspettivi oħra li jistgħu jkunu żviluppati fil-klassi tal-letteratura (Dewey, 1997). Dan dejjem bl-għeruq fil-lokal tal-istudenti biex huma jqabblu r-realtajiet, b'hekk tispikka dak li Luke u Carrington (2004) isejħulha "l-letteratura glokalizzata" li mil-lokali tasal fil-globali (p.63). L-għalliema jistgħu jwettqu dan billi jaqraw l-istess test minn lentijiet ta' kulturi differenti u l-istudenti jesprimu kif ħassewhom kieku huma kienu parti minn dawn l-istess kulturi.

Minħabba li l-klassijiet tagħna qegħdin ikunu aktar multietniċi, multikulturali u multireliġjużi minn qatt qabel, il-varjetà tista' tkun riżorsa effettiva għax l-istudenti jaraw relevanza bejn id-dinamiċità fil-letteratura, fil-klassi u fil-ħajja 'l barra mill-iskola (Poon, 2010). B'hekk huwa essenzjali li l-ambjent tal-klassi jkun wieħed pożittiv biex l-istudenti jħossuhom komdi jitkellmu fuq l-identità tagħhom u tal-oħrajn. Dan gradwalment jista' jgħin fir-rikostruzzjoni tan-nazzjon u tad-dinja (Poon, 2010).

Cahalan (2008) jitkellem fuq perspettiva simili għal ta' McLean Davies, Doecke u Mead (2013) u Poon (2010) iżda jindirizzaha b'mod partikolari għax jiffoka fuq il-letteratura tar-raħal twelid (hometown literature). Huwa jgħid li meta l-istudent janalizza r-rabta bejn raħal twelid awtur u l-kitbiet tiegħu jifhem aktar kif il-kuntest soċjali jibni l-letteratura. Skont Cahalan (2008), dan l-approċċ jgħin lill-istudenti jifhmu aktar l-identitajiet tagħhom ukoll għax bħar-rabta msemmija jassoċjaw raħal twelidhom mal-identità tagħhom stess. Dan jispikka aktar meta raħal twelid l-awtur u l-istudent ikunu l-istess. B'hekk l-istudenti jkabbru l-għarfien tagħhom fuq raħal twelidhom: l-istorja, il-ġeografija u l-konnessjonijiet ma' postijiet oħra (Cahalan, 2008).

Minħabba li dan l-istudju huwa ambjentat 'il barra minn Malta kull raħal huwa relattivament akbar u għalhekk ħafna jibqgħu jgħixu fih bi ftit ċaqliq lejn irħula oħra. B'hekk tidher id-distinzjoni ħdejn Malta li għalkemm ir-raħal twelid huwa parti integrali mill-ħajja tal-bniedem Malti, għall-maġġoranza din il-ħajja tiġi estiża għal irħula oħra. Għalhekk, f'Malta l-pedagoġija msemmija tista' tapplika mhux għal awturi ta' raħal twelid l-istudenti biss imma wkoll għal awturi minn postijiet Maltin sinifikanti f'ħajjet l-istess studenti. Ngħidu aħna, jekk l-għalliema

jridu jiffukaw fuq Dun Karm u ħafna mill-istudenti togħġobhom in-natura, huma jgħidulhom ifittxu u jiktbu fuq raħal twelidhom, postijiet oħra sinifikanti għalihom f'Malta, u kif ħassewhom meta kienu fihom; biex janalizzaw ir-rabta man-natura u għaldaqstant jifhmu aktar lilhom infushom u l-awtur. Din ir-rabta bejn il-qarrej u l-awtur tankra t-test f'moħħ il-qarrej għax dan qatt ma jinsa l-esperjenzi tiegħu li jqanqlu fih l-emozzjonijiet (Cahalan, 2008; Steiner, 1996). B'hekk Cahalan (2008) jisħaq li jimxi mal-pedagoġija żviluppata minn Rosenblatt (1983) li tiffoka fuq ir-rispons tal-qarrej. Din tikkuntrasta mas-'sistema bankarja' tat-tagħlim tradizzjonali, fejn l-għalliema bħal donnhom jiddepożitaw l-informazzjoni fi mħuħ l-istudenti bla ebda tip ta' riflessjoni u b'hekk ikunu qegħdin jippreparawhom għall-eżami biss (Freire, 1970).

L-istudenti bl-istħarriġ fuq raħal twelidhom ikunu aktar preparati jestendu dan is-sens b'saħħtu ta' post lejn awturi oħrajn mill-istess post, postijiet differenti fil-pajjiż u madwar id-dinja (Cahalan, 2008). Għaldaqstant, l-istudenti jkunu aktar empatiċi lejn il-bniedem in ġenerali. Bħal Luke u Carrington (2004), Cahalan (2008) isostni li l-letteratura tar-raħal twelid għandha issir "glokali" u b'hekk tfakkarna li kull post fuq il-globu huwa wkoll lokali (p.251). Fil-fatt Friggieri (1986) jispjega li għalkemm il-letteratura hija parti mill-aspett storiku u soċjali, il-vjaġġ kreattiv jitlaq mill-istorja iżda d-destinazzjoni finali tiegħu għandha tkun lil hinn minnha biex l-umanità kollha tgawdi mit-test u mhux biss in-nies tal-post u tal-epoka. Friggieri (1986) iżid li awtur tajjeb "grammatikalment jgħaddi mill-pronom *jien* għall-pronom *aħna* mill-avverbju *issa* għall-avverbju *dejjem*" (p.3). B'hekk l-għalliema għandhom iġibu fid-dawl il-partikolarità u l-universalità ta' test letterarju biex l-istudenti jkollhom esperjenza kompluta. Cahalan (2008) jisħaq li xi ideat li jgħinu lill-istudenti jibdew dan il-vjaġġ huma li jiddeskrivu l-aktar memorja ċara li għandhom mit-tfulija jew l-ewwel memorja tal-ħajja għax dawn ikunu partikolari u ħafna drabi marbutin ma' raħal twelidhom.

### *It-tagħlim tal-letteratura f'Malta*

F'Malta, skont ir-riċerka ta' Galea (2008) dwar it-tagħlim tal-letteratura fis-sekondarja, l-istudenti fil-maġġoranza mhumiex qegħdin jitpoġġew fiċ-ċentru minkejja l-vantaġġi numerużi ta' dan l-approċċ. Dan ir-riżultat nista' nikkonfermah minn dak li esperjenzajt waqt l-

osservazzjonijiet li għamilt fl-iskejjel bħala parti mill-perjodu ta' taħriġ prattiku. L-għalliema aktar qegħdin jiffukaw fuq id-dettall esaġerat tat-test milli fuq l-esperjenzi tal-istudenti u dan iġiegħel lill-istudenti jħossuhom demotivati u diżinteressanti fis-suġġett. Skont Galea (2008) l-istudenti li rat jixtiequ jitgħallmu permezz ta' metodi varji: qari magħmul minnhom, diskussjonijiet f'pari jew fi grupp, kitba kreattiva, kant, drama, improvizzazzjoni u logħob ta' stħajjil. Għalhekk hija titfa' dawl fuq il-fatt li l-għalliema jridu jkunu konxji tal-preferenzi ta' tagħlim tal-istudenti biex il-lezzjoni tkun iffukata fuq l-udjenza aktar milli fuq it-test.

Skont Galea (2008) meta l-għalliema jippreżentaw test li jinvolvi storja bħal rumanz jew novella ħafna drabi dan it-test ma jkunx ippreżentat b'mod li jqanqal diskussjoni. Skont l-istess awtriċi, l-istudenti jippreferu stili ta' tagħlim aktar kreattivi biex jesperjenzaw it-testi letterarji b'mod aħjar. Skont Kelner (1993) dan jgħinhom itejbu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom, il-memorja u l-ħiliet sekwenzjali. Min-naħa l-oħra, fil-lezzjoni tal-poeżija skont Galea (2008), l-għalliema wara l-qari jesprimu minnufih l-opinjoni tagħhom dwar it-test. Dan iwassal biex jinfluwenza lill-istudenti, b'hekk jinżammu f'żona komda li ma timmotivahomx jaħsbu dwar interpretazzjonijiet differenti. Dan huwa approċċ oppost ta' dak li jisħqu fuqu Portelli u Camilleri (2002) għax huma jħeġġu li l-qari u r-rispons ta' test għandhom isiru flimkien u jkunu ffukati fuq l-istudenti. Huma jkomplu jelaboraw li metodu popolari użat mill-istudjużi tar-rispons letterarju hu l-qari kontinwament imwaqqaf fil-partijiet essenzjali biex l-istudenti jkomplu jibnuh bir-rispons dirett tagħhom. B'hekk il-qari tat-test "jibqa' għaddej għal dejjem fil-konxju u jitkompla fl-inkonxju tal-qarrej ... sakemm xi darba ... tasal lehma li tfakkru fit-test jew turih interpretazzjoni plawsibbli tat-test" (Portelli u Camilleri, 2002, p.175).

Xi għodod importanti oħra fil-lezzjoni tal-letteratura li jgħinu lill-istudenti fl-esplorazzjoni tat-test skont Portelli u Camilleri (2002) huma: it-tqarrib tal-esperjenza tat-test lejn dik tal-istudenti fid-daħla; il-qari varjat (fis-skiet, b'numru ta' ilħna, jew b'ritmi differenti) li jgħajjex il-kliem miktub; u l-mistoqsijiet miftuħa mingħand l-għalliema wara l-qari biex joħorġu dak li hemm mistur f'moħħ u f'qalb l-istudenti. Huma jgħidu li l-għalliema jistgħu jiffurmaw lill-istudenti f'qarrejja indipendenti li jgawdu l-esperjenza letterarja billi joħolqu ambjent pożittiv li jħeġġeġ lill-istudenti jesprimu l-ħsus dwar test bil-fomm li jinbidel f'kitba f'punti, f'paragrafu u aktar tard f'esej billi l-għalliema juruhom it-termini sempliċi li għandhom jużaw. Skont Gatt, f'Camilleri Grima u Portelli (2017), ir-riżorsi jkabbru dan is-sens ta' indipendenza fit-tagħlim

tas-suġġett għax l-istudenti jsiru aktar kunfidenti f'dak il-kontenut. Hu jżid li r-riżorsi strutturati jgħinu fil-binja u fid-direzzjoni tal-proċess tat-tagħlim minħabba li jnaqqsu d-dubji tal-istudenti dwar l-aspettattivi tal-għalliema.

Bħala konklużjoni, il-pedagoġiji li jpoġġu lill-istudent fiċ-ċentru huma vitali biex jgħinu lill-istudenti jiksbu l-ħiliet tal-awtonimija u l-indipendenza li jeħtieġu matul ħajjithom biex igawdu u jirriflettu fuq il-mument tal-preżent u jitbiegħdu mill-aljenazzjoniji li tista' tinsab kemm fil-klassi tal-letteratura kif ukoll fil-ħajja in ġenerali. Barra minn hekk, iż-żieda tal-awtonomija timxi id f'id maż-żieda tal-imħabba lejn is-suġġett, bħalma jsostnu Camilleri Grima u Portelli (2017).

## 2.4 Is-sillabu l-ġdid taċ-ĊES

Il-kontenut, il-pedagoġija u l-assessjar tat-tagħlim huma influwenzati u ggwidati minn x'inhu preskritt fis-sillabu. Għalhekk, ovvjament, is-sillabi għandhom importanza kbira fil-proċess tat-tagħlim. L-istudenti b'mod naturali jibnu xogħolhom skont il-kontenut tas-sillabu u b'hekk huwa jaffettwa kif l-istudenti jħarsu lejn is-suġġett (Knights, 2017; Sundari et al., 2018). Għaldaqstant huwa xieraq li s-sillabu jkun aġġornat minn żmien għall-ieħor biex jirrifletti r-realtajiet ġodda u żviluppi pedagoġiċi li jkunu qed iseħħu (Camilleri Grima u Portelli, 2017).

Dan huwa l-każ tas-sillabu tal-Malti li jwassal għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) f'Malta. Fl-2020 ġie żviluppat sillabu ġdid li jpoġġi lill-istudenti aktar fiċ-ċentru minħabba li jiffoka fuq l-awtonomija tagħhom kif inhu xieraq skont il-pedagoġija moderna (ĊES22 Sillabu, 2021). Dan is-sillabu, li huwa ppjanat li jibda jiġi mgħallem mis-sena skolastika tal-2022, se jkun implimentat fl-aħħar tliet snin tas-sekondarja permezz ta' kisbiet li jinqasmu f'kisbiet iżgħar skont il-livell edukattiv tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. Dan f'kuntrast mas-sillabu attwali taċ-ĊES li huwa implimentat fuq l-aħħar sentejn tas-sekondarja u ma jidentifikax x'kisbiet għandhom ikunu milħuqin imma jindika biss lista ta' kontenut li student għandu jitgħallem għall-eżami mingħajr ma jitfa' dawl fuq x'se jirnexxilu jitgħallem għal ħajtu.

Apparti minn dan, is-sillabu l-ġdid taċ-ĊES, li jinkorpora ħmistax-il kisba ewlenija mit-tagħlim maqsumin skont iż-żewġ oqsma u l-erba' ħiliet tal-lingwa, għandu sistema ġdida ta' assessjar

(ĊES22 Sillabu, 2021). L-assessjar huwa maqsum: 30% f'assessjar kontinwu msejjaħ 'coursework' matul it-tliet snin u 70% f'eżami bil-kitba msejjaħ 'il-karta controlled' fl-aħħar sena li jvarja bejn żewġ livelli: QML livell 1 sa 2 u QMK livell 2 sa 3 (ĊES22 Sillabu, 2021). Dan, qed isir bl-iskop li l-marka finali tkun tassew tirrifletti l-ħiliet miksubin matul il-vjaġġ edukattiv tal-istudenti. Ir-riżorsi li se noħloq f'dan il-proġett se jkunu ta' livell 3 li huwa l-ogħla livell issettjat fiċ-ĊES iżda se nagħti wkoll xi ideat dwar kif dawn ir-riżorsi jistgħu jintużaw għal-livelli l-oħra. F'dan is-sillabu kull livell għandu l-għarfien (l-akkwist ta' informazzjoni bażika, fattwali jew teoretika) u l-ħiliet (l-applikazzjoni tal-għarfien miksub u l-fehim ta' kuntesti differenti) partikolari tiegħu (ĊES22 Sillabu, 2021). B'mod ġenerali l-għarfien f'livell 3 jinvolvi l-"għarfien ta' fatti, prinċipji, proċessi u kunċetti ġenerali fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwa" filwaqt li l-ħiliet jinkludu "firxa ta' ħiliet prattiċi u konjittivi meħtieġa biex jitwettqu ħidmiet u jissolvew problemi billi jingħażlu u jiġu applikati metodi, għodod, materjali u informazzjoni bażiċi" (ĊES22 Sillabu, 2021, p.5-6).

F'dan is-sillabu t-testi letterarji għall-assessjar mhumiex preskritti biss, bħas-sillabu attwali, imma wkoll unseen. B'hekk l-istudenti aktar jitrawmu fl-awtonomija fejn tidħol l-analiżi kritika ta' test. Dan il-kunċett ta' awtonomija barra li jispikka fid-dokument tas-sillabu jispikka wkoll fid-daħla tal-antoloġija tas-sillabu *Hemm Art fil-Folja.* Id-daħla tistieden lill-qarrejja jkunu parteċipanti attivi fil-qari tat-testi letterarji miġburin "billi jinteraġixxu magħhom, jipperċepixxuhom u jinterpretawhom b'maturità u b'awtonomija" (MATSEC Support Unit, 2020, p.v). Id-daħla telabora li l-qarrejja kollha jġorru l-esperjenzi tagħhom u l-prattika fit-tekniki letterarji; b'hekk huma "għandhom iħossuhom kunfidenti u liberi biex jibnu lit-testi filwaqt li jħallu lit-testi jibnuhom lura" (MATSEC Support Unit, 2020, p.v). Għaldaqstant id-daħla tenfasizza li l-eżami dwar din l-antoloġija għandu jkun parti minn esperjenza dinamika u mhux l-għan ewlieni. Dan jikkuntrasta mad-daħla tal-antoloġija tas-sillabu attwali *Bejn Ħaltejn* li mill-ewwel tindirizza l-fatt li din l-antoloġija hija għall-eżami tal-Malti fil-livell taċ-ĊES u għalkemm titkellem fuq il-qarrejja, il-kunċett tal-awtonomija ma jissemmiex (MATSEC Support Unit, 2011).

Bħalma sabet Galea (2008), f'Malta ħafna drabi l-għalliema jħossuhom maqbudin ġo gaġġa kiefra minħabba l-eżamijiet u l-laħqa mas-sillabu li b'riżultat ta' dan tisfa' f'atmosfera negattiva fil-lezzjonijiet tal-letteratura li fiha l-istudenti jeħtieġu jleħħnu r-rispons tagħhom.

Iżda sillabu bħal taċ-ĊES li jiffoka fuq l-awtonomija jista' jittrasforma din il-gaġġa fi ġnien imlewwen. Dan għaliex l-għalliema huma inkoraġġuti jikkonċentraw l-enerġija tagħhom fuq il-kwalità aktar milli l-kwantità minħabba li l-istudenti, b'taħriġ varju, se jitgħallmu jkunu awtonomi. B'hekk ir-relazzjoni mat-testi letterarji f'dan is-sillabu se tkun aktar faċli u ffjurita li bħala riżultat il-kwantità se tintleħaq b'mod komdu.

Din il-konċentrazzjoni fuq il-kwalità tal-edukazzjoni hija ta' benefiċċju għall-istudenti mhux biss waqt li huma għadhom fuq il-bank tal-iskola, għaliex iħossu li t-tagħlim huwa interessanti, prattiku u rilevanti għall-ħtiġijiet tagħhom, imma wkoll peress li jitjiebu f'ħiliet li huma se jużaw fil-ħajja ta' kuljum kemm waqt li għadhom studenti kif ukoll ladarba huma jispiċċaw fuq il-postijiet tax-xogħol u fl-isferi l-oħra ta' ħajjithom. Fil-fatt is-sillabu jgħid li sal-aħħar tal-programm l-istudenti se jkunu kapaċi: jikkomunikaw tajjeb bil-Malti ma' udjenzi varji fil-kuntesti differenti li jistgħu jiltaqgħu magħhom f'ħajjithom; jużaw il-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa b'mod addattat u effettiv li jbiddilhom f'parteċipanti tas-soċjetà li jgħixu fiha; ikomplu jistudjaw fil-futur billi jkunu kisbu l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet neċessarji biex jibqgħu jitgħallmu matul ħajjithom kollha; u japprezzaw karatteristiċi differenti bħal dawk kulturali, letterarji, soċjali u politiċi, u jibnu perċezzjonijiet personali għalihom biex b'dan il-mod ikunu ċittadini attivi fid-dimensjonijiet kollha tal-ħajja ta' madwarhom (ĊES22 Sillabu, 2021).

## 2.5 Il-konklużjoni

Dan il-kapitlu għalkemm kien limitat b'ammont ta' kliem peress li jagħmel parti minn proġett, inkorpora l-essenzjali biex wieħed jifhem il-prinċipji rriċerkati u riflessivi wara r-riżorsi maħluqin f'dan il-proġett. Huwa ffoka fuq il-pedagoġiji tat-tagħlim in ġenerali, mexa għall-pedagoġiji tal-qasam letterarju u finalment ta ħarsa lejn is-sillabu l-ġdid taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES). B'hekk dan il-kapitlu jservi ta' pont sod għall-kapitlu li jmiss għax permezz tiegħu l-qarrej ikun aktar konsapevoli tal-pedagoġiji u s-sillabi varji eżistenti u b'hekk jifhem aktar l-importanza tar-riżorsi fil-klassi u l-formazzjoni tagħhom.

# 3.0 Il-Ħarsa Letterarja fuq ir-Riżorsi

## 3.1 Id-daħla

L-ewwel ma tiekol l-għajn. Meta wieħed jidħol fi klassi l-ewwel fattur li jinnota f'dak l-ambjent ikunu r-riżorsi edukattivi mwaħħla mal-erba' ħitan tal-klassi. Il-kuluri u l-preżentazzjoni ta' dawn ir-riżorsi ħafna drabi jkunu jispikkaw. Skont Kress (2010) l-użu effettiv tal-kuluri fir-riżorsi tat-tagħlim għandu l-potenzjal li jgħin fl-attenzjoni u l-memorja tal-istudenti. Għalhekk l-għalliema għandhom jużaw dan l-element fost elementi importanti oħra għall-vantaġġ tagħhom u jżejnu l-klassi b'riżorsi edukattivi kkuluriti u divertenti biex jintużaw fil-lezzjonijiet. Din l-effettività tar-riżorsi edukattivi fuq l-istudenti u l-għalliema tiżdied aktar kemm ir-riżorsi jkunu tħejjew bi ħsieb li jinkorporaw elementi varji bħalma huma l-kuluri, l-istampi u t-tipa. B'hekk l-istudenti aktar jitgħallmu għax ikunu qegħdin jieħdu gost fl-ambjent tat-tagħlim bir-riżultat li jiġi affetwat l-entużjażmu tal-għalliema; b'hekk jinħoloq ċiklu pożittiv (Yunus et al., 2013).

Dan il-kapitlu se jibda billi jiddiskuti l-ħtieġa tar-riżorsi in ġenerali biex il-qarrej primarjament jifhem l-importanza tagħhom fil-proċess tat-tagħlim. Il-kapitlu mbagħad se jgħaddi għal ħarsa aktar speċifika lejn il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tar-riżorsi tradizzjonali u diġitali. Wara se jiddiskuti l-kunsiderazzjonijiet etiċi li għandu jkun hemm fil-ħolqien ta' riżorsi xierqa u se jagħlaq b'sintesi tal-kapitlu.

## 3.2 Il-ħtieġa tar-riżorsi

Ir-riżorsi huma għodod użati mill-għalliema biex jiffaċilitaw il-proċess tat-tagħlim fil-klassi (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Singh, 2020; Willis, 2007). Permezz tagħhom l-għalliema jippersonifikaw it-testi fil-kotba tal-istudenti minħabba li indirettament idaħħlu atmosfera ħajja fil-klassi (Singh, 2020). Ir-riżorsi għandhom l-għan ukoll li jirrelataw it-tagħlim mal-ambjent li l-istudenti jgħixu fih biex huma jippersonalizzaw u jinternalizzaw il-materjal edukattiv li jkunu qed jitgħallmu (Singh, 2020; Willis, 2007).

Skont Singh (2020) ir-riżorsi huma medji li jinvolvu l-istudenti mentalment, fiżikament, emozzjonalment u ambjentalment. Huwa jelabora li riżorsa tista' tinvolvi lill-istudenti: mentalment għax tqanqlilhom il-ħsieb, fiżikament permezz tas-sensi u d-drama, emozzjonalment minħabba l-eċitament u l-emozzjonijiet l-oħrajn li jħossu u ambjentalment permezz ta' ħarsien lejn ħajja partikolari. Għalhekk, meta l-istudenti jkunu involuti aktar għandhom ċans li jifhmu u jiftakru l-materjal kopert. Singh (2020) jisħaq li r-riżorsi jgħinu lill-istudenti jtejbu ħiliet bħall-qari, juru u jsaħħu fatti jew ideat u jnaqqsu l-ansjetà, il-biżgħat u n-nuqqas ta' interess minħabba li ħafna riżorsi jieħdu x-xeħta ta' logħba. Huma joħolqu esperjenza multisensorja, interattiva u diretta għall-istudenti li b'riżultat ta' dan timmotivahom ikomplu jitgħallmu (Singh, 2020).

Barra minn hekk, Singh (2020) iżid li r-riżorsi jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw stampa sħiħa meta huma jaraw, jisimgħu, iduqu u jxommu kif ukoll jipprovdu eżempji konkreti għall-ħsieb kunċettwali u b'hekk jagħtu lok għal kunċetti sinifikanti waqt li jibnu ambjent attiv u interessanti għall-istudenti. Skont Singh (2020) u Yunus et al. (2013) dawn l-għajnuniet huma ta' vantaġġ ukoll għax huma ekonomiċi u effiċjenti. Vantaġġ interessanti ieħor li jsemmi Singh (2020) huwa li dawn l-għajnuniet mhux biss jgħinu fis-suġġett mgħallem imma wkoll f'suġġetti oħra bħal ngħidu aħna meta l-għalliem iqabbel ir-relazzjoni ta' żewġ karattri mal-effett tar-reazzjoni tat-taħlita ta' żewġ kimiċi flimkien. Meta għalliem jagħmel hekk ikun qed jgħin lill-istudenti tiegħu jiżviluppaw attitudnijiet xjentifiċi u japplikawhom f'suġġett ieħor li m'għandux x'jaqsam bħalma huwa l-lingwa. Dan kollu jixhed li l-aħjar użu tar-riżorsi huwa meta jkun marbut ma' kuntest għaliex dan jgħin lill-istudenti jitgħallmu għarfien għal ħajjithom. Idealment l-għalliema għandhom jiggwidaw lill-istudenti, jikkreaw ambjent sigur ta' kooperazzjoni u kompetizzjoni pożittiva u produttiva, jagħrfu u jispjegaw l-għanijiet, jagħtu rispons kontinwu, u jfaħħruhom meta jistħoqqilhom (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Singh, 2020; Willis, 2007). L-għalliema għandhom isibu bilanċ bejn li jkunu persuni ta' awtorità li jiggwidaw waqt li jkunu ħbieb l-istudenti biex joħolqu atmosfera pożittiva u naturali li tassisti fit-tagħlim ġenwin u tħeġġeġ lill-istudenti fil-qari awtonomu biex itejbu l-fehim (Singh, 2020; Yunus et al., 2013; Ohwojero, 2015). Dan kollu jgħin lill-istudenti jaħdmu b'kunfidenza għax ikunu konxji li għandhom aċċess għall-għodod u s-sapport meħtieġa biex jilħqu l-għanijiet li hemm bżonn (Willis, 2007).

Apparti minn hekk, dawn ir-riżorsi, li fost oħrajn jikkonsistu f'filmati, awdjo, u għodod prattiċi li jinvolvu lill-istudenti, huma użati mis-snin bikrin tal-iskola bħal fl-użu ta' whiteboard jew blackboard bħala għodod viżwali u DVD players u projectors bħala għodod awdjoviżivi (Singh, 2020). B'hekk l-istudenti huma mdorrijin b'dawn l-għajnuniet u t-tneħħija tagħhom tbiddel l-ambjent tal-iskola f'wieħed esterjuri ta' dak li għexu fih fis-snin aktar bikrin u għadhom jgħixu fih fil-ħajja 'l barra mill-iskola għax l-għajnuniet teknoloġiċi u tradizzjonali qegħdin jibqgħu jiżdiedu maż-żmien (Camilleri Grima u Portelli, 2017).

Yunus et al. (2013) fl-istudju tagħhom sabu li l-maġġoranza tal-għalliema kellhom attitudnijiet pożittivi dwar l-użu tal-għajnuniet viżivi fil-klassi bħall-istampi u l-filmati. Dan għaliex dawn ir-riżorsi jgħinu lill-għalliema jqarrbu lill-istudenti lejn it-testi letterarji minkejja l-kapaċitajiet u l-profiċjenza differenti tagħhom fil-lingwa u fil-letteratura. L-għalliema permezz tar-riżorsi fil-qasam tal-letteratura jistgħu jqanqlu fl-istudenti l-ħsieb kritiku u kreattiv. Għalhekk, dan il-metodu jista' jgħin ukoll 'l-istudenti li jistudjaw il-Malti bħala lingwa barranija biex iżommu l-interess u l-motivazzjoni fil-qari tat-testi letterarji minkejja l-livell tagħhom. Mingħajr dawn l-għajnuniet viżivi jew awdoviżivi dan il-qasam tal-lingwa jista' jidher bħala astratt u vag iżda r-riżorsi jagħtuh xeħta pożittiva għax jagħmlu lill-istudenti parteċipanti attivi tat-testi (Sivapalan u Wan Ahmad, 2010, Yunus et al., 2013, Willis, 2007, Lown u Steinbergh, 1996). Fisher (2005) ukoll jisħaq li l-għodda viżwali tgħin biex wieħed jaħseb u jitgħallem. Hu jagħti l-eżempju ta' mappa li permezz tagħha wieħed jinduna fejn qiegħed u fejn irid jasal u jiftakar ir-rotta tal-vjaġġ aktar faċilment.

Yunus et al. (2013) iqabblu dawn l-għajnuniet ma' għodod li jintużaw biex jarrikkixxu u jtejbu l-qari. Huma jżidu li permezz ta' dawn ir-riżorsi fil-lezzjonijiet tal-letteratura ssir komunikazzjoni awtentika bejn l-istudenti u t-testi. B'hekk l-istudenti jkollhom konċentrazzjoni sħiħa fuq it-testi li b'riżultat ta' dan jifhmu aktar id-dinamika tal-partijiet tat-test, fosthom it-termini letterarji użati, li jaħdmu flimkien biex jiffurmaw it-test sħiħ (Pillai u Vengadasamy, 2010; Yunus et al. 2013; Ohwojero, 2015). Yunus et al. (2013) isemmu wkoll l-interess u l-fehma tat-testi permezz tal-awdjo u l-użu ta' animazzjonijiet, illustrazzjonijiet u grafika. Barra minn hekk, bħal Kress (2010), huma jenfasizzaw l-importanza tal-karatteristiċi tal-għajnuniet viżivi bħad-dawl u l-kulur għax jikkreaw ambjent sinifikanti u divertenti ta' tagħlim.

Fil-fatt Kress (2010) jiffoka fuq il-'modes', oġġetti prodotti soċjalment li jsiru riżorsi kulturali li minnhom joħroġ it-tifsir. Xi eżempji ta' dawn huma l-kulur, l-istampa, il-kitba u l-ħoss. Kull 'mode' huwa b'saħħtu għax jittratta parti speċifika tal-komunikazzjoni jew sens speċifiku tal-bniedem u b'hekk, meta dawn jiġu mħalltin u mwasslin b'mod xieraq, huma kapaċi jbiddlu t-tifsir astratt f'wieħed evidenti u materjali (Kress, 2010; Willis, 2007). Għaldaqstant il-komunikazzjoni tkun riċevuta tajjeb mit-tarf l-ieħor; meta bniedem ngħidu aħna jara, jisma' u jmiss. Dan il-kunċett Kress (2010) isejjaħlu 'multimodalità'. Huwa jżid li d-dinja tal-komunikazzjoni nbidlet u għadha tinbidel minħabba l-bidliet soċjali, ekonomiċi, kulturali u teknoloġiċi. B'hekk hu jgħid li l-'modes' għandhom jiġu mqabblin maż-żmien li fih qegħdin jintużaw biex it-tifsir dejjem jibqa' relevanti.

Willis (2007) tagħti ħarsa newroloġika lejn l-effett tal-multimodalità jew l-effett multisensorju. Hi tgħid li meta l-informazzjoni tkun ippreżentata permezz ta' sensi varji, jiġu stimulati aktar partijiet tal-moħħ. Dan jista' jgħin fl-iżvilupp ta' aktar konnessjonijiet mentali, iwassal għaż-żamma aħjar tal-informazzjoni waqt li jiffaċilità l-ħsieb ta' livell ogħla. Barra minn hekk, il-varjazzjoni tat-tagħlim sensorju jolqot varjetà ta' intelliġenzi u stili ppreferuti ta' tagħlim (Willis, 2007). Għalhekk l-għalliema għandhom iżommu dawn il-kunċetti marbutin mal-multimodalità f'moħħhom meta joħolqu u jużaw ir-riżorsi fil-lezzjonijiet tagħhom biex it-tagħlim ikun faċli u sinifikanti.

Ohwojero (2015) jgħid li għalliem tajjeb jiddependi minn bosta fatturi, fosthom ir-riżorsi u l-metodi tat-tagħlim li juża, kif ukoll l-ambjent li fih jgħallem. Huwa jgħid li dan kollu jaffettwa l-interess tal-istudenti fis-suġġett, il-kisbiet akkademiċi milħuqin minnhom u l-iżvilupp mentali tagħhom. Leonidas (2015) jgħid li l-ġugarelli u l-oġġetti jgħinu fl-istimulazzjoni u l-iżvilupp ta' moħħ l-istudenti mis-snin bikrin tal-iskola. Ohwojero (2015) sab li dawn l-oġġetti jgħinu lill-istudenti wkoll: fl-iżvilupp immaġinattiv, fil-memorja tat-tagħrif miksub, fl-attenzjoni għas-smigħ u fl-interess u fil-ħeġġa għat-tagħlim minħabba l-entużjażmu li jħossu. Din l-esperjenza pożittiva mis-snin bikrin tifforma l-imġiba akkademika tal-istudenti u b'hekk il-pedament għat-tagħlim tul il-ħajja. Ohwojero (2015) jżid li l-għajnuniet teknoloġiċi bħall-preżentazzjoni Powerpoint minħabba li huma interessanti jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom fit-teknoloġija. Għalhekk, Ohwojero (2015) jikkonkludi li dawn l-għajnuniet huma

essenzjali fil-ħajja tal-bniedem sa minn ċkunitu biex b'hekk isir żvilupp sinifikanti ta' kull nazzjon mil-lat ta' edukazzjoni diġitali.

Willis (2007) titkellem fuq strateġiji ta' tagħlim li meta jiġu implimentati jistgħu jgħinu firxa wiesgħa ta' studenti b'abiltajiet, intelliġenzi u stili ta' tagħlim differenti. Dan l-istudju huwa importanti għax bħalma tgħid l-awtriċi, ħafna mill-klassijiet tal-lum fihom aktar diversità minn qatt qabel, anka jekk il-klassijiet ikunu maqsumin skont l-abiltà. Meta l-għalliema joffru varjetà ta' strateġiji individwali xierqa, jippermettu l-istudenti kollha jkunu parteċipanti f'komunità ta' tagħlim. F'komunitajiet ta' sapport bħal dawn, l-istudenti jirrikonoxxu u japprezzaw il-ħiliet u t-talenti ta' xulxin, tonqsilhom l-ansjetà akkademika jekk ikollhom xi diżabiltà fit-tagħlim u jibnu l-kunfidenza tagħhom meta jirċievu rikonoxximent pożittiv fuq dak li żiedu fil-komunità (Willis, 2007; Christensen, 2009). Apparti minn hekk, is-suċċess akkademiku sterjotipiku ma jibqax l-uniku standard ta' min hu kkunsidrat bravu.

Willis (2007), bħal Camilleri Grima u Portelli (2017), tgħid li motivatur b'saħħtu għat-tagħlim huwa l-effett tal-kurżità għax l-istudenti jibdew joqogħdu attenti għall-informazzjoni ta' madwarhom li tista' ssolvi l-problema jew il-mistoqsija li jaffaċċjaw. B'hekk meta l-istudenti jkunu affaċċjati b'kontenut ġdid jorganizzaw dan il-kontenut fi skemi ġodda tal-memorja jew jaddattaw dawk preżenti biex jinkludu dan il-materjal ġdid. Dan huwa dak li Piaget isejjaħlu 'żbilanċ' konjittiv (cognitive disequilibrium) (Willis, 2007; Ormrod, 2008).

Il-motivazzjoni tal-istudenti tissaħħaħ l-aktar meta r-riżorsi użati fit-tagħlim ikunu jinkludu stili ta' tagħlim li jaqbel mal-preferenzi tal-istudenti. Skont Willis (2007) l-istili ta' tagħlim l-aktar popolari u effettivi mal-istudenti huma l-ispazju-viżiv, il-lingwistiku-verbali u l-kinestetiku. Ngħidu aħna, l-istudenti li jippreferu jitgħallmu bil-kinestetiku jieħdu gost jikkreaw mudelli, iwettqu esperimenti xjentifiċi, jirrikreaw xeni jew joħolqu logħob biex jgħallmu 'l-klassi kollha. Portelli u Camilleri Grima (2002) jżidu li l-istudenti japprezzaw ir-riżorsi mfasslin mill-għalliema għax fihom jaraw l-impenn tal-għalliema, b'hekk dawn ir-riżorsi jsaħħu r-relazzjoni student-għalliem.

Willis (2007) tisħaq li maż-żmien qed tiżdied aktar ir-rata ta' studenti li jkollhom problemi ta' attenzjoni (AD/HD). Ħafna drabi dan iseħħ meta fil-ġisem ikun hemm nuqqas ta' dopamina, kimika li tgħin fit-trasmissjoni tal-messaġġi fil-moħħ u tgħin lill-individwu jkun motivat u jieħu

gost jitgħallem. Willis (2007) tesprimi li xi strateġiji li jippromwovu r-rilaxx tad-dopamina huma meta l-istudenti jkunu awtonomi, jiskopru waħedhom, ikollhom ċans jaħsbu, ikollhom l-għażla u jiġu mfaħħrin għall-imġiba pożittiva tagħhom.

Willis (2007) titkellem fuq stateġiji li huma tajbin għall-istudenti li għandhom l-AD/HD u li jista' jibbenifika minnhom kull student. L-awtriċi  tenfasizza l-importanza tal-moviment fiżiku fil-klassi u tagħti eżempji bħal-logħob bħala klassi pereżempju permezz tal-għażla tan-naħa skont il-qbil mal-perspettiva. Hi ssemmi wkoll l-effettività tas-sorpriżi u l-introduzzjoni ta' kunċetti b'mod ġdid bħat-twaħħil ta' kartellun li jkun se jintuża fil-lezzjoni li jmiss jew l-ilbies ta' kostum marbut ma' lezzjoni ġdida. Willis (2007) tgħid li d-drammatizzazzjoni għandha l-vantaġġ li tħaddem partijiet tal-moħħ fejn il-memorji relazzjonali preċedenti huma merfugħin u fejn isiru konnessjonijiet mal-informazzjoni attwali. Għalhekk l-istudenti għandhom jirċievu opportunitajiet biex jivverbalizzaw, jiktbu jew jikkreaw xi ħaġa billi jużaw il-materjal tal-lezzjoni. It-teorija ta' Willis (2007) wara din l-istrateġija hija li aktar kemm l-istudenti jingħataw l-opportunità li jirċievu u jimmanipulaw b'mod konxju informazzjoni ġdida, aktar ikollhom stimulazzjoni tal-moħħ u b'hekk jiftakru aktar. Għaldaqstant ir-riċerka ta' Willis (2007) spjegat fatturi varji li meta jiġu inkorporati fir-riżorsi jistgħu joħolqu effetti sinifikanti għall-istudenti.

Portelli u Camilleri Grima (2002) jissuġġerixxu li anke l-istudenti jistgħu jgħinu lill-għalliema fit-tfassil (it-tiswir, l-użu u l-evalwazzjonijiet) tar-riżorsi fil-klassi. Dan biex l-istudenti jkunu attivi fiżikament barra mentalment u b'hekk jitgħallmu aktar għax jitqanqlilhom l-interess fis-suġġett. Dan l-ambjent ftit informali jqarreb lill-istudenti u lill-għalliema lejn xulxin. Camilleri Grima u Portelli (2017) jgħidu li meta l-istudenti jingħataw l-opportunità li joħolqu riżorsa u jesponuha quddiem sħabhom tikber fihom is-sodisfazzjon u l-kunfidenza bir-riżultat li tissaħħaħ ix-xewqa li jitgħallmu u jirnexxu. Camilleri Grima u Portelli (2017) jżidu li l-għalliema jridu jagħżlu riżorsa skont il-ħila li jixtiequ jrawmu fl-istudenti, għalhekk it-tip ta' riżorsi għandhom ikunu varjati. Pereżempju l-karti tat-taħriġ jgħinu fl-iżvilupp tal-qari u l-kitba filwaqt li r-riżorsi awdjoviżivi jgħinu fl-iżvilupp tas-smigħ u t-taħdit. Ngħidu aħna l-ktieb tal-iskola u l-karti tat-taħriġ iservu bħala riga għax l-istudenti jkunu jistgħu jkejlu l-progress tagħhom u jieħdu sodisfazzjon bit-tagħlim tagħhom (Guerrataz u Johnston, 2013).

F'konklużjoni biex it-tagħlim isir b'mod effettiv parti sinifikanti mill-komunikazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti tiġi mill-għażla xierqa u l-użu bilgħaqal tar-riżorsi (Camilleri Grima u

Portelli, 2017). Dan għaliex l-għażla u l-użu tar-riżorsi bħalma deher f'dan is-sottotitlu jwasslu għal vantaġġi li jistgħu jbiddlu l-esperjenza edukattiva tal-istudenti u l-għalliema f'waħda tant pożittiva li toħroġ 'il barra mill-ħitan tal-iskola.

### 3.3 Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tar-riżorsi tradizzjonali u diġitali

Bħalma jgħidu Camilleri Grima u Portelli (2017) permezz tat-taħlit tar-riżorsi tradizzjonali u diġitali "t-tagħlim tal-Malti qed jidħol f'seklu ġdid fejn l-imgħoddi jiżżewweġ mal-ġdid" (p.65) biex l-istudenti jkollhom esperjenzi aktar sinifikanti u relevanti. Dan huwa ta' benefiċċju għall-għalliema u l-istudenti għax dak li ma jkunux jistgħu joffruh ir-riżorsi tradizzjonali joffruh ir-riżorsi diġitali u vice versa. Fil-fatt dawn iż-żewġ tipi ta' riżorsi tant daħlu fir-rutina tal-ħidma tal-għalliema minħabba l-benefiċċji tagħhom, li meta l-għalliema jibdew jippjanaw il-lezzjonijiet mal-ewwel iħossu l-ħtieġa li jagħmlu użu minn riżorsi varji skont ma jħossu huma li huwa l-bżonn.

Ir-riżorsi diġitali, bħal ngħidu aħna l-preżentazzjonijiet Powerpoint, il-kwiżżijiet online u l-applikazzjonijiet interattivi, iqarrbu lill-istudenti lejn id-dinja teknoloġika li jesperjenzaw 'il barra mill-iskola; għalhekk it-tagħlim isir aktar relevanti għalihom (Lane, 2012). Permezz ta' dawn ir-riżorsi l-istudenti jipprattikaw ħiliet bħal-litteriżmu diġitali li minn età żgħira huma mistennija li jkunu kompetenti fihom biex jużawhom fix-xogħol 'il quddiem (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Gatt, 2015, AL-Bataineh u Brooks, 2003). Barra minn hekk, ir-riżorsi diġitali li jinstabu online jistgħu jiġu aċċessati minn kull min jixtieq. Bis-saħħa tat-teknoloġija, anke ħafna riżorsi tradizzjonali bħal karti tat-taħriġ, leħħiet u kartelluni jistgħu jingħataw format diġitali bis-saħħa ta' mezzi teknoloġiċi bħall-iskennjar u l-fotografija u hekk huma wkoll jiġu aċċessati faċilment online waqt li jitneħħa l-iżvantaġġ tal-użu ta' 'ta' darba u daqshekk' ta' dawn ir-riżorsi (Al-Imamy, 2020). Għalhekk l-istudenti ma jkollhomx inkwiet li mhux se jsibu l-istess informazzjoni jew riżorsa mkien iżjed (Al-Imamy, 2020; Lane, 2012).

Madanakollu l-varjetà wiesgħa ta' riżorsi online f'forom differenti bħal siti, bloggs u podcasts tista' tgerfex lill-istudenti, anka għaliex ir-riżorsi jistgħu ma jkunux affidabbli, korretti jew preċiżi. Iżda għalliem tajjeb għandu jiggwida lill-istudenti biex jagħrfu u jħejju riżorsi b'informazzjoni tajba u mhux jagħmel dan huwa biss (Nichols et al., 2012; Al-Imamy, 2020).

B’hekk ir-riżorsi diġitali jistgħu jkattru sens ta’ awtonomija fl-istudenti individwali u bħala grupp li b’riżultat jissaħħaħ it-tagħlim (Illès, 2012). L-istudenti jkunu jistgħu jimxu bil-pass tagħhom ukoll (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Gatt, 2015). Din l-awtonomija hija possibbli permezz ta’ xi riżorsi tradizzjonali wkoll, pereżempju meta l-istudenti jaħdmu fuq kartelluni waħedhom jew bħala grupp.

It-teknoloġija tgħin biex l-istudenti jsiru indipendenti u b’hekk jitjiebu fil-ħiliet relatati mas-soluzzjoni tal-problemi, dawk interpersonali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet u tar-riskji (Gatt, 2015). Dan japplika wkoll għar-riżorsi tradizzjonali bħal logħob u board games. Ir-riżorsi diġitali jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-istudenti permezz ta’ spazji virtwali. Dan ġie kkonfermat fil-kriżi tal-pandemija li esperjenzaw l-iskejjel f’dawn l-aħħar sentejn (Busuttil u Farrugia, 2020). Din il-kollaborazzjoni u l-ġbir ta’ feed back minn udjenzi differenti fi ftit ħin tista’ tgħin lill-istudenti jesponu ruħhom għal realtajiet ġodda (Holder, 2006; Littlejohn, 2012). Meta l-istudenti jħossuhom liberi u jħossu li l-iskop tat-tagħlim jestendi barra l-klassi, jagħmlu sforz akbar biex jinvestu l-potenzjal kollu tagħhom f’dak ix-xogħol u jsemmgħu l-vuċijiet tagħhom bi kburija (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Gatt, 2015; Mullamaa, 2010; Passey, 1999). Infatti, Mullamaa (2010) tisħaq li l-istudenti jagħmlu sforz akbar meta jużaw medji diġitali minn meta jużaw medji tradizzjonali. Din il-motivazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-utenti tar-riżorsi diġitali hija aktar b’saħħitha meta mqabbla max-xogħol kollaborattiv fuq ir-riżorsi tradizzjonali. Dan jgħodd mhux biss għall-ħidma bejn l-istudenti imma wkoll għall-għalliema (Lane, 2012).

Biex ir-riżorsi diġitali jiġu aċċessati wieħed jeħtieġ: apparat elettroniku bħal tablet, laptop, desktop jew mobile, u xi drabi l-internet (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Singh, 2020). Permezz ta’ din il-kombinazzjoni l-istudenti jistgħu jfanndu aktar fid-dettall il-kontenut jew iwessgħu l-għarfien tagħhom fis-suġġett li qegħdin jitgħallmu dwaru. L-istudenti jistgħu jaċċessaw applikazzjonijiet bħal dizzjunarji jew teżawri li jiffaċilitaw il-fehim jew jikkumplimentaw il-kitba (Camilleri Grima u Portelli, 2017). Barra minn hekk l-għalliema għandu jkollhom prattika tajba fit-tħaddim tat-teknoloġija u tar-riżorsi diġitali. B’hekk dawn huma fatturi li kull skola għandha tikkunsidra għax meta jiġu nieqsa jistgħu joħolqu sfidi fil-proċess tat-tagħlim meta dan ikun jiddependi fuq ir-riżorsi diġitali (Gatt, 2015; Singh, 2020; Ruppel, 1992). Lane (2012) u Kirkwood (2006) iżidu li xi studenti li jkunu soċjalment

żvantaġġati jistgħu jsibu sfidi fix-xiri ta' apparat elettroniku kif ukoll fil-kunfidenza biex jitgħallmu stili dejjem jinbidlu ta' tagħlim. Għalhekk f'ċertu sitwazzjonijiet ikun aħjar li jintużaw ir-riżorsi tradizzjonali fil-klassi.

Ir-riżorsi diġitali bħall-preżentazzjoni Powerpoint jistgħu joffru esperjenza aktar sħiħa u pjaċevoli lill-istudenti billi jgħaqqdu flimkien diversi medji bħall-awdjo u l-viżiv u b'hekk jagħmlu t-tagħlim aktar effettiv u dejjiemi (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Gatt, 2015). Dan it-taħlit ta' media jissaħħaħ aktar meta jkunu użati riżorsi differenti flimkien li jiffukaw fuq media varji, ngħidu aħna r-riżorsi tradizzjonali li jiffukaw fuq il-qari u l-kitba mar-riżorsi diġitali li jiffukaw fuq il-ħars u s-smigħ. B'dan il-mod studenti bi bżonnijiet ta' tagħlim differenti jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-aktar media addattata biex tgħinhom jifhmu l-kontenut. Pereżempju studenti neqsin mid-dawl jistgħu jitgħallmu aktar permezz tar-riżorsi diġitali li jipproduċu l-ħoss milli b'riżorsi tradizzjonali (Cooper, Lowe u Taylor, 2008; Mallia, 1999).

Madanakollu, riżorsi bħal dawn m'għandhomx jintużaw eċċessivament għax jistgħu jgħażżnu lill-istudenti fil-klassi meta jkunu jafu li dawn ir-riżorsi jinstabu online. Pereżempju l-fatt li l-għalliema jrawmu lill-istudenti fl-użu ta' dizzjunarji online jista' jirriżulta f'passività fit-tagħlim tal-ortografija għax l-istudenti jafdaw fid-disponibbiltà tar-riżorsi diġitali (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Jones, 2003). B'hekk din id-dipendenza fir-riżorsi diġitali tnaqqas il-livell ta' ħsieb u l-immaġinazzjoni tal-istudenti, bil-kontra tar-riżorsi tradizzjonali li jġegħluhom jaħsbu aktar (Ruppel, 1992). Apparti minn hekk, peress li llum l-istudenti qegħdin iqattgħu sigħat twal fuq apparat elettroniku mingħajr komunikazzjoni fiżika, tajjeb li l-użu tar-riżorsi diġitali fil-klassi ma jsirx b'mod eċċessiv għax jista' jikkontribwixxi għad-detriment tal-ħiliet soċjali tal-istudenti li jwasslu għal ansjetajiet soċjali meta mbagħad l-istudenti jesperjenzaw interazzjonijiet reali u mhux virtwali (Camilleri Grima u Portelli, 2017).

Għalhekk, tajjeb li r-riżorsi fil-klassi jippreżentaw esperjenzi varjati speċjalment dawk li jippromwovu l-komunikazzjoni reali u wiċċ imb wiċċ, ngħidu aħna permezz ta' riżorsi tradizzjonali bħal-leħħiet meta użati kif xieraq. Barra minn hekk, minħabba l-faċilità tal-aċċess għall-internet, huwa faċli ħafna li l-istudenti jidħlu f'siti irrelevanti oħra. Għalhekk meta wieħed juża r-riżorsi diġitali hemm probabbiltà akbar li jiġi distratt anka minħabba l-pop-ups u r-riklami li jitilgħu; li dan ikun ta' żvantaġġ aktar u aktar meta l-medda tal-attenzjoni tal-istudenti hija qasira ħafna diġà (Willis, 2007). B'hekk ir-riżorsi tradizzjonali f'dan il-każ jgħinu

lill-istudenti jiffukaw fuq oġġett wieħed u b'hekk jiffaċilitaw il-proċess tat-tagħlim. Xi żvantaġġi oħra tal-użu tar-riżorsi diġitali li ma jidhrux f'dawk tradizzjonali huma li jistgħu jikkawżaw skumdità fl-għajnejn, ikunu ta' limitazzjoni għall-istudenti b'abbiltà spazjali baxxa u li normalment dawn jintużaw fi klassijiet imdallmin biex jidhru aktar ċari u b'hekk jistgħu jraqqdu lill-istudenti (Al-Imamy, 2020; Khot et al., 2013; Ruppel, 1992).

Hilton (2016) u Szabo u Hastings (2000) sabu li meta l-istudenti jużaw ir-riżorsi diġitali bħall-preżentazzjoni Powerpoint jilħqu l-istess għanijiet akkademiċi bħal meta jużaw riżorsi tradizzjonali bħall-kotba tal-iskola. Dawn ir-riċerkaturi sabu wkoll li anke l-kwalità tal-informazzjoni tkun tal-istess livell, filwaqt li jkunu ffrankati l-flus u huma aktar faċli biex jiġu aċċessati, jinftiehmu, u jqanqlu interess u motivazzjoni fl-istudenti. Al-Imamy (2020), Way (2016) u Edgcomb u Vahid (2014) iżidu li r-riċerka turi li l-fehim permezz tar-riżorsi diġitali jiġi mill-kontenut dinamiku ppreżentat. Dan għaliex l-istudenti draw id-dinamiċità fil-ħin liberu meta jagħmlu sigħat sħaħ iqallbu fuq il-midja soċjali u jaraw filmati qosra kif ukoll stampi divertenti li jistgħu jirrelataw magħhom (Camilleri Grima u Portelli, 2017). Għalhekk tajjeb li l-għalliema jinkorporaw dawn il-fatturi fir-riżorsi tagħhom.

Il-Powerpoint bħala riżorsa diġitali, huwa eżempju ċar li għalkemm riżorsa tista' tkun ta' benefiċċju għall-istudenti, għandha wkoll l-iżvantaġġi tagħha li l-għalliema għandhom jikkunsidraw biex jipprevjenu u jpattu għalihom f'riżorsi u metodi oħrajn bħal dawk tradizzjonali. Il-Powerpoint huwa mfaħħar minn bosta minħabba li huwa faċli biex tużah, jikkrea ambjent divertenti u jifforma l-kunċetti fi strutturi ssimplifikati li jirriżultaw fl-attenzjoni miżjuda tal-istudenti u fil-ħeġġa tal-għalliema (Craig u Amernic, 2006; Lari, 2014). Madanakollu, dan il-programm jiġi kkritikat għal numru ta' fatturi, fosthom: min jużah għandu ċ-ċans li jiffoka aktar fuq il-forma milli l-kontenut; jikkrea udjenza passiva minħabba li jiffoka fuq il-preżentazzjoni; u jbiddel l-ideat serji f'punti ta' ftit kliem li jkun diffiċli biex l-udjenza tifhem ir-relazzjoni bejniethom (Craig u Amernic, 2006).

Min-naħa l-oħra l-karti tan-noti u tat-taħriġ jgħinu lill-għalliema jiġbru informazzjoni, dati u materjal importanti li jridu jitgħallmu l-istudenti u jqassmuhomlhom biex jaqrawhom, jistudjawhom u jirreferu għalihom 'il quddiem meta jiġu bżonn b'mod aktar konkret min-noti diġitali; għalkemm xi riżorsi diġitali jistgħu jiġu stampati u b'hekk maqlubin f'riżorsi tradizzjonali (Camilleri Grima u Portelli, 2017; Race, 2001; Munyoro, 2014). Permezz ta' din il-

konkretezza meta din ikun fiha kemm noti kif ukoll taħriġiet ix-xogħol ikun jista' jinħadem fuq l-istess karta. Dan jista' jikkalma u jżid l-attenzjoni tal-istudenti għax jaraw kollox pulit u miġbur. Iżda minħabba li r-riżorsi tradizzjonali huma tanġibbli jirrikjedu l-ispazju fiżiku fejn jinħażnu u dan jista' jitqies bħala żvantaġġ. Idealment dawn għandhom jinqalbu f'riżorsi diġitali (Portelli u Camilleri Grima, 2002). Apparti minn hekk dawn it-tip ta' riżorsi tradizzjonali bħall-karti tan-noti l-istess bħal ċertu riżorsi diġitali jistgħu jeħilsu lill-istudenti mit-teħid eċċessiv ta' noti, jipprovdu informazzjoni li mhix disponibbli faċilment f'sorsi oħra kif ukoll jistgħu jgħinu lill-istudenti jsegwu l-iżvilupp ta' argument (Sharma, 2019). Sharma (2019) mill-istudju tiegħu sab li l-użu tal-karti tat-taħriġ bin-noti fil-lezzjoni huwa effettiv aktar mil-lezzjoni waħedha; filwaqt li Stacy u Cain (2015) jgħidu li f'dawn il-karti jrid ikun hemm spazju biex l-istudenti jżidu jew ibiddlu l-forma tal-informazzjoni diġà miktuba biex b'hekk jipprattikaw fis-smigħ kontinwu u fit-teħid tan-noti.

Il-vantaġġ ta' riżorsi bħall-karti tat-taħriġ huwa li jistgħu faċilment jinkorporaw eżerċizzji differenti skont il-ħtieġa u l-kapaċità tal-istudenti, il-ħiliet u l-oqsma neċessarji, ħaġa li l-kotba skolastiċi ma jagħmlux (Portelli u Camilleri Grima, 2002; Camilleri Grima u Portelli, 2017). L-għalliema għandhom l-opportunità li jħejju riżorsa waħda għall-istudenti kollha b'eżerċizzji gradati li tqanqal il-motivazzjoni għat-tagħlim. Ngħidu aħna għall-ewwel snin tas-sekondarja l-għalliema jħejju eżerċizzji bħal 'Agħżel it-tajba,' u 'Veru jew Falz,' filwaqt li għas-snin aktar avvanzati dawk bħal 'It-taqsira' jew 'It-tiftix ġenerali' (Camilleri Grima u Portelli, 2017). Barra minn hekk kull eżerċizzju jkollu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu. Pereżempju l-eżerċizzju 'Veru jew Falz' huwa ħafif biex jissawwar, jinħadem u jiġi kkoreġut iżda jillimita t-tweġibiet tal-istudenti u dawn jistgħu jaqtgħu tajjeb b'kumbinazzjoni (Camilleri Grima u Portelli, 2017). Dawn ir-riżorsi bħall-karti tat-taħriġ, il-logħob fiżiku, il-leħħiet u l-kartelluni huma relattivament faċli biex jiġu ffurmati u jenfasizzaw il-kunċett mgħallma b'mod effiċjenti.

Dan kollu jurina kif kemm ir-riżorsi diġitali kif ukoll dawk tradizzjonali għandhom x'joffru u b'hekk dawn iż-żewġ tipi għandhom jiltaqgħu biex jgħinu lil xulxin fil-lezzjonijiet. Al-Imamy (2020) u Nour et al. (2007) sabu li l-prestazzjonijiet tal-istudenti tjiebu meta dawn iż-żewġ tipi tħalltu fil-lezzjonijiet. Ngħidu aħna, peress li fil-kotba skolastiċi teżisti nuqqas ta' interazzjoni viżwali, meta jkun miżjud l-aċċess teknoloġiku għall-ktieb fiżiku u l-benefiċċji taż-żewġ medji jiltaqgħu; din tissejjaħ 'realtà miżjuda' (augmented reality) (Al-Imamy, 2020; Ruppel, 1992;

Camilleri Grima u Portelli, 2017). F'ċertu studji dawn iż-żewġ medja ntrabtu billi ġew miżjuda barcodes ħdejn it-test fiżiku biex dawn ikunu skennjati bil-mobiles u hekk ikun jista' jiġi aċċessat materjal multimodali (Uluyol u Agca, 2012). Din iż-żieda ggwidata hija faċli biex tintuża, tnaqqas il-piż konjittiv tal-istudenti u timmassimizza t-tagħlim (Nadolny, 2017; Mattis, 2015; Clark et al., 2006).

B'hekk, għalkemm it-tagħlim ikun iggwidat, l-istudenti xorta waħda jkunu liberi li jagħżlu l-medju li jixtiequ jitgħallmu bih. Dan aktar ikabbar l-interess, il-kunfidenza u l-aspettazzjonijiet tal-prestazzjonijiet tal-istudenti milli kieku dawn tgħallmu bir-riżorsi tradizzjonali jew diġitali waħedhom (Lee et al., 2009). Din ir-realtà hija użata wkoll fl-edukazzjoni tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali. Eżempju ta' dan iseħħ meta jiġu użati filmati li juru l-qari ta' stejjer (video modeling storybooks) permezz tar-realtà miżjuda biex jitgħallmu studenti bl-awtiżmu (Chen et al., 2016). Camilleri Grima u Portelli (2017) jżidu li ċertu kotba prodotti lokalment ukoll qegħdin jużaw media differenti għax jinkludu riżorsi edukattivi bħal siltiet moqrija, animazzjonijiet u podcasts biex jikkumplimentaw it-tagħlim.

Wieħed jista' jikkonkludi li l-użu moderat tar-riżorsi diġitali u tradizzjonali kemm b'mod konsekuttiv kif ukoll simultanju jassisti lill-għalliema biex jipprovdu lill-istudenti tagħlim ta' kwalità, u f'ċertu każi r-riżorsi saħansitra jkunu ffurmati biex l-istudenti jkollhom il-possibiltà jużawhom b'mod awtonomu. Apparti minn dan, qabel jużaw ir-riżorsi l-għalliema għandhom iżommu f'moħħhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull riżorsa biex il-vantaġġi jkunu jistgħu jżiduhom waqt li l-iżvantaġġi jipprevenuhom u jpattu għalihom f'riżorsi u metodi oħrajn.

## 3.4 Il-kunsiderazzjonijiet etiċi

L-ewwel darba li użajt l-applikazzjoni tat-tagħlim tal-lingwa msejħa 'Duolingo' bqajt impressjonata kemm jinħassu l-kunsiderazzjonijiet etiċi maħsubin wara din l-applikazzjoni. Dan huwa fattur li mill-esperjenza tiegħi bħala studenta u studenta-għalliema mhux imdorrija nara fir-riżorsi u għalhekk ġibidli l-attenzjoni. F'din l-applikazzjoni jintużaw orjentazzjonijiet sesswali, etajiet u etniċitajiet differenti fl-eżempji. Bħala riżultat ta' dan l-istudenti jaraw

realtajiet varji u b'hekk ikunu aktar soċjalment, kulturalment u reliġjożament konxji (Guerrattaz u Johnston, 2013; Portelli u Camilleri Grima, 2002).

Fil-fatt, Gatt f'Camilleri Grima u Portelli (2017) jgħid li kriterju importanti li għandhom iżommu f'moħħhom l-għalliema meta jiġu biex jevalwaw riżorsa huwa l-kunsiderazzjoni tal-messaġġi soċjali inkorporati fir-riżorsi. Pereżempju riżorsa m'għandhux ikollha "messaġġi razzjali, ma tippromwovix rwoli sterjotipati, tkun tolleranti għal kulturi differenti u tippromwovi l-għaqda u l-ġustizzja soċjali" (p.62). Dan huwa essenzjali f'kull età iżda b'mod speċjali meta l-istudenti jkunu fil-livell tal-medja u tas-sekondarja għax ikunu qegħdin jiskopru lilhom infushom u lid-dinja ta' madwarhom u b'hekk tajjeb li l-messaġġi soċjali wara r-riżorsi juruhom informazzjoni valida u oġġettiva (MEDE, 2012).

### 3.5 Il-konklużjoni

Dan il-kapitlu beda billi wera l-bżonn tar-riżorsi b'mod ġenerali fil-vjaġġ kumpless tat-tagħlim, kompla billi ffoka fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tar-riżorsi tradizzjonali u diġitali separati kif ukoll fuq l-użu produttiv taż-żewġ tipi ta' riżorsi meta mħaddmin flimkien biex jiffaċilitaw il-proċess edukattiv. Il-kapitlu finalment spjega l-kunsiderazzjonijiet etiċi li għandu jkun hemm wara r-riżorsi u l-effett b'saħħtu tagħhom fuq l-istudenti. Għalhekk minbarra li dan il-kapitlu jgħin lill-qarrej jifhem il-valur tar-riżorsi b'mod ġenerali u f'dan il-proġett, permezz tal-ħarsa letterarja fuq ir-riżorsi f'dan il-kapitlu flimkien mal-kapitli preċedenti se nkun nista' nifforma linji gwida fil-kapitlu li jmiss biex jiggwidawni fil-bini tar-riżorsi.

# 4.0 Il-Linji Gwida għall-Bini tar-Riżorsi

## 4.1 Id-daħla

Dan il-kapitlu se jikkonsisti minn linji gwida bbażati fuq il-letteratura miġbura fl-ewwel tliet kapitli sabiex iservu ta' gwida għalija waqt il-ħolqien ta' kull riżorsa kif ukoll għall-qarrejja biex jifhmu l-ħsieb wara l-ħolqien tar-riżorsi għaż-żewġ sezzjonijiet tal-letteratura li se niffoka fuqhom fis-sillabu l-ġdid taċ-ĊES: il-poeżiji ta' Dun Karm u s-siltiet mir-rumanzi. B'hekk fihom se jkun hemm l-għanijiet tal-proġett tal-ewwel kapitlu li jiffukaw fuq l-esperjenza letterarja tal-istudenti; il-punti relatati mill-ħarsa letterarja fuq it-tagħlim b'mod ġenerali u speċifikament fuq it-tagħlim tal-letteratura; kif ukoll fuq is-sillabu l-ġdid taċ-ĊES fit-tieni kapitlu u l-punti relevanti mill-ħarsa letterarja fuq l-importanza tar-riżorsi in ġenerali, ħarsa aktar mill-qrib lejn ir-riżorsi tradizzjonali u diġitali u l-kunsiderazzjonijiet etiċi li għandhom jiġu inkorporati fir-riżorsi mit-tielet kapitlu.

F'dawn il-linji gwida se jiġu inklużi s-suġġerimenti tal-awturi dwar kif għandhom ikunu żviluppati r-riżorsi sabiex l-istudenti jkollhom esperjenza pożittiva fit-tagħlim apparti li jmorru tajjeb fl-assessjar kontinwu ta' matul is-sena u fl-eżami finali taċ-ĊES. Fl-aħħar nett fejn meħtieġ se jkunu miżjuda wkoll xi suġġerimenti skont l-esperjenza tiegħi bħala studenta-għalliema. Tajjeb li wieħed jenfasizza li mhux il-linji gwida kollha se japplikaw għal kull riżorsa.

## 4.2 Il-linji gwida

### *Il-gwida ġenerali*

1. Aktar milli fuq id-dettall esaġerat tat-test ir-riżorsi għandhom jiffukaw fuq li jqanqlu l-interess u l-motivazzjoni tal-istudenti billi jindirizzaw il-kurżità, l-enerġija u l-esperjenzi tagħhom sabiex tikber l-imħabba u l-kunfidenza fl-esplorazzjoni tas-suġġett u b'hekk

tissaħħaħ l-esperjenza letterarja tagħhom għax jagħtu interpretazzjonijiet personali lit-testi letterarji u t-test jinbidel f'esperjenza unika.

2. Ir-riżorsi għandhom jirriflettu l-kontenut u l-kisbiet tas-sillabu (QMK).
3. Ir-riżorsi minbarra l-kisba se jinkludu xi kisbiet oħra li jispikkaw kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-kontenut tagħhom.
4. Ir-riżorsi għandhom ikunu strutturati u b'għanijiet ċari biex jgħinu fil-binja u fid-direzzjoni tal-proċess tat-tagħlim (Camilleri Grima u Portelli; 2017).

***Il-prinċipji teoretiċi mħaddmin fir-riżorsi***

5. Dawn ir-riżorsi se jħaddmu l-prinċipji ta' Vygotsky – iż-Żona ta' Żvilupp Imqarreb u Piaget – l-iżbilanċ medju billi waqt li jibnu fuq il-kontenut li diġà jafu l-istudenti, jgħinuhom jiżviluppaw funzjonijiet mentali ogħla (Kozulin, 1998; Axford et al., 2009; Woolfolk, 2016).
6. Ir-riżorsi għandhom jinkludu kontenut relevanti għal ħajjet l-istudenti bħal films, mużika, skola, sport, moda, ġrajjiet kurrenti kif ukoll żviluppi u modi ta' għejxien tal-lum; minħabba li l-istudenti diġà huma konxji ta' dan il-kontenut u b'hekk permezz ta' dawn ir-riżorsi l-istudenti jkomplu jedukaw ruħhom dwar temi kurrenti li jaffettwaw lill-istess studenti. Dan għandu jagħmel it-tagħlim permezz ta' dawn ir-riżorsi aktar effettiv (Bendall, 2019).
7. Ir-riżorsi għandhom joħolqu ambjent ta' soċjalizzazzjoni għall-istudenti kemm ma' sħabhom l-istudenti, bħalma jgħid Piaget u kif ukoll mal-għalliema bħalma jgħid Vygotsky (Kozulin, 1998; Sutherland, 1992).
8. Ir-riżorsi għandhom jitbiegħdu mill-kunċett tas-'sistema bankarja' u jiffukaw fuq 'l-approċċ għas-soluzzjoni tal-problemi' fejn l-istudenti jkunu ppreżentati b'mistoqsijiet li jipprovokawlhom il-ħsieb immaġinattiv sabiex jibnu l-għarfien u l-ideat tagħhom u b'hekk ikunu aktar preparati għall-bidliet li jistgħu jseħħu matul iż-żmien (Freire, 1970; Dewey, 1997; McCain, 2005).

***Ir-riżorsi marbuta mat-tagħlim tal-letteratura***

9. Ir-riżorsi għandhom iġibu lill-istudenti konxji tal-konnessjoni b'saħħitha li teżisti bejn il-letteratura u l-ħajja, b'tali mod li bħala qarrejja jkunu kapaċi jieqfu, jirriflettu u jgħixu l-mument tal-preżent b'mod sħiħ minkejja r-rutina (Lee, 2021).
10. Il-bijografija tal-awturi hija essenzjali fit-tagħlim tal-letteratura. Għalhekk ir-riżorsi għandhom jitfgħu dawl fuq il-ħajja personali tal-kittieb għax din tispjega aħjar it-tifsira tat-test.
11. Ir-riżorsi għandhom jinkorporaw il-kultura għax il-letteratura hija parti mill-kultura, li din tista' tfisser il-kultura tal-ħajja tal-kittieb, tat-test jew f'ċertu każi tal-istil.
12. Ir-riżorsi għandhom iġibu fid-dawl l-istil tat-test (vokabolarju, forma jew ġeneru, sentiment ta' perjodu), kull kittieb għandu l-mod tiegħu ta' kif jagħżel u jgħaqqad il-kliem flimkien b'mod defamiljarizzat u l-istudenti jridu jitgħallmu jistħarrġu din il-forma.
13. Ir-riżorsi għandhom jgħinu lill-istudenti jipprattikaw il-'litteriżmu kritiku' sabiex l-istudenti jitgħallmu jaħsbu b'mod kritiku u jsiru adulti awtonomi (Dewey, 1997).
14. It-testi letterarji permezz tar-riżorsi għandhom jagħtu l-opportunità lill-istudenti biex jimirħu fin-natura umana -jiġifieri jiżviluppaw għarfien fuqhom infushom u fuq il-bnedmin ta' madwarhom- ngħidu aħna billi jagħtuhom l-opportunità jiddjalogaw magħhom infushom u mal-oħrajn dwar il-mistoqsijiet li joħorġu mit-test (Schrijvers et al., 2019; Camilleri Grima u Portelli, 2017).
15. Ir-riżorsi għandhom jippreżentaw it-test letterarju f'kuntest usa' minnu nnifsu, li jinkludi l-qagħda storika, politika, soċjali, ekonomika taż-żmien li nkiteb fih; b'hekk l-istudenti jifhmu t-test u s-soċjetà ta' madwarhom b'mod ħolistiku (McLean Davies et al., 2013).
16. Ir-riżorsi għandhom iħaddmu l-kunċett tal-'letteratura tar-raħal twelid' (hometown literature), jiġifieri jgħinu lill-istudenti jassoċjaw raħal twelidhom u l-irħula importanti l-oħra f'ħajjithom u f'ħajjet persuni oħra bħall-awturi tat-testi mat-testi letterarji. Dan iqarreb lill-istudenti lejhom infushom, lejn l-irħula importanti għalihom, lejn l-awturi, u lejn it-testi (Cahalan, 2008; Steiner, 1996).
17. Ir-riżorsi għandhom jistimulaw l-immaġinazzjoni u l-istħajjil tal-istudenti biex iwassluhom jempatizzaw mal-kontenut (bħall-karattri u t-temi). Hekk il-letteratura ma tibqax biss partikolari imma wkoll universali; b'hekk l-istudenti jiksbu esperjenza letterarja kompluta (Friggieri, 1986).

***Il-kunsiderazzjonijiet etiċi***

18. Ir-riżorsi, permezz tat-temi trattati u l-eżempji mogħtija fihom, għandhom iħaddnu kunsiderazzjonijiet etiċi u messaġġi soċjali xierqa billi jesponu lill-istudenti għal realtajiet soċjali varji li jinkludu orjentazzjonijiet sesswali, razez, etniċitajiet, kulturi u reliġjonijiet differenti; ir-riżorsi m'għandhomx jiffavorixxu sterjotipi bbażati fuq l-età jew is-sess ta' dak li jkun. Hekk jitnissel sens ta' tolleranza fl-istudenti għal dak li hu meqjus differenti (Portelli u Camilleri Grima, 2002).
19. Ir-riżorsi fejn possibbli għandhom jirriflettu l-klassijiet multietniċi, multikulturali u multireliġjużi tal-lum biex l-istudenti jaraw relevanza bejn id-dinamiċità fil-letteratura, fil-klassi u fil-ħajja 'l barra mill-iskola (Poon, 2010).

***Ir-riżorsi f'rabta mal-kurrikulu***

20. Ir-riżorsi għandhom jaqblu mal-ħiliet li l-għalliema jixtiequ jrawmu fl-istudenti jew li l-istudenti jixtiequ jaħdmu fuqhom. Għalhekk it-tip ta' riżorsi għandhom ikunu varjati; pereżempju l-karti tat-taħriġ jgħinu fl-iżvilupp tal-qari u l-kitba filwaqt li r-riżorsi awdjoviżivi jgħinu fl-iżvilupp tas-smigħ u t-taħdit (Camilleri Grima u Portelli, 2017).

***L-istudent fiċ-ċentru tat-tagħlim***

21. Permezz tar-riżorsi l-istudenti għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-proċess tat-tagħlim sabiex jipparteċipaw kontinwament, jaħkmu l-erba' ħiliet tal-lingwa, jiksbu l-ħiliet tal-awtonimija, ir-riflessjoni u l-awtoriflessjoni li jeħtieġu biex jifhmu u jsiru jħobbu s-suġġett u għal matul ħajjithom, kif tisħaq il-pedagoġija moderna (ĊES22 Sillabu, 2021).
22. Ir-riżorsi għandhom jinvolvu lill-istudenti f'kull aspett (mentalment, fiżikament, emozzjonalment u ambjentalment) biex jifhmu u jiftakru aktar il-materjal kopert (Singh, 2020).

23. Ir-riżorsi fejn possibbli għandhom jgħaqqdu ma' suġġetti oħra, u b'hekk jgħallmu temi relatati f'suġġetti differenti. Ngħidu aħna, meta l-għalliem iqabbel ir-relazzjoni ta' żewġ karattri mal-effett tar-reazzjoni tat-taħlita ta' żewġ kimiċi flimkien (Singh, 2020).
24. Ir-riżorsi għandhom jgħinu fil-ħolqien ta' komunità ta' tagħlim, ambjent sigur ta' kooperazzjoni u kompetizzjoni pożittiva u produttiva (Willis, 2007).
25. Ir-riżorsi għandhom jinkludu elementi multisensorjali. It-taħlit xieraq ta' sensi bħas-smigħ, il-ħars u l-ħass, u elementi multimodali, it-taħlit xieraq ta' medji bħall-awdjo u l-viżwal bħall-animazzjonijiet, l-illustrazzjonijiet, il-grafika, id-dawl u l-kulur sabiex jolqtu varjetà ta' intelliġenzi u stili ppreferuti ta' tagħlim, jiffaċilitaw il-ħsieb ta' livell ogħla u jgħinu fl-attenzjoni u l-memorja minħabba li l-istudenti jieħdu gost bl-ambjent (Kress, 2010; Yunus et al., 2013; Willis, 2007).
26. Ir-riżorsi għandhom jinkludu kontenut dinamiku u relevanti li jaqbel mal-gosti u l-inklinazzjonijiet edukattivi tal-istudenti biex hekk jattiraw l-attenzjoni tagħhom u jżommuhom motivati b'temi attwali u kurrenti preżenti f'oqsma oħra ta' ħajjet l-istudenti (Camilleri Grima u  Portelli, 2017; Al-Imamy, 2020; Way, 2016).

***L-istrateġiji ta' tagħlim u taħriġ***

27. Ir-riżorsi għandhom jinkludu materjali li l-istudenti jkun familjari magħhom u ilhom jużawhom mis-snin bikrin ta' ħajjithom. Dan għandu jgħin biex jitkattar fl-istudenti l-interess, l-iżvilupp immaġinattiv u l-memorja tat-tagħrif miksub (Ohwojero, 2015; Leonidas, 2015).
28. Ir-riżorsi għandhom ikunu mibnijin fuq il-preferenzi ta' tagħlim tal-istudenti biex il-lezzjoni tkun iffukata fuq l-udjenza aktar milli fuq it-test. L-istili ta' tagħlim l-aktar popolari u effettivi mal-istudenti huma l-ispazju-viżiv, il-lingwistiku-verbali u l-kinestetiku (Willis, 2007).
29. Ir-riżorsi għandhom jinkludu spazju biex iħallu lill-istudenti jgħinuhom fit-tfassil tagħhom (it-tiswir, l-użu u l-evalwazzjonijiet) fil-klassi sabiex l-istudenti: ikunu attivi fiżikament barra mentalment, l-ambjent informali jqarribhom lejn l-għalliema, u jħossuhom sodisfatti u kunfidenti meta jesponu riżorsa li ħolqu quddiem sħabhom, b'hekk tissaħħaħ ix-xewqa li jitgħallmu u jirnexxu (Nichols et al., 2012; Al-Imamy, 2020).

30. Ir-riżorsi għandhom jinkludu spazju għall-qari varjat tat-test u għar-rispons tal-istudenti flimkien. Pereżempju l-qari mwaqqaf fil-partijiet essenzjali biex l-istudenti jkomplu jibnuh bir-rispons dirett tagħhom (Portelli u Camilleri, 2002).

***L-istili ta' tagħlim tar-riżorsi***

31. Ir-riżorsi għandhom jinkludu n-noti biex jeħilsu lill-istudenti mit-teħid eċċessiv ta' noti u jikkonċentraw aktar fuq il-lezzjoni (Sharma, 2019).
32. Ir-riżorsi bħall-karti tan-noti għandhom jinkludu taħriġiet biex ix-xogħol ikun jista' jinħadem fuq l-istess karta ħalli kollox ikun miġbur, kif ukoll spazju biex l-istudenti jżidu jew ibiddlu l-forma tal-informazzjoni diġà miktuba, b'hekk jipprattikaw fis-smigħ kontinwu u fit-teħid tan-noti (Sharma, 2019; Stacy u Cain, 2015).
33. Ir-riżorsi għandhom ikunu kemm tradizzjonali (karti tat-taħriġ, leħħiet u kartelluni) kif ukoll diġitali (preżentazzjonijiet Powerpoint, quizzes online u applikazzjonijiet interattivi) biex l-istudenti jkollhom esperjenza aktar sinifikanti u relevanti għall-ħajja tal-lum, kif ukoll jibbenifikaw mill-vantaġġi taż-żewġ tipi (Lane, 2012; Camilleri Grima u Portelli, 2017).
34. Għandu jkun hemm varjeta ta' riżorsi tradizzjonali u diġitali peress li dawn joffru vantaġġi differenti lill-istudenti. Ir-riżorsi tradizzjonali jżommu lill-istudenti attivi fiżikament u mentalment, irawmu l-ħiliet soċjali fl-istudenti, u jgħinu lill-istudenti jiffukaw fuq oġġett wieħed minħabba l-konkretezza tagħhom filwaqt li r-riżorsi diġitali jistgħu jitpoġġew online u b'hekk jiġu aċċessati kull ħin u minn min jixtieq, ikattru sens ta' awtonomija, indipendenza, kollaborazzjoni u komunikazzjoni (anke bejn l-għalliema) li bihom jissaħħaħ it-tagħlim (Al-Imamy, 2020; Littlejohn, 2012; Gatt, 2015).
35. Fir-riżorsi għandhom jiġu spjegati t-termini letterarji tas-sillabu b'mod konsistenti pereżempju permezz ta' glossarju jew stampi (Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Kanada, 2008).

***Il-kontenut u d-dehra tar-riżorsi***

36. Ir-riżorsi bħall-karti tat-taħriġ għandhom jinkorporaw eżerċizzji differenti u llivellati skont il-ħtieġa u l-kapaċità tal-istudenti (Portelli u Camilleri Grima, 2002).

37. Ir-riżorsi tradizzjonali u diġitali jkunu ta' benefiċċju akbar meta jintrabtu ma' filmati li juru l-qari ta' stejjer (video modeling storybooks) permezz tar-realtà awmentata speċjalment biex jgħallmu studenti bl-awtiżmu (Chen et al., 2016).
38. Ir-riżorsi għandhom ikollhom kontenut (bħall-istampi, l-illustrazzjonijiet u l-kliem) preċiż, organizzat u ppreżentat b'mod ċar u konsistenti għalkemm varjat sabiex l-istudenti jkollhom aċċess komplet u jifhmu aktar il-materjal waqt li jrid juri u jagħti spazju għal perspettivi u interpretazzjonijiet differenti (Ministry of Education of Saskatchewan, 2013; MEDE, 2012).
39. Kull parti tar-riżorsa (stampa, ħsejjes, kliem, dijagramma) għandha tirrelata ma' xulxin biex waħda tgħin lill-oħra. Hekk l-istudenti jifhmu aktar l-għan tal-lezzjoni u dak li hu mistenni mingħandhom fit-taħriġ speċifiku (Debattista, 2019).
40. Ir-riżorsi għandhom ikunu faċli biex jintużaw mill-għalliema u mill-istudenti.
41. Ir-riżorsi għandhom ikunu attraenti b'tali mod li l-istudenti jieħdu gost jużawhom u jistudjaw minnhom u m'għandhomx ikunu wisq mgħobbija li tkun diffiċli għalihom biex jaħdmuhom jew jużawhom (Tomlinson, 2012).
42. Fir-riżorsi għandu jkun hemm ritratti u kunċetti mill-ħajja reali tal-istudenti fejn possibbli, għajnuniet espliċiti għall-memorizzazzjoni, appell għall-emozzjoni, istruzzjonijiet ċari u sempliċi għall-ħidma, spazju għall-ħidma fi gruppi jew f'pari u taqsiriet tal-informazzjoni essenzjali biex hekk ikun eħfef għall-istudenti kollha, speċjalment dawk b'diżabilitajiet intelletwali li jinternalizzaw il-kontenut (Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Kanada, 2008).
43. Il-lingwaġġ fir-riżorsi għandu jkun adattat għal-livell tal-istudenti; ċar u sempliċi mingħajr ma jkun tekniku żżejjed (Camilleri Grima u Portelli, 2017).
44. Ir-riżorsi għandhom ikunu maħsuba bħala attivitajiet li jsaħħu dak li jkun sar fil-lezzjoni u mhux li jkunu l-lezzjoni nnifisha.
45. Ir-riżorsi għandhom jinkoraġġixxu ħiliet ta' ħsieb ta' livell ogħla (higher order thinking skills) fl-istudenti billi jġegħluhom isaqsu, jaħsbu, jirreaġixxu, jirriflettu, jiddeċiedu u jfittxu modi li jiżviluppaw ħiliet ta' ħsieb kritiku, teħid ta' deċiżjoni, soluzzjoni ta' problemi u ta' tiftix b'mod individwali u bħala grupp.
46. Ir-riżorsi għandhom jinkludu mistoqsijiet li jiggwidaw lill-istudenti fir-rispons tagħhom billi jitilqu mit-test u jħarsu lejn ir-rispons tal-istudenti bħal: F'xi poeżiji ta' Dun Karm tispikka t-

tema tas-solitudni. Ikteb mhux anqas minn ħames sentenzi ta' inkoraġġiment lill-poeta bħallikieku qiegħed jaqra dan il-messaġġ fi xjuħitu.

***Ir-riżorsi inklussivi***

47. Ir-riżorsi għandhom isaħħu l-awtostima tal-istudenti u r-rispett lejn l-oħrajn.
48. Ir-riżorsi għandhom jikkunsidraw 'l-istudenti b'diżabilitajiet fit-tagħlim, b'hekk iridu: joffru medji differenti li l-istudenti jistgħu jużaw biex jesprimu l-fehim tagħhom; ikollhom kitba b'tipi differenti għal kunċetti differenti; ikollhom il-kliem ġdid immarkat u spjegat u l-informazzjoni essenzjali mmarkata wkoll (Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Kanada, 2008).
49. Ir-riżorsi għandhom jikkunsidraw 'l-istudenti bi problemi viżwali, b'hekk: il-kliem għandu jkun spazjat, b'tipa ta' kliem sempliċi u kbira, bl-ittri separati, b'kuntrast bejn il-kitba u l-isfond permezz ta' sfondi bojod jew pastell. L-illustrazzjonijiet għandhom ikunu ċari u sempliċi bi ftit dettall u mingħajr dellijiet. Il-vuċijiet irrekordjati għandhom ikunu ċari u kuntrastanti biex jinstemgħu distinti minn xulxin (Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Kanada, 2008).
50. Ir-riżorsi għandhom jinkludu strateġiji li jippromwovu r-rilaxx tad-dopamina, bħal meta l-istudenti jħossuhom awtonomi għax ikunu inkoraġġuti jiskopru waħedhom u jpoġġu t-tagħrif f'kuntesti differenti, ikollhom ċans jaħsbu, ikunu kreattivi billi jirriproduċu b'varjetà l-eżempji mogħtija, ikollhom l-għażla u jiġu mfaħħrin għall-imġiba pożittiva tagħhom; b'hekk l-istudenti kollha inklużi dawk li jkollhom problemi ta' attenzjoni (ADD/ADHD) jkunu motivati fit-tagħlim u jiftakru aktar (Willis, 2007; Camilleri Grima u Portelli, 2017).

# 5.0 Il-Ħsieb wara r-Riżorsi

## 5.1 Id-daħla

Dan il-kapitlu se jispjega fil-qosor il-ħsieb wara kull riżorsa. Se jinkludi informazzjoni essenzjali bħall-isem tat-test u l-kisba mis-sillabu (QMK), xi programmi ntużaw biex tinħoloq ir-riżorsa, x'tip ta' kontenut fiha u l-ħsieb warajh, il-ħiliet li jitħaddmu permezz tar-riżorsa, l-etika wara r-riżorsa u x-xogħol u l-għodda li tirrikjedi r-riżorsa biex l-istudenti jlestuha. Dawn ir-riżorsi huma kollha maħsuba għall-istudenti tat-tielet rotta (QMK 3) u jinkludu kemm riżorsi tradizzjonali kif ukoll diġitali. Mal-ispjegazzjonijiet se jkun hemm xi stampi tar-riżorsi bħala referenza. Aktar dettalji se jingħataw fl-appendiċi.

## 5.2 Il-ħsieb

***Riżorsa 1 – 'Għaliex?'***

L-ewwel riżorsa għall-poeżija *Għaliex? Jedd il-Lsien Malti* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 15. 'Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila' bi kriterji tal-assessjar 15.3b. 'Nevalwa t-tema/i f'poeżiji ta' Dun Karm' u 15.3ċ. 'Nevalwa l-effett li joħolqu l-aspetti bijografiċi ta' Dun Karm fil-poeżiji tiegħu.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi tliet riżorsi: żewġ preżentazzjonijiet li tħejjew permezz tal-Powerpoint Presentation u karta tat-taħriġ bil-Microsoft Word. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

L-ewwel preżentazzjoni hija fuq il-fatti storiċi, politiċi u kulturali biex l-istudenti mill-bidu jinfurmaw ruħhom fuq il-kuntest ta' żmien Dun Karm u fuq ħajtu. Il-bażi ta' dan hija kitba bl-istampi li jikkontribwixxu għall-fehim tal-qari. Hawn tpoġġa filmat ta' apprezzament għal xogħol Dun Karm fil-lingwa Maltija biex l-istudenti jaraw l-informazzjoni b'mod dinamiku u minbarra l-ħila tal-qari tul il-preżentazzjoni tiddaħħal dik tas-smigħ. Permezz ta' dan il-filmat l-istudenti se jaraw kif Dun Karm huwa meqjus fis-soċjetà tal-lum. F'din il-preżentazzjoni tpoġġa wkoll recording ta' Dun Karm jaqra *Għaliex? Jedd il-Lsien Malti* biex l-istudenti jisimgħu

t-ton u l-pass xieraq ta' qari għal din il-poeżija. Fl-aħħar slide bħala taħriġ immaġinattiv relevanti għal ħajjet l-istudenti ddaħħlet screenshot ta' post fuq *Facebook* taparsi miktuba minn Dun Karm biex l-istudenti jiddiskutu l-opinjonijiet tagħhom u b'hekk tiddaħħal il-ħila tat-taħdit. L-ewwel taħriġ fil-karta tat-taħriġ jagħti spazju lill-istudenti biex jiktbu l-kummenti tagħhom u ta' sħabhom għal din il-post biex b'hekk ikollhom nota tagħhom. Bħala suġġeriment biex id-diskussjoni fil-klassi tkun aktar interattiva fl-appendiċi ġew miżjuda xi siti elettroniċi bħal *Padlet* u *Slido* li l-għalliema jistgħu jużaw b'mod faċli jekk l-istudenti jkollhom aċċess għal mezzi elettroniċi.

Imbagħad it-tieni preżentazzjoni hija fuq l-analiżi tal-poeżiji fejn l-istudenti jistgħu jsibu informazzjoni fuq xi tifsir, xi tekniki letterarji, it-tema u l-binja tal-poeżija. L-informazzjoni hija mqassma b'mod ċar pereżempju l-poeżija nnifisha ġiet murija flimkien mat-tifsir partikolari li jindika l-kliem għax din hija poeżija qasira u b'hekk ma ġietx maqsuma f'ħafna biċċiet f'kull slide li jintilef l-iskop tagħha iżda fi tnejn biss. Eżempji oħrajn huma li permezz tal-ewwel slide li tindika l-kontenut tal-preżentazzjoni; it-tifsir tat-termini letterarji huma mqiegħda ġo bżieżaq, u l-istampi jikkontribwixxu għall-fehim tal-qari. Hawn intużaw l-*animations* biex tinġibed aktar l-attenzjoni tal-istudenti. Iż-żewġ preżentazzjonijiet għandhom ukoll il-kisba u l-kriterju tal-assessjar miktuba fl-ewwel slide biex l-istudenti jżommu f'moħħhom xi jridu jilħqu primarjament minbarra kisbiet oħra.

It-tieni taħriġ fil-karta tat-taħriġ huwa mħejji biex l-istudenti b'mod individwali jew f'pari jikkonfermaw li fehmu l-poeżija b'mod awtonomu. Dan jikkonsisti f'mistoqsijiet fuq il-kuntest storiku, politiku u kulturali ta' żmien it-test u tal-lum, mistoqsijiet fuq il-bijografija ta' Dun Karm, mistoqsijiet fuq it-tema u l-istil tal-poeżija (binja, tekniki letterarji) (f'forma ta' mistoqsija u tweġiba u ta' gradilja). Il-mistoqsijiet huma bbażati fuq iż-żewġ preżentazzjonijiet u minħabba li din hija l-ewwel riżorsa tal-pakkett tar-riżorsi l-istudenti mhumiex mistennija jkunu jafu informazzjoni oħra, kulma għandhom bżonn hija biro biex jiktbu. F'din ir-riżorsa jingħataw il-perspettivi differenti tas-seklu 20 u mhux ħsieb Dun Karm biss biex l-istudenti jaraw ir-realtà kif kienet. L-istampi li ddaħħlu f'din ir-riżorsa minbarra li huma estetikament sbieħ u relevanti għall-kitba, juru wkoll nies b'etajiet, sessi u etniċitajiet differenti sabiex l-istudenti jaraw ir-realtà b'mod oġġettiv.

Għalhekk din ir-riżorsa sħiħa maqsuma fi tliet riżorsi tinkludi l-ħiliet tal-qari, is-smigħ, it-taħdit u l-kitba, b'diskussjoni bħala klassi u b'kitba b'mod individwali u jew f'pari; b'hekk ħafna bżonnijiet u preferenzi differenti tal-istudenti għandhom jiġu milħuqin. B'hekk l-istudenti permezz ta' din ir-riżorsa se jidħlu fit-taqsima tal-poeżiji ta' Dun Karm b'mod divertenti b'informazzjoni u attivitajiet tal-livell tagħhom.

***Riżorsa 1 - Ritratti tar-riżorsi***




Slide 1 - Preżentazzjoni 1




Slide 11 – Preżentazzjoni 1




Slide 4 – Preżentazzjoni 2




Slide 6 – Preżentazzjoni 2



**Taħriġ B: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-poeżija. Tista' taħdem f'par.**

1. Qabbel kif it-Taljan u l-Malti kienu meqjusin dak iż-żmien u kif l-Ingliż u l-Malti huma meqjusin illum.

| It-Taljan u l-Malti fl-imgħoddi | L-Ingliż u l-Malti llum |
| --- | --- |
| *Pereżempju:* It-Taljan huwa aktar addattat għall-kitba letterarja mill-Malti. | |

2. Int x'tista' tagħmel biex il-Malti jkompli jsaħħaħ l-istima tiegħu fost il-Maltin. Ikteb żewġ ideat.



Għaliex? Jedd il-Lsien Malti
Dun Karm

**Taħriġ A: Immaġina li Dun Karm kellu profil fuq *Facebook* u kiteb din il-post. Iddiskuti u ikteb x'kieku tikkummenta fuq din il-post. Ikteb xi kummenti ta' sħabek ukoll.**



Il-kumment tiegħek:

________________________________________

Kummenti oħra:

________________________________________

1

Taħriġ A – Karta tat-Taħriġ

Taħriġ B – Mistoqsija 1, 2 – Karta tat-Taħriġ

***Riżorsa 2 – 'Il-Għanja tar-Rebħa'***

It-tieni riżorsa għall-poeżija *Il-Għanja tar-Rebħa* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 12. 'Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 12.3ċ. 'Nevalwa kif il-vokabolarju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti epoka/i partikolari.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi tliet riżorsi: preżentazzjoni li tħejjiet permezz tal-Powerpoint Presentation u karta tat-taħriġ u tan-nota bil-Microsoft Word. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-preżentazzjoni hija fuq l-analiżi tal-poeżija u tinkludi: filmat qasir fuq Sant'Iermu biex jiddaħħal l-awdjoviżwal u b'hekk l-istudenti tinqabdilhom l-attenzjoni mill-bidu u jkollhom idea tal-ambjent li jissemma fil-poeżija; il-poeżija nnifisha bit-tifsir ta' xi kliem ħdejha minħabba li l-poeżija fiha ħafna kliem arkajku li jista' jtellef mill-fehim sħiħ; żewġ taħriġiet żgħar fuq il-vokabolarju u l-versi b'rabta mat-tema flimkien ma' spjega qasira fuq it-tema u l-kuntest tal-poeżija biex l-istudenti jkunu awtonomi waqt li jidħlu fl-ispjega; mistoqsijiet u informazzjoni fuq is-similarità mal-poeżija *Għaliex? Jedd il-Lsien Malti* u ma' *L-Innu Malti* ta' Dun Karm biex l-istudenti jagħrfu l-vuċi tal-poeta f'testi differenti (b'hekk l-istudenti għandhom ikollhom għarfien fihom qabel jużaw din ir-riżorsa); it-tifsir ta' xi tekniki letterarji

mqiegħda ġo bżieżaq u l-versi fejn jidhru; u l-binja tal-poeżija. Il-bażi ta' din il-preżentazzjoni hija kitba bl-istampi li jikkontribwixxu għall-fehim tal-qari għalhekk f'din il-preżentazzjoni tispikka l-ħila tal-qari iżda wkoll tas-smigħ permezz tal-filmat u tal-kitba permezz tat-taħriġiet żgħar. Fil-preżentazzjoni ntużaw l-*animations* biex tinġibed aktar l-attenzjoni tal-istudenti u biex l-istudenti jkollhom ċans jaħsbu fuq it-tweġibiet u jifhmu l-informazzjoni biċċa biċċa.

Fl-ewwel slide ġiet miktuba l-kisba u l-kriterju tal-assessjar biex l-istudenti jżommu f'moħħhom xi jridu jilħqu primarjament minbarra kisbiet oħra. Din il-preżentazzjoni hija interattiva u tħaddan l-awtonomija aktar minn riżorsa 1 minħabba li l-ewwel riżorsa kienet il-bażi ta' din it-taqsima u b'hekk il-preżentazzjonijiet kienu aktar jiffukaw fuq l-ispjega. Barra minn hekk il-kriterju tal-assessjar ta' riżorsa 2 tiffoka fuq il-vokabolarju, b'hekk l-istudenti aktar iridu jfittxu bir-reqqa mit-test. Il-karta tan-nota tinkludi nota qasira ta' paġna biex l-istudenti jkollhom l-essenzjal miġbur bħat-tema, il-kuntest, il-vokabolarju, it-tekniki letterarji u l-binja tal-poeżija u b'hekk ma jaqtgħux qalbhom minħabba t-tul tal-poeżija.

Imbagħad il-karta tat-taħriġ tikkonsisti f'żewġ taħriġiet li idealment l-istudenti jaħdmu individwalment imbagħad jiddiskutu t-tweġibiet tagħhom flimkien biex jaraw perspettivi differenti. L-ewwel taħriġ jinkludi mistoqsijiet fuq it-tema anke b'rabta mal-lum, mistoqsijiet fuq il-kuntest, mistoqsijiet fuq it-tekniki letterarji, mistoqsijiet ta' riflessjoni, kitba kreattiva u kwotazzjonijiet mill-versi (fil-forma ta' mistoqsija u tweġiba u ta' gradilja) sabiex l-istudenti japprezzaw il-poeżija fil-kuntest ta' dak iż-żmien u tal-lum. Il-mistoqsijiet jispjegaw parti mit-test u jsaqsu mistoqsija jew jagħtu kmand biex jidderiġu lill-istudenti aħjar. Wara, it-tieni taħriġ jinkludi xenarju li jħeġġeġ lill-istudenti jagħżlu l-istampi relatati mal-poeżija minn poster u jiktbu r-raġuni wara din l-għażla. B'hekk l-istudenti għandhom varjetà ta' mistoqsijiet u taħriġiet bl-għan li timmotivahom. L-istudenti għandhom bżonn karta u biro biex jiktbu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-preżentazzjoni u biro biex jiktbu fuq il-karta tat-taħriġ.

Għalhekk din ir-riżorsa sħiħa maqsuma fi tliet riżorsi tinkludi l-ħiliet tal-qari, is-smigħ, it-taħdit u l-kitba, b'kitba b'mod individwali li tinqasam flimkien permezz ta' diskussjoni bħala klassi, fi gruppi jew f'pari; b'hekk il-bżonnijiet u l-preferenzi differenti tal-istudenti għandhom jiġu milħuqin. L-istampi li ddaħħlu f'din ir-riżorsa minbarra li huma estetikament sbieħ u relevanti għall-kitba, juru wkoll nies b'etajiet, sessi u razez differenti sabiex l-istudenti jaraw ir-realtà b'mod oġġettiv.

## *Riżorsa 2 – Ritratti tar-riżorsi*




Slide 12 – Preżentazzjoni




Slide 13 – Preżentazzjoni




Slide 14 – Preżentazzjoni




Slide 15 – Preżentazzjoni




**Nota**

- *Il-Għanja tar-Rebħa* (1927) hija poeżija b'**tema patrijottika u romantika** għax turi l-imħabba lejn in-nazzjon Malti.
- F'din il-poeżija l-poeta jittratta l-istorja qadima tal-Assedju l-Kbir fl-1565 biex il-Maltin jiftakru fir-rebħiet diffiċli ta' missirijiethom u jagħmlu kuraġġ fil-preżent.
- Dan għaliex fis-seklu 20 il-lingwa Maltija kienet għadha meqjusa inferjuri minn dik Taljana fis-soċjetà u b'hekk fil-kitba tal-letteratura wkoll. Iżda Dun Karm kellu fehma differenti u għalhekk għażel li jikteb bil-Malti.
- Din it-tema patrijottika u romantika tispikka permezz tal-**vokabolarju** użat li jfaħħar lil aspetti varji Maltin.
- Għalhekk, it-tema u l-vokabolarju jirriflettu ż-żmien ta' qawwa u għaqda nazzjonali fil-gwerra biex il-qarrej tas-seklu 20 iqum fuq saqajh.
- Din il-viżjoni ta' Dun Karm tidher ukoll f'innijiet bħal *L-Innu Malti* u f'poeżiji oħra bħal *Għaliex? Jedd il-Lsien Malti.*
- **It-tekniki letterarji** wkoll jgħinu fl-iżvilupp tat-tema, pereżempju s-similitudni "ħarġet bħal ragħda minn ġo qalbek l-għajta" (v.61) turi kemm il-ferħ tar-rebħa tal-Maltin kien qawwi.
- **Il-binja tal-poeżija**: Il-poeżija hija mibnija fuq strofi kwartini b'versi endekasillabi u rima mqabbża (a-b-ċ-b) biex il-poeta jkollu l-possibiltà jesprimi ruħu fit-tul waqt li l-qari jkun mexxej u ritmiku.

Karta tan-Nota



**Taħriġ fuq *Il-Għanja tar-Rebħa* ta' Dun Karm**

**Taħriġ A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Dun Karm juża bosta kliem ta' tifħir għal Malta u dak kollu li hu relatat magħha. Ikteb messaġġ ta' tifħir lil Malta tal-lum billi tuża erba' kelmiet mill-poeżija. Ikteb dan il-kliem f'virgoletti.



**Taħriġ B: Xi studenti għamlu dan il-poster dwar il-poeżija *Il-Għanja tar-Rebħa* iżda ġew f'diffikultà liema stampi huma relatati mal-poeżija. Għin lil dawn l-istudenti billi tikteb in-numru tal-istampi relatati u tikteb ir-raġuni għaliex huma relatati.**



Taħriġ A - Mistoqsija 1- Karta tat-Taħriġ

Taħriġ B - Karta tat-Taħriġ

***Riżorsa 3 – 'L-Arloġġ'***

It-tielet riżorsa għall-poeżija *L-Arloġġ* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 14. 'Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 14.3 a. 'Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju,' fost kriterji oħra. Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi erba' riżorsi: żewġ preżentazzjonijiet li tħejjew permezz tas-sit elettroniku canva.com, u logħba kif ukoll nota permezz tal-Microsoft Word.

L-ewwel preżentazzjoni tispjega fil-qosor l-elementi stilistiċi kollha biex l-istudenti jifhmu l-funzjonijiet tagħhom u jkunu jafu jaqsmuhom fi gruppi. Dan huwa l-pass li jmiss biex l-istudenti wara li jkunu rriflettew fuq xi elementi stilistiċi fl-ewwel żewġ poeżiji, jagħrfuhom b'mod espliċitu biex jifhmu aktar l-effett u l-funzjonijiet tagħhom bħala grupp, b'mod individwali u mħalltin flimkien ma' gruppi oħra. Din il-preżentazzjoni tinkludi kitba mqassma b'mod spazjat u kuluri li jindikaw gruppi tal-elementi stilistiċi differenti biex l-ispjega tkun aktar ċara għall-istudenti. Fl-aħħar ġie inkluż l-iskop ta' dawn l-elementi f'daqqa biex l-istudenti barra mill-funzjonijiet tal-elementi primarjament jiffukaw fuq l-esperjenza li qegħdin iħossu permezz tagħhom. Dan huwa xieraq minħabba li din hija l-ewwel riżorsa li tiffoka fuq l-elementi stilistiċi. Din il-preżentazzjoni għandha tiġi miftuħa ma' slide 11 tat-tieni preżentazzjoni biex tgħin lill-istudenti fit-taħriġ riflessiv; hi tiffoka fuq il-ħila tal-qari flimkien mas-sens tal-ħars li jgħinu fil-viżwal u l-memorizzazzjoni.

It-tieni preżentazzjoni hija fuq l-analiżi tal-poeżija u tinkludi: it-titlu, il-kisba u l-kriterju tal-assessjar, li għalkemm din l-istudenti se jiffukaw fuqha, se jaħdmu fuq kriterji oħrajn dwar xi elementi stilistiċi oħra li jitħaddmu flimkien fil-poeżija; b'hekk l-istudenti jifhmu din id-dinamika. Il-preżentazzjoni tinkludi wkoll: kitba kreattiva biex l-istudenti jidħlu fit-tema tal-poeżija b'mod divertenti u relevanti għal ħajjithom waqt li jħaddmu l-ħila tal-kitba; il-poeżija murija u moqrija bil-ħoss tal-arloġġ fl-isfond u b'xi tifsir magħha biex l-istudenti jifhmu aktar kliem Dun Karm; taħriġ riflessiv maqsum fi tliet mistoqsijiet biex l-istudenti jħalltu l-effetti stilistiċi mal-interpretazzjonijiet tagħhom; spjega ta' xi elementi stilistiċi b'informazzjoni taħt liem grupp jaqgħu, il-versi kkwotati u t-tifsira speċifika ta' kull element. Fl-għeluq tpoġġa sommarju tal-poeżija bħala reviżjoni. Barra li din il-preżentazzjoni hija informattiva għandha l-għan li taqbad l-attenzjoni tal-istudenti permezz tal-filmat, il-kuluri vivaċi, u l-animations u tinvolvihom permezz tal-attivitajiet imsemmija.

Il-logħba tal-arloġġ 'Dawwar u Agħmel' tinkludi: istruzzjonijiet ta' kif għandha tiġi ffurmata din il-logħba wara li tkun printjata; arloġġ bi sfidi kreattivi dwar il-poeżija biex l-istudenti jkunu fiċ-ċentru tat-tagħlim, bħal billi jqabblu l-poeżija ma' diski, films u oġġetti; jirreċtaw it-temi u l-istrofi; jidentifikaw il-kuntrasti u l-effett tagħhom; jaħsbu dwar titli oħra għall-poeżija u jirrakkuntaw xi episodji minn ħajjithom; u minutiera biex titwaħħal fuq l-arloġġ u tiddawwar biex tiddetermina l-azzjoni. L-għalliema jistgħu jaċċessaw is-sit *wheeldecide.com* biex faċilment jiffurmaw logħba simili online bl-istess mistoqsijiet jew b'oħrajn. B'din l-attività l-istudenti se jħaddmu l-ħiliet tat-taħdit, il-qari u s-smigħ. Finalment tħejjiet karta tan-nota ta' paġna sabiex l-istudenti jkollhom l-essenzjali miġbur. Din tinkludi l-effetti ta' xi elementi stilistiċi fuq il-qarrej li jinkludu t-tema, il-binja tal-poeżija, u t-tekniki letterarji flimkiem mal-versi kkwotati.

Għalhekk f'din ir-riżorsa l-istudenti għandhom varjetà ta' noti u attivitajiet bl-għan li jimmotivawhom. L-istudenti għandhom bżonn karta u biro biex jiktbu l-kitba kreattiva u t-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' preżentazzjoni tnejn. Din ir-riżorsa għalkemm hija ppjanata biex tintuża wara l-ewwel żewġ poeżiji, l-istudenti xorta jistgħu jużawha qabel il-poeżiji preċedenti u jifhmu. Barra minn hekk, din ir-riżorsa tinkludi l-erba' ħiliet tal-lingwa, b'kitba u b'taħriġ riflessiv b'mod individwali li jistgħu jinqasmu mal-oħrajn u b'logħba bħala klassi jew fi gruppi; b'hekk il-bżonnijiet u l-preferenzi differenti tal-istudenti għandhom jiġu milħuqin. L-

istampi murija fil-maġġoranza huma ta' oġġetti iżda meta dehru n-nies żammejt f'moħħi li jkunu ta' sessi differenti sabiex l-istudenti jaraw ir-realtà b'mod oġġettiv.

***Riżorsa 3 – Ritratti tar-riżorsi***




Slide 1 - Preżentazzjoni 1




Slide 2 - Preżentazzjoni 1




Slide 11 - Preżentazzjoni 2




Slide 14 – Preżentazzjoni 2




Slide 21 – Preżentazzjoni 2



**Attività fuq il-poeżija *L-Arloġġ* ta' Dun Karm – Dawwar u Agħmel**

1) Waħħal dan l-arloġġ u l-minutiera fuq kartonċina.
2) Aqta' l-kartonċina.
3) Taqqab toqba fin-nofs tal-arloġġ u oħra taħt tal-minutiera.
4) Poġġi l-minutiera fuq l-arloġġ.
5) Daħħal butterfly pin.
6) Tista' wkoll tmur fis-sit *wheeldecide.com* biex toħloq logħba simili online.





- Dun Karm fil-poeżija *L-Arloġġ* juri li l-ħin jew iż-żmien dejjem jibqa' għaddej u ma jistenna lil ħadd. B'hekk il-poeta jurina l-intensità tal-inkwiet tiegħu.
- Dan jissaħħaħ permezz ta' bosta elementi stilistiċi, fosthom:

1) **Bl-elementi tal-ħoss**:
**Ir-rima mqabbża** (a-b-ċ-b) u **l-versi senarji** fl-istrofi kwartini jagħmlu l-qari ritmiku u mexxej bħall-ħin fuq l-arloġġ, kif ukoll **l-onomatopea** "ittektek" tfakkar lill-qarrej fit-tokki tal-arloġġ.

2) **Bl-elementi figurattivi**:
**Is-similitudni** "imqiegħed bħal għassa" tgħin lill-qarrej jivviżwalizza l-arloġġ li ma jiċċaqlaqx iżda jtektek biss; **il-personifikazzjoni** "nistħajlek trid tgħidli / / li kollox mhu xejn" turi li l-arloġġ tant jgħaddi messaġġ qawwi li l-poeta jimmaġinah ikellmu.

3) **Bl-elementi retoriċi**:
**Il-kuntrasti** numerużi li jissemmew ikomplu jenfasizzaw il-fatt li jiġri x'jiġri fil-ħajja tal-bniedem il-ħin mhux se jieqaf: "La lejl u la nhar";
**l-anafora** tagħmilha ċara lill-qarrej li l-ħin mhux se jieqaf permezz tar-repetizzjoni ma' okkażjonijiet differenti tal-ħajja tal-bniedem: "Jekk frugħa li tlellex, // Jekk dmugħ fil-għajnejn".

4) **Bl-elementi strutturali:**
**It-tema** ta' din il-poeżija hija dik tal-eżistenza tal-bniedem li fl-aħħar tiżdied magħha t-tema tal-fidi Nisranija għax meta jaħseb fix-xemx Dun Karm jiftakar fid-dawl tal-ħajja ta' dejjem.



Il-Logħba tal-Arloġġ: Dawwar u Agħmel

Parti mill-Karta tan-Nota

***Riżorsa 4 –' Żagħżugħ ta' Dejjem'***

Ir-raba' riżorsa għall-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 12. 'Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 12.3 b. Nispjega kif tema/i u sottotema/i jiżviluppaw u jinteraġixxu flimkien biex joħolqu effett wieħed u kumpless fil-qarrejja.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi tliet riżorsi: preżentazzjoni u leħħiet li tħejjew permezz tas-sit elettroniku canva.com, u karta tat-taħriġ permezz tal-Microsoft Word. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-preżentazzjoni hija fuq l-analiżi tal-poeżija u tinkludi: it-titlu u l-kisbiet; filmat qasir tal-baħar u mistoqsijiet ta' riflessjoni li wara jiġu diskussi mal-oħrajn biex l-analiżi titlaq mill-esperjenza tal-istudenti; filmat tal-poeżija moqrija bil-kitba tal-versi u bl-istampi biex l-istudenti jaraw il-vers b'mod aktar ħaj, joqogħdu attenti u jiftakru aktar; mistoqsijiet ta' riflessjoni fuq l-emozzjonijiet tagħhom, it-tema u t-titlu tal-poeżija biex jibdew mill-bażi. Wara ġiet inkluża spjega biċċa biċċa fuq it-temi u s-sottotemi tal-poeżija u kif dawn jitħalltu flimkien biex joħolqu l-effett tagħhom, u mistoqsija ta' tiftix, kif ukoll spjega fuq xi tekniki letterarji u fuq il-binja li tikkumplimenta t-tema. Dan sabiex l-istudenti jaraw kollox f'armonija. Fl-għeluq

tpoġġa sommarju tat-temi u s-sottotemi mħaddmin flimkien u żewġ mistoqsijiet biex iġiegħlu lill-istudenti jirriflettu. Biex il-kitba f'din il-preżentazjoni tingħata l-ħajja minbarra l-filmati ġew inklużi stampi u clips żgħar. Il-ħiliet li se jitħaddmu huma tal-qari, tas-smigħ u tat-taħdit. L-istampi li ddaħħlu f'din ir-riżorsa juru nies b'etajiet, sessi u etniċitajiet differenti sabiex l-istudenti jaraw ir-realtà b'mod oġġettiv.

Il-karta tat-taħriġ tinkludi żewġ eżerċizzji ta' mistoqsijiet li jridu jinħadmu fuq karta separata: b'taħriġ A li jinkludi mistoqsijiet li jiffukaw fuq it-temi: it-temi, is-sottotemi, it-tekniki letterarji użati u t-tqabbil mal-poeżija *L-Arloġġ* (għalhekk idealment ikunu għamluha qabel); u b'taħriġ B li jinkludi mistoqsijiet kreattivi u ta' riflessjoni. Dan sabiex l-istudenti jikkonfermaw li fehmu t-test u waslu għall-kisba iżda wkoll jippersonalizzawh u b'hekk jieħdu aktar gost u jibqgħu jiftakruh. Għalhekk hawn se titħaddem il-ħila tal-kitba.

Imbagħad il-leħħiet tħejjew forma ta' kwiżż u għalhekk tajjeb li l-istudenti jkunu ftit kunfidenti fil-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* qabel jagħmluh. Dan jinkludi tlettax-il mistoqsija tat-tip: agħżel it-tajba, agħżel il-ħażina, għid jekk hux tajba jew ħażina, irreċta, sib diska relatata, agħżel titlu ieħor flok, ikkwota u spjega; u l-mistoqsijiet huma dwar: it-titlu, it-tekniki letterarji, it-temi, il-binja u l-vokabolarju. Il-klassi idealment tinqasam fi gruppi u l-għalliema ġġib magħha buzzer jew qanpiena għal kull grupp u taqra l-mistoqsijiet; tajjeb jiġu allokati l-punti bħala kompetizzjoni bejn il-gruppi. Hawn se jitħaddmu l-ħiliet tat-taħdit u s-smigħ.

Għalhekk f'din ir-riżorsa l-istudenti għandhom in-noti u varjetà ta' attivitajiet bl-għan li jimmotivawhom; b'hekk il-bżonnijiet u l-preferenzi differenti tal-istudenti għandhom jiġu milħuqin.

***Riżorsa 4 – Ritratti tar-riżorsi***




Slide 13 – Preżentazzjoni




Slide 17 - Preżentazzjoni




Slide 22 – Preżentazzjoni



**Taħriġ**

**Taħriġ A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq it-temi tal-poeżija fuq karta separata.**

1. a. Għal xiex qed jirreferi t-titlu ta' din il-poeżija?
   b. Liema teknika letterarja qiegħda tiġi użata?
   ċ. X'tema/i t/jispikka/w fit-titlu permezz ta' din it-teknika?
   d. Ikkwota tliet versi li fihom tispikka din l-istess teknika u spjega x'effett toħloq f'relazzjoni mat-tema/i tal-poeżija.
2. a. Fil-qosor spjega kif it-temi u s-sottotemi f'din il-poeżija jaħdmu flimkien.
   b. Ikkummenta fuq l-effett li dawn joħolqu fil-qarrej.
   ċ. Ikkummenta fuq tliet tekniki letterarji (differenti minn ta' mistoqsija 1) li tħoss li jenfasizzaw dawn it-temi. Ikkwota l-versi fejn jidhru.
3. Dun Karm f'din il-poeżja jenfasizza l-immortalità tal-baħar. Taħseb li dan għadu japplika fil-ġurnata tal-lum? Għaliex?
4. Dun Karm bħala poeta riflessiv kiteb ħafna fuq it-tema tal-eżistenzjaliżmu. Semmi poeżija oħra tiegħu li tittratta din it-tema u minnha kkwota l-istrofa li fiha tispikka din it-tema.
5. Taħseb li l-fatt li l-poeta kien Malti għandu x'jaqsam ma' li huwa għażel il-baħar bħala element ta' ħajja.

**Taħriġ B: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet riflessivi fuq karta separata.**

1. Din il-poeżija għall-poeta tieħu forma ta' djarju ta' tifkiriet. Ikteb xi tifkira favorita minn tfulitek li hi relatata mal-poeżija.
2. Dun Karm f'din il-poeżija jkellem lill-baħar. Kieku int tista' tkellem lill-baħar x'tgħidlu?

Parti mill-Karta tat-Taħriġ




L-ewwel tliet leħħiet

***Riżorsa 5 – 'Lill-Kanarin'***

Il-ħames riżorsa għall-poeżija *Lill-Kanarin* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 15. 'Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila' bil-kriterju tal-assessjar 15.3ċ. 'Nevalwa l-effett li joħolqu l-aspetti bijografiċi ta' Dun Karm fil-poeżiji tiegħu.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi żewġ riżorsi: preżentazzjoni u attività ta' kartolina li tħejjew permezz tas-sit elettroniku canva.com. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-preżentazzjoni hija fuq l-analiżi tal-poeżija u tinkludi: it-titlu u l-kisbiet; riflessjoni in ġenerali u personali fuq l-effett tal-annimali biex mal-ewwel jidħlu fit-tema; il-poeżija bit-tifsir; attività ta' riflessjoni, kitba u diskussjoni fuq l-ewwel ħsieb fuq il-poeżija (sabiex l-istudenti l-ewwel ikollhom djalogu intern imbagħad estern); l-essenzjal fuq il-bijografija ta' Dun Karm li se jintuża għal din il-poeżija; riflessjoni, kitba u diskussjoni wara l-ksib tat-tagħrif bijografiku biex l-istudenti jqabbluha mal-ewwel riflessjoni u b'hekk joħroġ l-effett aktar; spjega fuq il-vokabolarju, it-temi, it-ton, il-binja u t-tekniki letterarji; attività fejn iridu jisiltu l-vokabolarju, u t-tweġibiet tagħha biex l-istudenti jħossuhom qegħdin jikkontribwixxu għall-ispjega; l-għeluq relatat mal-kisba li jiġbor l-essenzjali. Biex il-kitba f'din il-preżentazjoni tingħata l-ħajja minbarra l-filmati ġew inlużi l-istampi. Dawn juru nies b'etajiet, sessi, razez u etniċitajiet differenti sabiex l-istudenti jaraw ir-realtà b'mod oġġettiv. F'din il-preżentazzjoni se jitħaddmu l-erba' ħiliet tal-lingwa u għall-attivitajiet ta' din ir-riżorsa l-istudenti għandhom bżonn karta u biro.

Il-kartolina hija bbażata fuq il-ħila tal-kitba u tinkludi punt qasir biex l-istudenti jiftakru fuq xiex inhi l-poeżija; spjegazzjoni qasira ta' xi jridu jiktbu l-istudenti; eżempju ta' x'għandhom jagħmlu l-istudenti bħala gwida; paġna vojta biex jiktbu l-messaġġ biex tiġi stampata u mwaħħla fuq kartonċina kif ukoll il-paġna prinċipali li tgħid 'Grazzi' biex titwaħħal fuq wara tal-kartonċina. B'dan il-mod l-istudenti jirrelataw il-poeżija mal-ħajja tagħhom, jużaw ftit l-immaġinazzjoni u jibqgħu jiftakru l-poeżija. Is-sens tal-ħars huwa prominenti hawn għax il-kartonċina għandha tkun pulita u preżentabbli. L-istudenti għandhom bżonn biro biex jiktbu, kartonċina, imqass u kolla, jiddependi jekk it-tiswir tal-kartolina jsirx fil-klassi jew id-dar.

Għalhekk f'din ir-riżorsa l-istudenti għandhom in-noti kif ukoll attivitajiet ta' riflessjoni u kreattivi bl-għan li jdaħħluhom fil-poeżija. Barra minn hekk, din ir-riżorsa tħaddem l-erba' ħiliet tal-lingwa, b'attività riflessiva individwali li tinqasam mal-oħrajn u taħriġ ta' kitba kreattiva; b'hekk il-bżonnijiet u l-preferenzi differenti tal-istudenti għandhom jiġu milħuqin.

***Riżorsa 5 – Ritratti tar-riżorsi***




Slide 3 – Preżentazzjoni




Slide 5 – Preżentazzjoni




Slide 13 – Preżentazzjoni




Slide 15 - Preżentazzjoni



Ikteb messaġġ ta' ringrazzjament lil xi ħadd/xi ħaġa li tferrħek (bniedem, oġġett, annimal u l-bqija) biex tispjega kif din/ dan t/jaqliblek il-burdata għall-aħjar.

Ara l-eżempju li ġej u ikteb il-messaġġ tiegħek fil-kartolina l-vojta.

Paġna 2 – Kartolina



Lill-mużika,

Nixtieq nirringrazzjak mużika, għax kull meta nkun imnikkta int tkun ir-raġġ ta' dawl f'ħajti. Miegħek nista' nibqa' siekta għax mal-ewwel tifhem il-qagħda li nkun fiha u ġġegħelni nħossni aħjar billi tneħħili l-għeja u tqabbadni l-aptit li niżfen.

Mingħand l-għażiża,
Nina

Paġna 3 - Kartolina

***Riżorsa 6 –' Waħdi'***

Is-sitt riżorsa għall-poeżija *Waħdi* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 12. 'Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 12.3 e. 'Nikkummenta b'mod kritiku fuq ir-relazzjoni bejn it-tema/i u s-sottotema/i, u r-relazzjoni mat-titlu magħżul biex jinħoloq effett wieħed u kumpless fil-qarrejja.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi żewġ riżorsi: preżentazzjoni f'forma ta' Instagram post li tħejjiet permezz tas-sit elettroniku canva.com u logħba diġitali permezz tas-sit learningapps.org. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-preżentazzjoni għandha l-format ta' Instagram post u mhux ta' preżentazzjoni sabiex l-istudenti jaraw il-format li jużaw fil-ħin liberu tagħhom u b'hekk jimmotivaw ruħhom għat-tagħlim tal-poeżija. Din hija fuq l-analiżi tal-poeżija iżda hija wkoll gwida għal kitba kritika u għalhekk issib bilanċ bejn l-ispjegazzjoni u li żżomm l-istudenti liberi li janalizzaw u jorbtu l-ideat kif jixtiequ. Din il-poeżija tinfthiem b'mod aktar faċli minn oħrajn għax il-poeta qiegħed jirrakkonta, b'hekk l-istudenti jagħmlu kuraġġ għall-analiżi. Din il-preżentazzjoni ma tinkludix stampi minħabba l-istampa ta' bniedem solitarju li tidher fl-isfond, din hija sempliċi u effettiva għat-tema solenni ta' din il-poeżija.

Il-preżentazzjoni tinkludi: it-titlu u l-kisbiet; riflessjoni fuq it-titlu u t-temi marbutin miegħu biex l-analiżi titlaq mill-ħsibijiet tal-istudenti; l-essenzjal mill-bijografija ta' Dun Karm li se

jintuża għal din il-poeżija minħabba li kliem Dun Karm jinfthiem aħjar jekk wieħed ikollu tagħrif fuq ħajtu. Din il-preżentazzjoni tinkludi wkoll: nota qasira fuq it-titlu, it-temi, l-iżvilupp tax-xenarji fil-poeżija, il-binja, xi tekniki letterarji u xi vokabolarju flimkien ma' istruzzjonijiet għall-kitba kritika; fl-aħħar jidhru t-temi fil-qosor bħala gwida aħjar u ħolqa u kodiċi QR għall-kwiżż bħala reviżjoni ta' xi elementi mill-poeżija. Din ir-riżorsa hija bbażata fuq il-ħila tal-qari bi preparament għall-kitba. Barra minn hekk, din il-preżentazzjoni hija ftit differenti mill-preżentazzjonijiet l-oħra f'dan il-pakkett (fil-format u l-kontenut) sabiex l-għalliema u l-istudenti jaraw varjetà u l-istudenti jkunu aktar awtonimi anke minħabba l-kriterju tal-assessjar.

Il-kwiżż diġitali bit-titlu: Waħdi' ta' Dun Karm – Reviżjoni, jinkludi 7 mistoqsijiet tat-tip agħżel it-tajba, imla l-vojt u mistoqsija u tweġiba b'kontenut dwar it-tema u l-istil tal-poeżija bħala reviżjoni. Jekk it-tweġiba tkun ħażina l-istudenti jkunu jistgħu jaraw it-tweġiba t-tajba. Dan il-kwiżż jinkludi stampa ta' bniedem fuq siġġu waħdu b'siġġu vojt ħdejh fl-isfond biex jirrelata mat-tema. Il-kwiżż tħejja bil-ħsieb li joħloq pont bejn l-analiżi fil-preżentazzjoni u l-kitba kritika u permezz tiegħu l-istudenti b'mod divertenti jikkonfermaw li fehmu xi aspetti mill-poeżija u jagħmlu kuraġġ għall-kritika. Din ir-riżorsa hija bbażata fuq il-ħila tal-qari wkoll iżda ż-żewġ riżorsi faċilment jistgħu jipproduċu diskussjoni fil-klassi u b'hekk titħaddem il-ħila tat-taħdit. Idealment ir-riżorsi jintużaw b'mod konsekuttiv skont il-pakkett tar-riżorsi sabiex l-istudenti jkollhom sfond aktar sod ta' informazzjoni qabel jiktbu l-kummenti kritiċi tagħhom f'riżorsa 6. Biex jużaw din ir-riżorsa l-istudenti għandhom bżonn karta u biro għall-kitba kritika u apparat elettroniku għall-kwiżż.

*Riżorsa 6 – Ritratti tar-riżorsi*




Slide 1 – Preżentazzjoni




Slide 6 - Preżentazzjoni




Slide 11 – Preżentazzjoni




Slide 14 – Preżentazzjoni




Paġna 1 – Kwiżż




Paġna 2 – Kwiżż

***Riżorsa 7 – 'Univers Ieħor'***

Is-seba' riżorsa għall-poeżija *Univers Ieħor* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 14. 'Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 14.3 b. 'Nanalizza l-effetti u l-funzjonijiet tal-elementi figurattivi f'test letterarju.' Din ir-riżorsa sħiħa hija magħmula minn żewġ elementi: preżentazzjoni u leħħiet li t-tnejn tħejjew permezz tal-sit elettroniku canva.com. L-ordni ta' kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

L-għan tal-preżentazzjoni huwa biex l-istudenti jkunu ggwidati waqt l-analiżi tas-sunett. Din tinkludi: it-titlu u l-kisbiet; filmat fuq it-tema tas-sunett b'mistoqijiet ta' riflessjoni u diskussjoni fuqu sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-istudenti b'viżwal fantastiku fuq l-ispazju u tgħinhom jifhmu aktar il-metafora estiża użata meta jaħsbu fuqha u jiddiskutuha ma' sħabhom; lista qasira ta' xi lessiku b'tifsir utli għall-qari tas-sunett sabiex il-kliem li forsi jkun ġdid għalihom ma jtellifhomx mill-fehim sħiħ tat-test. Il-preżentazzjoni tinkludi wkoll taħlit ta' mistoqsijiet (fejn l-istudenti jridu jirriflettu jew janalizzaw, jiddiskutu u ġieli jiktbu t-tweġibiet tagħhom fuq il-metafora estiża u l-metafori marbutin magħha, it-temi u l-vokabolarju) u spjega. Dan sabiex l-istudenti bil-gwida tal-preżentazzjoni janalizzaw it-test biċċa biċċa b'mod speċjali l-elementi figurattivi. Minħabba li l-istudenti se jiddiskutu ma' sħabhom wara li jaħsbu b'mod individwali, huma jkunu ċerti aktar mit-tweġibiet tagħhom stess u jaraw perspettivi simili u differenti li din tkabbrilhom l-esperjenza letterarja.

Il-preżentazzjoni tinkludi wkoll: spjegazzjoni tal-binja tal-poeżija u ftit kuntest tas-seklu 20, kif ukoll it-tifsir tat-termini: metafora, metafora estiża, sunett Petrarkjan, u volta. L-għeluq huwa wieħed riflessiv dwar l-omm bijoloġika ta' Dun Karm fil-poeżija fejn l-istudenti jridu jiktbu u jiddiskutu t-tweġiba. B'hekk f'din il-preżentazzjoni l-istudenti jagħmlu kuraġġ u jkunu awtonomi permezz tat-taħlit ta' spjegazzjonijiet u mistoqsijiet. Biex il-kitba f'din il-preżentazzjoni tingħata l-ħajja minbarra l-isfond tal-ispazju u l-filmat ġew inlużi stampi u clips żgħar. Se jitħaddmu l-erba' ħiliet tal-lingwa. L-istampi li ddaħħlu f'din ir-riżorsa juru nies b'sessi u etajiet differenti sabiex l-istudenti jaraw ir-realtà b'mod oġġettiv.

Imbagħad il-leħħiet tħejjew forma ta' kwiżż u għalhekk tajjeb li l-istudenti jkunu ftit kunfidenti fis-sunett *Univers Ieħor* u jkollhom ftit għarfien fuq il-poeżiji l-oħrajn ta' Dun Karm b'rabta

mal-omm qabel jagħmluh. Dan jinkludi erbatax-il mistoqsija tat-tip: agħżel it-tajba, agħżel il-ħażina, għid jekk hux tajba jew ħażina, irreċta, wieġeb il-mistoqsija, qabbel ma' poeżiji oħra u spjega. Il-mistoqsijiet huma dwar: it-tekniki letterarji fis-sunett u fit-titlu, it-temi, il-binja, il-vokabolarju u l-kuntest letterarju tas-seklu 20. Il-klassi idealment tinqasam fi gruppi u l-għalliema ġġib magħha buzzer jew qanpiena għal kull grupp u taqra l-mistoqijiet; tajjeb jiġu allokati l-punti bħala kompetizzjoni bejn il-gruppi. Hawn se jitħaddmu l-ħiliet tat-taħdit u s-smigħ.

Għalhekk f'din ir-riżorsa l-istudenti għandhom gwida divertenti ta' analiżi bl-għan li tagħmlilhom kuraġġ u tgħinhom, kif ukoll attività ta' riflessjoni. Barra minn hekk, din ir-riżorsa tinkludi l-erba' ħiliet tal-lingwa, b'mistoqsijiet individwali li jinqasmu mal-oħrajn u b'logħba fi gruppi; b'hekk il-bżonnijiet u l-preferenzi differenti tal-istudenti għandhom jiġu milħuqin.

***Riżorsa 7 – Ritratti tar-riżorsi***




Slide 7 – Preżentazzjoni




Slide 8 – Preżentazzjoni




Slide 11 – Preżentazzjoni




Slide 18 – Preżentazzjoni




Leħħa 11, 12 u 13

***Riżorsa 8 – 'Il-Għodwa'***

It-tmien riżorsa għall-poeżija *Il-Għodwa* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 13. 'Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 13.3 d. 'Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi erba' riżorsi: preżentazzjoni qasira li tħejjiet permezz tas-sit elettroniku canva.com, logħba interattiva bis-sit learningapps.org, u karta tat-taħriġ u karta tan-nota magħmulin bil-Microsoft Word. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-preżentazzjoni tinkludi: it-titlu tal-poeżija; il-kisba u l-kriterju tal-assessjar; il-ħolqa u kodiċi QR għal logħba diġitali dwar it-tekniki letterarji fil-poeżija *Il-Għodwa*; u referenza għal ħidma tal-karta tat-taħriġ biex tintlaħaq il-kisba. Dan bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom gwida ta' x'għandhom jagħmlu biex jilħqu l-kisba msemmija. Il-logħba interattiva ġiet magħmula bl-applikazzjoni 'Where is What?' u tinkludi għaxar mistoqsijiet fejn l-istudenti jridu jimmarkaw it-tekniki letterarji msemmija fuq il-poeżija. Dan sabiex l-istudenti jibdew il-vjaġġ ta' kritika tagħhom b'qari u analiżi tat-tekniki. Il-versi huma mmarkati b'numri biex tkun aktar faċli għall-istudenti biex ifittxu minħabba li xi mistoqsijiet qegħdin: "Immarka s-similitudni" iżda oħrajn minħabba li t-teknika partikolari tidher aktar minn darba ġew miżjuda l-istrofi jew il-versi minn fejn għandhom ifittxu: "Immarka apostrofi minn vers 24 sa 34." B'dan il-mod kollox ikun ċar u b'hekk l-istudenti jkunu mmotivati fl-analiżi tagħhom.

Imbagħad il-karta tat-taħriġ ukoll terġa' tinkludi l-poeżija, iżda din id-darba bi tlettax-il mistoqsija li wħud huma maqsumin f'żewġ biċċiet. Dawn huma tat-tip: aqta' linja taħt, ikkwota, spjega, ikkummenta, u analizza; b'kontenut fuq: it-temi, it-tekniki letterarji, it-titlu, it-ton, l-element sensorju u awtobijografiku, it-tmiem tal-poeżija u l-esperjenzi tal-istudenti. Dan sabiex issir analiżi kritika ggwidata u b'hekk l-istudenti jkunu jafu x'għandhom ifittxu. Din il-karta tat-taħriġ tinkludi l-linji wara l-mistoqsijiet biex l-istudenti jiktbu t-tweġibiet fuqha stess u b'hekk ikollhom kollox miġbur. Barra minn hekk, il-poeżija u t-taħriġ huma fuq paġni separati sabiex tkun aktar faċli għall-istudenti jaqraw, janalizzaw u jirrispondu. Finalment il-karta tan-nota tinkludi nota qasira ta' paġna fuq l-essenzjali: l-iżvolġiment tal-poeżija, xi tekniki letterarji, il-metrika, u Dun Karm bħala poeta Romantiku. Għalhekk l-istudenti

jkollhom nota qasira li jistgħu jirreferu għaliha waqt il-karta tat-taħriġ jekk ikollhom bżonn, iżda speċjalment wara ħalli ma jinsewx il-poeżija.

Ir-riżorsi kollha ħlief il-logħba interattiva jinkludu stampi ta' għodwa u ġieli wkoll għodwa Maltija biex jirrappreżentaw aħjar il-kuntest. Il-ħiliet imħaddmin huma dawk tal-kitba u l-qari. Biex din ir-riżorsa tinħadem l-istudenti għandhom bżonn apparat elettroniku għal-logħba interattiva u biro għall-karta tat-taħriġ għax din tinkludi l-linji biex jiktbu fuqha u jkollhom kollox miġbur. Tajjeb li qabel jużaw din ir-riżorsa, l-istudenti jkunu jafu t-tifsir tat-termini letterarji biex ma jintilfux u ftit fuq Dun Karm bħala bniedem u poeta, però b'mod ġenerali r-riżorsi għandhom jiggwidawhom.

***Riżorsa 8 – Ritratti tar-riżorsi***




Slide 1 – Preżentazzjoni




Slide 3 – Preżentazzjoni




Il-bidu tal-logħba diġitali




Mistoqsija 1 – Logħba diġitali




Mistoqsija 5 – Logħba diġitali




Tweġiba 5 – Logħba diġitali



*Il-Għodwa*

**Dun Karm**

Ix-xemx tielgħa! Liema heġġa,
Liema ferħ ma' kullimkien!
Isellmulha l-art u s-sema
Lis-sultana tal-ħolqien.

Lewn il-warda d-dija tagħha
Timla s-sħab, tmiss il-għoljiet,
Fuq ir-rħula, fuq ir-raba'
Tixħet bewsa mis-smewwiet.

Ix-xemx tielgħa! Qalb is-siġar
Jibda l-għana tal-għasfur;
Dlonk jittajjar, jifli rixu,
Bil-ferħ qalbu qiegħda tfur.

Tibda l-għanja tan-nissieġa,
Tibda l-għajta tal-bejjiegħ;
Mat-triqat in-nies tixtered,
Jibda x-xogħ'l wara l-mistrieħ.

Bil-moħriet – is-sikka tiddi
Bħala fidda – fuq spallejh,
Jew bl-imgħażqa l-bieżel bidwi
Lejn il-għalqa jmidd riġlejh.

1

Tisma' l-leħen tal-inkwina,
It-twerżiqa tas-serrieq,
Iż-żarżira tar-raddiena,
B'daqq il-watar tidwi t-triq.

Kollox jarġa' jieħu l-ħajja
Hekk kif tarġa' fuqna x-xemx;
Tifraħ biha l-ħlejjaq kollha,
Min ma jħossha fl-art ma hemmx.

Fuq id-dudu li jitkagħweġ
Qalb it-trab, fuq il-ħaxix;
Sa fil-qiegħ tal-baħar tinżel,
Rokna mdallma ma tħallix.

Inberkuk, ja xemx, ja bidu
Ta' kull hena tal-ħlejqiet:
Jekk int sbejħa, xi jkun Alla
Illi qiegħdek fis-smewwiet?

2

Paġna 1 u 2 – Karta tat-Taħriġ



7. Ikkwota vers li fih lingwaġġ sensorjali.

8. a. Ikkwota l-versi li fihom jitħaddmu l-klajmaks u l-mistoqsija retorika.

b. Spjega kif it-temi joħorġu aktar permezz ta' dawn it-tekniki.

9. a. Sib u kkwota tliet versi li fihom tispikka l-kultura tradizzjonali tal-poplu Malti.

Mistoqsija 7 sa 9 a. – Karta tat-Taħriġ



10. Agħti tliet raġunijiet għaliex din il-poeżija titqies Romantika.

11. a. Spjega l-metrika tal-poeżija.

b. Ikkummenta għaliex il-metrika użata toqgħod tajjeb għal din il-poeżija.

12. Ikkummenta dwar l-element bijografiku ta' Dun Karm f'din il-poeżija.

13. Analizza l-mod kif tħossok tirrelata, jew ma tirrelatax mal-poeżija, billi tirreferi għall-effetti li tħalli fuqek.

Mistoqsija 10 sa 13 – Karta tat-Taħriġ



Il-Għodwa

Dun Karm

**Nota**

- *Il-Għodwa* hija poeżija deskrittiva li fiha Dun Karm jitkellem dwar ix-xemx u l-effett tagħha fuq il-ħlejjaq kollha, fil-fatt isejħilha "sultana tal-ħolqien" (v. 4).
- Il-poeta fost raġunijiet oħra, japprezza lix-xemx għax din tqajjem lill-poplu Malti għal ġurnata xogħol oħra.
- Din hija karatteristika ta' Dun Karm, anke bħala poeta Romantiku, li jispira ruħu min-natura u x-xogħol tal-art u tal-idejn.
- Għalhekk it-ton tal-poeżija huwa pożittiv għax il-lessiku deskrittiv huwa mimli enerġija, ħajja u hena: "ferħ" (v. 2), "tifraħ" (v. 27), "inberkuk" (v. 33).
- L-entużjażmu tal-poeta jinħass ukoll fil-metrika għaliex l-istrofi kwartini huma qosra b'vers ottonarju (il-vers popolari Malti) u rima mqabbża.
- It-tekniki letterarji li juża l-poeta f'din il-poeżija jkomplu jżidu max-xena pittoreska tal-għodwa, bħal bil-personifikazzjoni: "Tixħet bewsa mis-smewwiet" (v. 8) u bl-onomatopea: "Iż-żarżira tar-raddiena" (v. 23).
- Il-klajmaks fil-mistoqsija retorika fl-aħħar żewġ versi joħloq effett b'saħħtu fuq il-qarrejja għax iġegħelhom jirriflettu li Alla li ħalaq in-natura huwa ħafna aħjar mix-xemx minħabba li huwa missier il-ħolqien kollu, inkluż il-bniedem.

Karta tan-Nota

***Riżorsa 9 –'Il-Qalb tal-Bniedem'***

Id-disa' riżorsa għall-poeżija *Il-Qalb tal-Bniedem* ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 13. 'Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 13.3 e. 'Nanalizza modi kif it-test letterarju jista' jew ma jistax jirrelata mal-esperjenzi tiegħi.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi tliet riżorsi: logħba interattiva li tħejjiet bis-sit learningapps.org, karta tat-taħriġ u karta tan-nota magħmulin bil-Microsoft Word. L-ordni kif jiġu spjegati dawn ir-riżorsi huwa l-mod kif għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-logħba interattiva ġiet magħmula bl-applikazzjoni 'Crossword' u tinkludi ħmistax-il mistoqsija li l-istudenti jridu jwieġbu biex jimlew tisliba. Il-kontenut huwa fuq: it-temi, it-tekniki letterarji, il-binja, it-tqabbil ma' poeżija oħra u xi tifsir. Fl-isfond tpoġġiet stampa ta' nżul ix-xemx bħala metafora għal tmiem il-ħajja wkoll. Din il-logħba tħejjiet bil-ħsieb li l-istudenti jibdew il-vjaġġ analitiku tagħhom b'mod divertenti qabel jirrelataw il-poeżija ma' ħajjithom fil-karta tat-taħriġ. Il-ħolqa u l-kodiċi QR ta' din il-logħba jinstabu fil-bidu tal-karta tat-taħriġ ħdejn il-kisba u l-kriterju tal-assessjar li se jintlaħqu permezz tat-taħriġ li jsegwi. Dan it-taħriġ jinkludi sitt mistoqsijiet li xi wħud huma maqsumin f'żewġ partijiet. F'dawn il-mistoqsijiet l-istudenti jridu jħarsu lejn il-poeżija b'rabta ma' ħajjet il-poeta u ma' ħajjithom; kif ukoll iħarsu lejn poeżija oħra ta' Dun Karm b'rabta ma' ħajjithom. Dan sabiex l-istudenti jilħqu l-kisba b'mod iggwidat billi fit-taħriġ għall-bidu jħarsu lejn ħsieb il-poeta u r-raġuni warajh, imbagħad jirriflettu fuq il-bniedem b'mod ġenerali u fuqhom infushom. Fl-aħħar ġiet inkluża stampa ta' bniedem jirrombla ġebla fuq muntanja bħala simbolu tal-ħajja diffiċli.

Finalment il-karta tan-nota tinkludi nota qasira ta' paġna fuq l-essenzjali: l-iżvolġiment tal-poeżija, xi tekniki letterarji, il-metrika, u l-bijografija tal-poeta. Għalhekk l-istudenti jkollhom nota qasira li jistgħu jirreferu għaliha waqt it-taħriġ jekk ikollhom bżonn, iżda wkoll fiż-żmien ta' wara biex ma jinsewx il-poeżija. Hawn ġiet inkluża stampa ta' bniedem inkwetat fi nżul ix-xemx. Il-ħiliet imħaddmin huma dawk tal-kitba u l-qari iżda jekk il-mistoqsijiet u t-tweġibiet jiġu diskussi, faċilment titħaddem il-ħila tat-taħdit u s-smigħ filwaqt li jekk il-poeżija tinqara mill-għalliema jew minn studenti oħra wkoll tidħol il-ħila tas-smigħ. Biex din ir-riżorsa tkun tista' tinħadem, l-istudenti għandhom bżonn apparat elettroniku għal-logħba interattiva u biro għall-karta tat-taħriġ għax din tinkludi l-linji biex jiktbu fuqha u jkollhom kollox miġbur.

Tajjeb li qabel jużaw din ir-riżorsa, l-istudenti jkunu jafu t-tifsir tat-termini letterarji biex ma jintilfux, ftit fuq Dun Karm bħala bniedem u poeta u jkunu qraw il-poeżija *L-Arloġġ* u jew oħra ta' Dun Karm, idealment ikunu qrawhom kollha ħalli jkollhom minn fejn jagħżlu għat-taħriġ.

***Riżorsa 9 – Ritratti tar-riżorsi***




Il-bidu tal-logħba diġitali




Mistoqsija 1 – Logħba diġitali




Mistoqsija 8 – Logħba diġitali



*Il-Qalb tal-Bniedem* ta' Dun Karm

**Tisliba – Analiżi tal-poeżija**
https://learningapps.org/watch?v=pz5bj974k21

**Taħriġ**

**Kisba 13.** Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

**Kriterju tal-Assessjar 13.3 e.** Nanalizza modi kif it-test letterarju jista' jew ma jistax jirrelata mal-esperjenzi tiegħi.

**Taħriġ- Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-poeżija.**

1. a. Spjega l-ħsieb ta' Dun Karm f'din il-poeżija.

______________________________

______________________________

b. X'taħseb li jġiegħel lill-poeta jaħseb b'dan il-mod? Ħares lejn il-bijografija tiegħu.

______________________________

______________________________

2. a. Taqbel mal-poeta li f'din il-ħajja l-bniedem ma jistax ikun verament kuntent? Spjega.

Mistoqsija 1 sa 2.a. – Karta tat-Taħriġ

3. a. Semmi żewġ affarijiet li kienu jagħmluk kuntent/a u m'għadhomx.

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

b. Għalhekk taħseb li f'dan il-każ tirrelata mal-poeta?

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

4. Semmi poeżija oħra ta' Dun Karm u spjega għaliex tirrelata jew ma tirrelatax magħha.

______________________________________________
______________________________________________

5. Taqbel li fil-mewt il-bniedem ikun aktar kuntent milli fil-ħajja? Spjega.

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

6. Taħseb li t-twemmin reliġjuż jista' jgħinek fid-diffikultajiet tal-ħajja? Spjega.

***Il-Qalb tal-Bniedem***

**Dun Karm**



**Nota**

- *Il-Qalb tal-Bniedem* hija **poeżija riflessiva** li fiha Dun Karm permezz tal-**apostrofi** jkellem lill-qalb u jsaqsiha x'inhuma x-xewqat tagħha.
- Il-qalb metaforikament tissimbolizza lill-bniedem. Din it-teknika letterarja li l-poeta jsemmi parti biex tirreferi għal xi ħaġa sħiħa tissejjaħ **sineddoke**.
- Il-poeta matul il-poeżija jenfasizza li l-qalb tixtieq bosta affarijiet tajbin u sbieħ iżda xejn ma jagħmilha verament kuntenta.
- Għalhekk jidher **kuntrast** bejn ix-xewqat tal-bniedem u r-realtà kiefra tal-ħajja: "Kull ferħ fl-aħħar jisfa' niket,
  Kull imħabba tinfexx dmugħ." (v. 7-8)
- Il-poeta permezz tal-**paradoss** qawwi jistqarr li l-bniedem fil-mewt biss jista' jistrieħ u jsib l-hena li tant jixtieq: "Tħobb il-ħajja; u b'danakollu
  Fil-mewt biss donnok tistrieħ;" (v. 13-14)
- Dan juri l-**kriżi eżistenzjali** li l-poeta għaddej minnha, u minħabba li huwa bniedem ta' fidi jorbot il-mewt ma' Alla. Tant li fl-aħħar żewġ versi jħaddem il-**klajmaks**: "Arfa' ħarstek lejn is-sema,
  Alla biss jista' jhennik." (v. 19-20)
- Għalhekk it-**ton** tal-poeta huwa wieħed **malinkoniku** iżda li **juri tama** fil-ħajja li jmiss għaliex dak li hawn f'din id-dinja hu temporali ħdejn il-ġenna dejjiema.
- Din il-**poeżija** hija **tradizzjonali** minħabba li għandha metrika fissa: l-istrofi kwartini fihom versi ottonarji b'rima mqabbża.

Mistoqsija 3.a. sa 6 – Karta tat-Taħriġ

Karta tan-Nota

***Riżorsa 10 – 'Tinsiex, Publius, Tinsiex'***

L-għaxar riżorsa għas-silta mir-rumanz *Tinsiex, Publius, Tinsiex* tiffoka fuq kisba 11. 'Nidentifika ġeneri letterarji differenti' bil-kriterju tal-assessjar 11.3 b. 'Nevalwa kif l-għażla tal-kliem u t-tħaddim tiegħu f'test letterarju jikkontribwixxu għal effett unitarju.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi tliet riżorsi: logħba interattiva li tħejjiet bis-sit Kahoot, karta tat-taħriġ bil-Microsoft Word u kartellun bħala nota bis-sit canva.com. L-ordni li fiha se jkunu spjegati dawn il-partijiet tar-riżorsa huwa l-mod kif din ir-riżorsa għandha tintuża mal-istudenti.

Il-logħba interattiva tinkludi ħmistax-il mistoqsija u l-istudenti jridu jagħżlu t-tweġiba t-tajba. Il-kontenut huwa fuq: l-ambjentazzjoni, il-protagonist, l-intertestwalità mal-Bibbja, l-istorja fil-kapitlu, l-istil ta' kitba, teknika letterarja użata, żewġ reġistri ta' kliem, tifsira ta' kelma, u l-ġeneru. Din il-logħba interattiva tħejjiet bl-għan li l-istudenti jirrevedu dak li tgħallmu fuq is-silta mir-rumanz b'mod divertenti. Għalhekk tajjeb li l-istudenti jkunu ftit kunfidenti fis-silta. Il-fatt li din il-logħba tinkludi ħsejjes u animazzjonijiet żgħar toħloq ambjent ta' logħba u b'hekk l-istudenti jidħlu fiha. Minħabba li din tinkludi mistoqsijiet fuq l-għażla tal-kliem fir-rumanz, tħejji t-triq għall-karta tat-taħriġ. Il-ħin mogħti għal kull mistoqsija huwa ta' 30 sekonda biex l-istudenti jkollhom ċans jaħsbu, iżda jħossuhom f'logħba b'ħin limitat. Il-ħin jidher fuq l-iscreen biex l-istudenti jkunu jafu kemm fadlilhom ħin iwieġbu. Jekk l-istudenti

jkunu ġabu r-risposta ħażina, ikollhom l-opportunità biex jaraw it-tweġiba t-tajba meta jispiċċa l-ħin tal-mistoqsija. Min ikun bagħat il-ħolqa tal-logħba għandu l-aċċess għal chart li turi kif marru l-istudenti, għalhekk din hija logħba eċċellenti biex wieħed jikkonferma jekk l-istudenti fehmux. Il-ħila li titħaddem f'din il-logħba hija tal-qari. Il-ħolqa ta' din il-logħba qiegħda fl-Appendiċi fid-deskrizzjoni tal-kontenut tar-riżorsa sabiex l-istudenti ma jkollhomx aċċess faċli għaliha minħabba li l-bidu jinkludi t-tweġibiet.

Il-karta tat-taħriġ tinkludi: il-kisba li se tintlaħaq permezz tat-taħriġ, sitt mistoqsijiet li minħabba li wħud huma maqsumin f'biċċiet b'kollox it-taħriġ fih tlettax-il biċċa, u stampi dwar il-kontenut sabiex idaħħlu lill-istudenti fix-xena. Il-kontenut tal-mistoqsijiet huwa fuq ir-reġistri, it-tekniki użati, l-istil ta' kitba u l-effett li joħolqu. Il-mistoqsijiet huma kkreati b'mod gradat sabiex l-istudenti jiksbu l-kisba b'mod awtonomu iżda ggwidat. L-istudenti bħala tweġibiet iridu jispjegaw, jagħtu eżempji mit-test u jiggruppaw il-kliem tal-kwotazzjoni. Għalhekk, il-ħila li titħaddem hawn hija tal-kitba u l-qari minħabba li l-istudenti jridu jfittxu mit-test biex jiktbu t-tweġiba. Il-kartellun ġie magħmul bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom nota qasira u utli li jistgħu jirreferu għaliha jew bħala nota normali jew billi l-għalliema twaħħalha fil-klassi; b'hekk iżżejjen il-klassi wkoll. F'din in-nota ġew inklużi punti fuq l-essenzjali: il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, il-protagonist, l-istorja, u l-interstwalità mal-Bibbja. Din tinkludi l-istampi biex l-istudenti jiftakru r-rumanz b'mod faċli. Permezz tal-kartellun titħaddem il-ħila tal-qari. L-istudenti għandhom bżonn apparat elettroniku u jkunu fil-klassi biex jaċċessaw il-logħba u jaraw it-tweġibiet u biro biex jiktbu fuq il-karta tat-taħriġ.

Għalhekk din ir-riżorsa għandha tolqot firxa ta' preferenzi tal-istudenti minħabba li tinkludi logħba interattiva kompetittiva, tipi differenti ta' mistoqsijiet fil-karta tat-taħriġ u nota qasira u kkulurita fuq il-kartellun.

### *Riżorsa 10 – Ritratti tar-riżorsi*




Mistoqsija 1- Logħba diġitali




Mistoqsija 4 - Logħba diġitali



***Tinsiex, Publius, Tinsiex*** **ta' Kilin – Kapitlu 5**

**Kisba 11.** Nidentifika ġeneri letterarji differenti.

**Kriterju tal-Assessjar 11.3 b.** Nevalwa kif l-għażla tal-kliem u t-tħaddim tiegħu f'test letterarju jikkontribwixxu għal effett unitarju.

**Taħriġ- Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. a. **Imla l-vojt:**

Kilin fil-bidu tal-kapitlu jagħtina rakkont tal-vjaġġ bil-baħar f'tempesta b'hekk juża r-reġistru (vokabolarju magħżul) tal-________________ bħal "ġifen", "poppa", "qlugħ", "kaptan" u "baħrin".

b. **Kompli s-sentenzi:**

Huwa juża wkoll kliem marbut mal-elementi u mat-temp bħal ______________ ________________ u kliem marbut mal-biża' tan-nies fuq il-ġifen bħal ____________________

ċ. Meta mħalltin mal-aħħar reġistru msemmi x'effett u x'ton joħolqu l-ħsibijiet ta' Publius?

"Publius beda jistaqsi lilu nnifsu jekk kienx ikun aħjar kieku jitfgħu l-ankri sakemm jisbaħ. Imma tgħid, ħaġa bħal din ma kienx ħasibha l-kaptan? Kemm kien twil il-lejl!"

____________________________________________

____________________________________________

Mistoqsija 1.a. sa ċ. – Karta tat-Taħriġ



2. a. Kilin fir-rakkont tiegħu juża espessjonijiet li huwa jieħu mill-ħajja ta' kuljum tagħna l-Maltin, bħal "marret għajnu bih", "nfetħu bwieb is-sema", "ixxarrab għasra" u "iswed faħma." X'effett joħloq dan l-użu?

____________________________________________

____________________________________________

b. Kieku l-awtur ma użax dawn l-espressjonijiet taħseb li l-qari kien jibqa' daqshekk effettiv?

____________________________________________

____________________________________________

3. a. Kilin juża t-teknika tas-similitudni wkoll f'dan il-kapitlu. Ikkwota eżempji fejn din it-teknika qiegħda tiġi użata.

____________________________________________

____________________________________________

b. Spjega l-effett li s-similitudni toħloq fir-rakkont.

____________________________________________

____________________________________________

4. X'inhu l-istil ta' kitba li l-awtur joħloq billi jħaddem tekniki bħas-similitudni u l-espressjonijiet Maltin?

____________________________________________

Mistoqsija 2.a. sa 4 – Karta tat-Taħriġ




Il-Kartellun

***Riżorsa 11 – 'Nazju Ellul'***

Il-ħdax-il riżorsa għas-silta mir-rumanz *Nazju Ellul* tiffoka fuq kisba 13. 'Nikkummenta b'mod kritiku fuq test letterarju' bil-kriterju tal-assessjar 13.3. a. 'Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi żewġ riżorsi: preżentazzjoni bħala taħriġ u kartellun bħala nota permezz tas-sit elettroniku canva.com. L-ordni kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-preżentazzjoni tinkludi: il-kisba u l-kriterju tal-assessjar li se tintlaħaq f'din il-preżentazzjoni; ftit punti bijografiċi fuq l-awtur sabiex l-istudenti jkollhom ftit tagħrif dwaru u b'hekk japprezzaw aktar it-test; erbatax-il punt sabiex l-istudenti jikkummentaw fuqhom b'mod orali fuq il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, il-karattri, l-istil ta' narrazzjoni f'żewġ partijiet mit-test, l-istorja tal-kapitlu, il-kontinwazzjoni tal-istorja u l-kliem arkajku. Fl-aħħar ġew inklużi ftit punti fuq il-kapitlu bħala nota żgħira fl-għeluq. Din ir-riżorsa hija bbażata fuq il-ħiliet tal-qari u t-taħdit u l-istudenti għandu jkollhom is-silta mir-rumanz quddiemhom biex jirreferu għaliha fil-kummenti tagħhom.

Imbagħad il-kartellun inħoloq bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom nota qasira u utli li jistgħu jirreferu għaliha jew bħala nota normali jew billi l-għalliema twaħħalha fil-klassi; b'hekk din iżżejjen il-klassi wkoll. F'din in-nota ġew inklużi punti fuq l-essenzjali: il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, il-protagonist, il-karattri ewlenin li jidhru fil-kapitlu, u l-istorja. Għalhekk permezz tal-kartellun titħaddem il-ħila tal-qari. L-istampi li ddaħħlu f'din ir-riżorsa minbarra li

huma estetikament sbieħ u relevanti għall-kitba, juru wkoll nies b'sessi, reliġjonijiet u etniċitajiet differenti sabiex l-istudenti jaraw ir-realtà b'mod oġġettiv.

***Riżorsa 11 – Ritratti tar-riżorsi***




Slide 3 – Preżentazzjoni




Slide 5 – Preżentazzjoni




Slide 6 – Preżentazzjoni




Il-Kartellun

***Riżorsa 12 – 'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka'***

It-tnax-il riżorsa fuq is-silta mir-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* tiffoka fuq kisba 13. 'Nikkummenta b'mod kritiku fuq test letterarju' bil-kriterju tal-assessjar 13.3 ċ. 'Nevalwa l-effett tal-kwalitajiet ta' test letterarju b'lingwa teknika preċiża.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi

tliet riżorsi: preżentazzjoni u kartellun mħejjijin bis-sit elettroniku canva.com u karta tat-taħriġ magħmula bil-Microsoft Word. L-ordni li biha se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Il-preżentazzjoni tibda bit-titlu tas-silta flimkien ma' stampa tal-misraħ tal-Mosta fit-tletinijiet biex l-istudenti mal-ewwel jidħlu fil-kuntest; tkompli b'attività immaġinattiva tal-istudenti li jmorru b'magna taż-żmien fis-snin tletin biex ipoġġu lilhom infushom fiż-żarbun tal-karattri (hawn ġew inklużi wkoll stampi ta' Malta fis-snin tletin biex idaħħlu lill-istudenti fix-xena; imbagħad fiha attività ta' reċta sabiex l-istudenti jgħixu l-karattri u l-effett tal-kwalitajiet tat-test joħroġ bla sforz li dan jgħinhom għall-karta tat-taħriġ. Bħala ħolqa għall-karta tat-taħriġ, fil-konklużjoni tal-preżentazzjoni ġiet inkluża ftit informazzjoni fuq l-iskop tar-rumanz, il-kritika li kellu u xi kittieba li mxew wara Juann Mamo sabiex l-istudenti jifhmu aktar l-effetti ta' dan it-test kif ukoll ikollhom nota ċkejkna. Għalhekk din il-preżentazzjoni tiffoka fuq il-ħila tal-qari u t-taħdit u b'hekk l-istudenti għandhom ikollhom is-silta magħhom.

Fil-bidu tal-karta tat-taħriġ ġew inklużi l-kisba u l-kriterju tal-assessjar, u stampa ta' misraħ Malti fis-snin tletin sabiex l-istudenti jkunu jafu x'inhu l-għan tat-taħriġ u jidħlu fix-xena tas-silta. It-taħriġ jinkludi tmien mistoqsijiet li l-maġġoranza tagħhom jinqasmu fi tnejn b'kontenut dwar kwalitajiet differenti mit-test: l-ambjentazzjoni, il-karattri, l-element satiriku u komiku, it-tekniki tal-onomatopea u s-similitudni, id-djalogu, l-espressjonijiet kwotidjani, id-dagħa, id-djalett, u t-teknika tan-narratur jieħdu dawra lill-qarrejja. Hawn l-istudenti jridu jiffukaw fuq l-aspett ittrattat fil-mistoqsijiet, isemmu isem l-aspett jekk ikun meħtieġ u jiffukaw fuq l-effett ta' wara l-aspett. Il-mistoqsijiet huma b'tali mod li l-istudenti jħarsu lejn l-effett għall-qarrejja t'issa u ta' dak iż-żmien. F'xi mistoqsijiet l-istudenti huma mitluba jikkwotaw mit-test biex isaħħu t-tweġibiet tagħhom. B'hekk il-ħiliet imħaddmin f'din il-karta tat-taħriġ huma tal-qari u l-kitba. Hawn ukoll ġew inklużi stampi tas-snin tletin biex jgħinu lill-istudenti jispjegaw l-effett tal-kwalitajiet imsemmija. Biex jaħdmu din il-karta l-istudenti għandhom bżonn is-silta tar-rumanz u biro sabiex jiktbu fuq il-karta; tajjeb ukoll li l-istudenti jkunu ftit kunfidenti fl-identifikar u l-effett ġenerali tat-tekniki differenti qabel jaħdmu din il-karta.

Il-kartellun ġie magħmul bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom nota qasira u utli li jistgħu jirreferu għaliha jew bħala nota normali jew billi l-għalliema twaħħalha fil-klassi; b'hekk din iżżejjen il-

klassi wkoll. F'din in-nota ġew inklużi punti fuq l-essenzjali: il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, il-karattri, l-istorja, u l-iskop ta' Juann Mamo wara dan ir-rumanz. Iddaħħlu wkoll stampi biex l-istudenti jifhmu u jibqgħu jiftakru r-rumanz, pereżempju stampa ta' raġel bi lbies u kamera tar-ritratti antika biex jiftakru li Mamo permezz tar-rumanz ħa ritratt tas-soċjetà ta' żmienu. Għalhekk, il-ħila tal-qari u s-sens tal-ħars huma evidenti.

***Riżorsa 12 – Ritratti tar-riżorsi***




Slide 2 – Preżentazzjoni




Slide 4 – Preżentazzjoni




Slide 5 – Preżentazzjoni




**Taħriġ- Wieġeb dawn il-mistoqsijiet. Fejn meħtieġ uża l-lingwa teknika preċiża.**

1. Meta u fejn huwa ambjentat ir-rumanz? Ikkwota xi frażijiet mit-test biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

______________________________

______________________________

2. a. Iddeskrivi l-karattri f'din is-silta. Ikkwota xi frażijiet mit-test biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

______________________________

______________________________

______________________________

b. Li kieku l-karattri kienu ta' livell ogħla fis-soċjetà taħseb li l-qari kien ikun daqshekk effettiv?

Mistoqsija 1 sa 2. b. – Karta tat-Taħriġ


8. a. Spjega l-istil ta' kitba li jitħaddem f'din il-parti tas-silta u kkummenta mill-anqas fuq tliet punti dwar il-lingwaġġ li qiegħed jiġi użat.

"sewwa qed tgħid, Ġannikol: nitilqulha lejn l-Amilka! Hemmhekk hemm ħafna x'tagħmel, u hemm il-flus: niġu sinjuri. [...] Ebda *azzjon* ma jiksirna. Immorru u niġu mdaqqsa. Imbagħad tora!"
"Pħi, antamarija! Huwa Molta m'hawn xejn!" – qabeż l-ieħor – "Donnu hawn is-saħta ... ħaqq! Killex niexef qoxqox ... ħaqq, killex sejjer attorġu [...] Jien niġi żgur jekk niftiehmu!"

b. Spjega l-effett tal-istil ta' kitba mħallat mal-lingwaġġ użat waqt il-qari.


3. a. Fi frażijiet bħal "tajjar ftit bżieq ġmielu f'wiċċ sieħbu" u "mit-toqba l-oħra ħarġet biċċa materja tnenven b'qawwa ta' kanun" Mamo juża element partikolari. X'inhu l-isem ta' dan l-element.

b. Spjega l-effett li dan l-element iħalli fuq il-qarrejja ta' issa u ta' dak iż-żmien.

4. F'paġna 72 in-narratur jindirizza lilna l-qarrejja u joħodna miegħu madwar ir-raħal biex jurina fejn qegħdin jitkellmu l-karattri minflok sempliċiment isemmi l-post. Spjega dan l-istil ta' kitba u kif ġegħlek tħossok waqt il-qari. Ikkwota xi frażijiet mit-test biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

Mistoqsija 3. a. sa 4 – Karta tat-Taħriġ

Mistoqsija 8.a. sa b. – Karta tat-Taħriġ

Il-Kartellun




***Riżorsa 13 – 'L-Ibleh'***

It-tlettax-il riżorsa għas-silta mir-rumanz *L-Ibleh* tiffoka fuq kisba 12. 'Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 12.3 d. 'Nistħarreġ it-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jidħlu fihom il-karattri.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi erba' riżorsi: logħba diġitali magħmula permezz tas-sit learningapps.org, taħriġ magħmul fuq Microsoft Forms, l-istess taħriġ impoġġi fuq karta tat-taħriġ magħmula bil-Microsoft Word, u kartellun mħejji bis-sit elettroniku canva.com. L-ordni kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin wara li l-istudenti jkunu qraw is-silta.

Il-logħba diġitali hija magħmula bl-applikazzjoni 'Guess the Word' fis-sit elettroniku learningapps.org u tinkludi tmien sentenzi fejn l-istudenti jridu jagħfsu l-ittri biex jiffurmaw l-isem tal-karattru jew tal-post li jidher fis-silta. Il-ħsieb wara din il-logħba huwa biex l-istudenti jaħdmu attività divertenti li xi punti minnha jerġgħu jidhru fil-karta tat-taħriġ u għalhekk ikollhom diġà l-bażi. Il-ħila prinċipali hawn hija dik tal-qari. Imbagħad il-karta tat-taħriġ tinkludi l-ħolqa u l-kodiċi QR tal-logħba diġitali sabiex l-istudenti jaħdmuha qabel it-taħriġ, il-kisba u l-kriterju tal-assessjar li se jintlaħqu permezz tat-taħriġ. Din tinkludi għaxar mistoqsijiet li xi wħud minnhom jinqasmu fi tnejn, b'kontenut fuq it-tema, l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jidħlu fihom il-karattri. Il-mistoqsijiet huma mħejjija b'tali mod li l-ewwel l-istudenti jwieġbu mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tema, l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet tal-karattri b'mod individwali mbagħad l-aħħar żewġ mistoqsijiet jittrattaw dawn it-tliet fatturi flimkien fil-kuntest ta' dak iż-żmien u tal-lum. B'hekk permezz tal-mistoqsijiet iggradati l-istudenti għandhom ikollhom gwida li timmotivahom jaħdmu t-taħriġ. Fl-aħħar tal-karta tat-taħriġ, l-istudenti għandhom isibu ħolqa għall-istess taħriġ fuq Microsoft Forms sabiex min irid ikun jista' jaħdem it-taħriġ online wkoll. L-eżerċizzju fil-karta tat-taħriġ huwa bbażat fuq il-ħila tal-qari u l-kitba u jinkludi stampi tat-Tieni Gwerra Dinjija biex jgħinu lill-istudenti jinteressaw aktar ruħhom, stampi simili jidhru wkoll fil-kartellun.

Il-kartellun issawwar bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom nota qasira u utli li jistgħu jirreferu għaliha jew billi titqassam direttament lill-istudenti jew billi titwaħħal fil-klassi; b'hekk din iżżejjen il-klassi wkoll. F'din in-nota ġew inklużi punti fuq l-essenzjali: il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, il-karattri sekondarji, il-protagonist, l-istorja, u l-iskop ta' Ġużè Orlando wara dan ir-rumanz. Għalhekk, il-ħila tal-qari hija evidenti hawnhekk. Finalment biex din ir-riżorsa tinħadem l-istudenti għandhom bżonn biro biex jaħdmu t-taħriġ u mezz diġitali biex jaċċessaw il-logħba diġitali u jekk iridu wkoll it-taħriġ fuq Microsoft Forms.

## *Riżorsa 13 – Ritratti tar-riżorsi*




Il-bidu tal-logħba diġitali




Mistoqsija 2 – Logħba Diġitali



***L-Ibleh***

Silta minn Kapitlu 4

Tbatija ta' Poplu

Ġużè Orlando

**Aqta' l-ismijiet tal-karattri u l-postijiet**

https://learningapps.org/watch?v=pe32aztun21

**Taħriġ**

**Kisba 12.** Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

**Kriterju tal-Assessjar 12.3 d.** Nistħarreġ it-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jidħlu fihom

**Taħriġ- Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq is-silta.**

1. X'taħseb li hija t-tema ewlenija ta' din is-silta?

______________________________

2. Fejn hija ambjentata din is-silta?

______________________________

Mistoqsija 1 sa 2 – Karta tat-Taħriġ



5. In-narratur jgħid li "Missirijietna fl-imgħoddi batew, tqabdu u mietu hienja għall-imħabba tal-għażiża arthom Malta."

(a) Spjega għal liema żmien qiegħed jirreferi n-narratur.

______________________________

______________________________

(b) X'juri dan fuq il-poplu Malti?

______________________________

______________________________

6. Għaliex il-karattri marru għand il-Baruni f'Ħal Għargħur?

______________________________

______________________________

7. Għaliex Titu u t-tfal t'oħtu kienu jmorru jġibu l-ikel mill-Kċejjen tar-Rebħa? X'kienu dawn il-kċejjen?

Mistoqsija 5.a. sa 7 – Karta tat-Taħriġ



L-*Ibleh* ta' Ġużè Orlando - Silta minn kapitlu 4 - Tbatija ta' Poplu

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet wara li taqra s-silta minn paġna 77 ta' *Hemm Art fil-Folja.*

**Kisba 12.** Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

**Kriterju tal-Assessjar 12.3 d.** Nistħarreġ it-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jidħlu fihom il-karattri.

1. X'taħseb li hija t-tema ewlenija ta' din is-silta?

Enter your answer

Il-bidu u mistoqsija 1 – Taħriġ fuq Microsoft Forms



8. Titu ġab tliet periti biex jarawlu kemm tiflaħ il-kantina ħalli jibda jorqod fiha minflok imur fix-xelter. X'juri dan fuq il-ħajja ta' kuljum ta' dak iż-żmien?

Enter your answer

9. Taħseb li s-sitwazzjonijiet bħal li n-nies imorru jġibu l-ikel mill-Kċejjen tar-Rebħa, is-sireni li javżaw li ġejjin l-ajruplani u n-nies li jmorru jgħixu bnadi oħra; u l-ambjentazzjoni għandhom x'jaqsmu mat-tema ta' din is-silta? Spjega.

Enter your answer

10. (a) Li kieku din is-silta kienet ambjentata f'Malta tal-lum taħseb li s-sitwazzjonijiet li jidħlu fihom il-karattri kienu jkunu simili? Għaliex? (b) Għalhekk, taħseb li t-tema kienet tinbidel? Jekk iva semmi tema differenti li kieku kienet tapplika kieku l-istorja kellha tingħata l-ħajja f'Malta tal-lum.

Mistoqsija 8 sa 10 – Taħriġ fuq Microsoft Forms




Il-Kartellun

***Riżorsa 14 – 'Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ'***

L-erbatax-il riżorsa għas-silta mir-rumanz *Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ* tiffoka fuq kisba 13. 'nikkummenta b'mod kritiku fuq test letterarju' bil-kriterju tal-assessjar 13.3 e. 'nanalizza modi kif it-test letterarju jista' jew ma jistax jirrelata mal-esperjenzi tiegħi.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi erba' riżorsi: karta tat-taħriġ magħmula bil-Microsoft Word, taħriġ simili mpoġġi fuq Microsoft Forms, u preżentazzjoni u kartellun mħejjijin bis-sit elettroniku canva.com. L-ordni kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin wara li l-istudenti jkunu qraw is-silta.

Il-preżentazzjoni minbarra bit-titlu tas-silta tiftaħ b'attività riflessiva fuq il-ħajja studenteska tal-istudenti, imbagħad tinkludi ftit informazzjoni fuq il-kapitlu sabiex l-istudenti jassoċjaw ħajjithom ma' ħajjet il-protagonist u l-ksib tal-kriterju tal-assessjar li l-istudenti jirrelataw mat-test ikun beda jifforma mill-bidu. Il-preżentazzjoni tinkludi wkoll informazzjoni bijografika fuq Oliver Friggieri minħabba li huwa kittieb importanti fil-letteratura Maltija, il-kliem ċavetta fl-islides ta' Friggieri huma mmarkati sabiex tkun aktar faċli għall-istudenti jifhmu u jiftakru. Il-preżentazzjoni tinkludi wkoll stampi relevanti għall-kitba pereżempju ritratt tal-membri tal-għaqda 'Moviment Qawmien Letterarju' li għen fit-twaqqif tagħha Friggieri. Hawn titħaddem il-ħila tal-qari u jekk l-attività tkun diskussa wara li l-istudenti jirriflettu titħaddem ukoll il-ħila tat-taħdit. Imbagħad il-karta tat-taħriġ tinkludi l-kisba u l-kriterju tal-assessjar li se jintlaħqu permezz tal-karta tat-taħriġ, tliet taħriġiet, il-ħolqa tal-karta tat-taħriġ fuq Microsoft Forms u stampi relatati mal-kitba. L-ewwel taħriġ jinkludi tmien mistoqsijiet fuq l-esperjenzi tal-istudenti b'relevanza mal-kapitlu fejn l-istudenti jridu jwieġbu bil-kitba; it-tieni taħriġ jinkludi ħames mistoqsijiet fuq il-mekkaniżmi li juża l-awtur bħas-similitudni u l-istil konverżazzjonali fejn l-istudenti jridu jaqtgħu linja taħt it-tweġiba t-tajba; u t-tielet taħriġ jinkludi mistoqsija fuq il-mekkaniżmi mħalltin mal-esperjenzi tal-istudenti fejn l-istudenti jridu jwieġbu permezz tal-kitba. Dawn it-taħriġiet saru bil-ħsieb li l-istudenti jiffukaw fuq l-esperjenzi tagħhom b'rabta mat-test iżda wkoll jistħarrġu l-mekkaniżmi letterarji u kif dawn iġegħluhom iħossuhom b'rabta ma' ħajjithom. Il-preżentazzjoni tinkludi wkoll stampi relevanti għall-kitba biex l-istudenti jidħlu fil-kuntest. F'din il-karta tat-taħriġ titħaddem il-ħila tal-qari u l-kitba. Barra minn hekk permezz tal-ħolqa għal Microsoft Forms min irid ikun jista' jaħdem it-taħriġ online wkoll, dan jinkludi l-istess taħriġiet iżda f'formola waħda mhux maqsumin fi tlieta u mingħajr stampi, jinkludi wkoll referenza għall-paġna u l-ktieb fejn tinstab is-silta.

Il-kartellun ġie magħmul bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom nota qasira u utli li jistgħu jirreferu għaliha jew bħala nota normali jew billi l-għalliema twaħħalha fil-klassi; b'hekk din iżżejjen il-klassi wkoll. F'din in-nota ġew inklużi punti fuq l-essenzjali: il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, il-karattri sekondarji, il-protagonist, l-istorja, u ftit elementi bijografiċi ta' Oliver Friggieri. Ġew inklużi wkoll stampi biex l-istudenti jifhmu u jiftakru l-informazzjoni aktar. Għalhekk, il-ħila tal-qari u s-sens tal-ħars huma evidenti hawnhekk. Finalment biex din ir-riżorsa tinħadem l-istudenti għandhom bżonn biro biex jaħdmu t-taħriġ jew mezz diġitali biex jaċċessaw it-taħriġ fuq Microsoft Forms.

***Riżorsa 14 – Ritratti tar-riżorsi***







Slide 2 – Preżentazzjoni

Slide 3 - Preżentazzjoni







Slide 5 – Preżentazzjoni

Slide 7 – Preżentazzjoni



***Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ***

Kapitlu 14

Oliver Friggieri

**Kisba 13.** Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

**Kriterju tal-Assessjar 13.3 e.** Nanalizza modi kif it-test letterarju jista' jew ma jistax jirrelata mal-esperjenzi tiegħi.

**Taħriġ A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Bħala student/a kif tħossok fuq l-eżamijiet tal-iskola? Taqbel ma' Toninu?

______________________________

______________________________

2. Taqbel ma' Toninu dwar is-suġġetti tal-iskola? Spjega b'eżempji ta' xi suġġetti.

______________________________

______________________________



**Taħriġ B: Aqta' linja taħt it-tajba.**

1. X'teknika letterarja qiegħed juża Friggieri fil-kwotazzjoni li ġejja?

   "bħall-ħin li fl-iskola kien idum biex jgħaddi,
   bħal-lezzjonijiet li kellhom isiru waħda wara l-oħra, bħal
   tarġiet wara xulxin ta' indana twila waħda"

   *metafora, similitudni, alliterazzjoni*

2. Xi stil ta' kitba qiegħed juża l-awtur fil-kwotazzjoni li ġejja?

   "X'jiġifieri?"
   "'Il quddiem għad tifhem. Għalissa aħseb biss f'dawk li għandek fl-iskola""

   *stil deskrittiv, stil konverżazzjonali*

3. Friggieri permezz tal-għalliem jispjega l-iskop tal-poeżija. B'hekk l-għalliem huwa ________________ tiegħu.

   *r-rappreżentazzjoni, l-portavuċi, s-simbolu*

4. F'din is-silta jispikkaw il-memorji ta' Friggieri mħalltin mal-immaġinazzjoni tiegħu. B'hekk jidher dan l-element.

   *bijografiku, komiku, sarkastiku*

3

Taħriġ A- Mistoqsija 1 sa 2 – Karta tat-Taħriġ

Taħriġ B- Mistoqsija 1 sa 4



*Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ* ta' Oliver Friggieri - Kapitlu 14

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet wara li taqra s-silta minn paġna 85 ta' *Hemm Art fil-Folja.*

**Kisba 13.** Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

**Kriterju tal-Assessjar 13.3 e.** Nanalizza modi kif it-test letterarju jista' jew ma jistax jirrelata mal-esperjenzi tiegħi.

1. Bħala student/a kif tħossok fuq l-eżamijiet tal-iskola? Taqbel ma' Toninu?

Enter your answer



5. Ġieli xi ħadd tak xi parir fuq il-ħajja li għadek tużah sal-lum? Spjega.

Enter your answer

6. L-għalliem permezz ta' poeżija fiehem lill-istudenti dwar l-iskop tal-poeżija fil-ħajja. Semmi xi poeżija li bis-saħħa tagħha tgħallimt xi tagħlima għal ħajtek.

Enter your answer

7. Missier Toninu meta beda jispjega lil ibnu dwar l-eżamijiet tal-ħajja qallu li dan qiegħed jgħidhulu "Biex trabbi saħħa dejjem akbar, u biex tidra timxi, u jekk taqa' terġa' tqum." Semmi xi darba fejn int ħaddimt din il-mentalità f'ħajtek billi xi ħaġa kienet diffiċli iżda mexxielek tgħaddi minnha xorta.

Enter your answer

Il-bidu u mistoqsija 1 – Taħriġ fuq Microsoft Forms

Mistoqsija 5 sa 7 – Taħriġ fuq Microsoft Forms




Il-Kartellun

***Riżorsa 15 – 'Magna Mater'***

Il-ħmistax-il riżorsa għas-silta mir-rumanz *Magna Mater* tiffoka fuq kisba 12. 'Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 12.3 ċ. 'Nevalwa kif il-vokabolarju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti epoka/i partikolari.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi tliet riżorsi: karta tat-taħriġ magħmula bil-Microsoft Word, u preżentazzjoni u kartellun mħejjijin bis-sit canva.com. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin wara li l-istudenti jkunu qraw is-silta.

Il-karta tat-taħriġ tinkludi l-kisba u l-kriterju tal-assessjar li se jintlaħqu permezz tat-taħriġ, u tmien mistoqsijiet li wħud jinqasmu fi tnejn u anke fi tlieta, li b'kollox jagħmlu tnax-il parti. Il-mistoqsijiet huma fuq il-vokabolarju, it-temi, l-ambjentazzjoni tal-epoka tat-test u tal-kitba

tat-test, il-ġeneru u l-gosti tal-istudenti. Il-ħsieb ta’ dan it-taħriġ huwa biex jiggwida lill-istudenti janalizzaw biċċa biċċa l-vokabolarju u t-temi sakemm lejn l-aħħar ikunu jistgħu jiffurmaw paragrafu huma. Fl-aħħar żewġ mistoqsijiet l-istudenti jridu jaħsbu għoġobhomx il-kapitlu, kif ġegħelhom iħossuhom u kieku xi jbiddlu minnu sabiex l-istudenti jipprattikaw il-kritika. F’dan it-taħriġ l-istudenti jridu jiggruppaw il-kliem, jikkwotaw u jispjegaw bil-kitba, b’hekk il-ħiliet li jitħaddmu huma dawk tal-kitba u l-qari.

Imbagħad il-preżentazzjoni minbarra t-titlu tas-silta tinkludi attività riflessiva u diskussiva fuq it-tibdil fil-klima u fil-bilanċ bejn il-ħajja u t-teknoloġija minħabba li dawn huma temi li jispikkaw fis-silta u li huma relevanti għal ħajjet l-istudenti, wara ġiet ippreżentata ftit informazzjoni fuq l-istorja tar-rumanz bħala pont għall-attività ta’ kreazzjoni ta’ profil ta’ persunaġġ mill-passat, simili kif għamlet il-protagonista. Hawn ġiet inkluża ħolqa fejn l-istudenti jistgħu jikkreaw profil online fuq classtools.net, kif ukoll istruzzjonijiet ta’ xi jridu jinkludu fil-profil. Għalhekk l-istudenti hawn se jfittxu fuq persunaġġ tal-għażla tagħhom mill-passat u jippreżentawh. Din ir-riżorsa prinċipalment tħaddem il-ħila tat-taħdit iżda l-istudenti biex jaqraw il-preżentazzjoni u informazzjoni fuq il-persunaġġ se jużaw il-ħila tal-qari wkoll.

Il-kartellun ġie magħmul bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom nota qasira u utli li jistgħu jirreferu għaliha jew bħala nota normali jew billi l-għalliema twaħħalha fil-klassi; b’hekk din iżżejjen il-klassi wkoll. F’din in-nota ġew inklużi punti fuq l-essenzjali: il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, il-karattri sekondarji, il-protagonist, u l-istorja. Għalhekk il-ħila tal-qari tispikka hawnhekk. Il-kartellun u ż-żewġ riżorsi l-oħra jinkludu stampi relevanti għall-kitba sabiex l-istudenti jifhmu u jiftakru l-informazzjoni aktar u r-riżorsi jidhru sbieħ. Meta l-istampi juru n-nies dawn ikunu ta’ sessi u razez differenti biex l-istudenti jaraw ir-realtà b’mod oġġettiv. Finalment kulma għandhom bżonn l-istudenti biex jaħdmu din ir-riżorsa huma biro biex jaħdmu t-taħriġ u mezz diġitali biex jiffurmaw il-profil.

## *Riżorsa 15 – Ritratti tar-riżorsi*



***Magna Mater***

Kapitlu 2 – Borra

Loranne Vella

**Kisba 12.** Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

**Kriterju tal-Assessjar 12. 3 ċ.** Nevalwa kif il-vokabolarju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti epoka/i partikolari.

**Taħriġ- Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. a. Il-kaxxa li ġejja tinkludi kliem li ġej minn żewġ reġistri (gruppi ta' kliem). Iggruppa l-kliem fi tnejn billi tikteb l-isem tal-grupp u tikkwota l-kliem li jifforma parti mir-reġistru partikolari.

"kisħin" "tabla" "sħuna" "borra" "password" "xemxija" "temperatura" "profil" "kesħa" "applikazzjoni" "skrin" "avatar" "silġ" "homepage"

Il-bidu u mistoqsija 1.a. – Karta tat-Taħriġ



b. Ikteb iż-żewġ temi jew aktar li joħorġu minn dawn ir-reġistri.

ċ. Taħseb li dawn it-temi huma pożittivi jew negattivi? Spjega.

2. Dan il-kapitlu mir-rumanz *Magna Mater* jinkludi kliem mit-tielet elementi li jsawru l-lingwa Maltija.

a. Ikkwota tliet eżempji għal kull element.

b. Spjega dan x'jindika fuq l-ambjentazzjoni tat-test.

Mistoqsija 1.b. sa 2.b. – Karta tat-Taħriġ



6. Spjega f'liema epoka u fejn huwa ambjentat dan il-kapitlu mir-rumanz *Magna Mater*. F'din l-ispjega inkludi r-reġistri u t-temi diskussi f'dan it-taħriġ u jekk trid inkludi oħrajn ukoll. Spjega wkoll il-ġeneru speċifiku tar-rumanz.

7. Għoġbok dan il-kapitlu? Kif ġegħlek tħossok? Spjega għaliex.

8. Kieku jkollok tbiddel xi ħaġa minn dan il-kapitlu xi tkun? Spjega għaliex.

Mistoqsija 6 sa 8 – Karta tat-Taħriġ




Slide 1 – Preżentazzjoni




Slide 2 - Preżentazzjoni







Slide 4 – Preżentazzjoni

Slide 5 – Preżentazzjoni




Il-Kartellun

***Riżorsa 16 – L-istil personali ta' Dun Karm***

Is-sittax-il riżorsa bħala reviżjoni tal-poeżija ta' Dun Karm tiffoka fuq kisba 15. 'Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila' bil-kriterju tal-assessjar 15. 3 a. 'Nevalwa l-istil personali ta' Dun Karm kif jidher f'damma ta' kitbiet (6 – 9 poeżiji).' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi żewġ riżorsi: resume ta' Dun Karm magħmul bis-sit canva.com u board game magħmula bil-Microsoft Word. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin.

Ir-resume ta' Dun Karm huwa twil żewġ paġni u ġie magħmul bil-ħsieb li l-istudenti jkollhom sommarju ta' ħajjet Dun Karm li jistgħu jużaw bħala għajnuna għall-board game ta' din ir-riżorsa iżda wkoll għall-fehim aħjar tal-poeżiji individwali tiegħu. Dan ir-resume jinkludi informazzjoni dwar ħajjet Dun Karm f'taqsimiet u huwa miktub fl-ewwel persuna biex ikun

aktar realistiku. It-taqsimiet huma dwar il-ħajja personali tiegħu, l-istudju li għamel, l-esperjenza tax-xogħol, is-saċerdozju, l-avvenimenti li biddlulu ħajtu, xi unuri li kiseb u xi kitbiet tiegħu. Il-ħila mħaddma hawn hija tal-qari.

Imbagħad il-board game li tiffoka aktar fuq il-kriterju ta' assessjar tinkludi l-faċċata tal-logħba sabiex l-għalliema jaqtgħuha u jużawha fil-klassi, istruzzjonijiet ta' tħejjija u użu għall-għalliema u sittax-il mistoqsija li l-istudenti jridu jwieġbu fi gruppi. Xi mistoqsijiet huma maqsumin f'aktar minn biċċa waħda. Il-kontenut tal-mistoqsijiet huwa fuq l-istil, it-tekniki letterarji, il-binja, it-temi dominanti, l-awtobijografija u l-ħajja tal-istudenti. Barra minn hekk ġiet inkluża wkoll mistoqsija fejn l-istudenti jridu jagħżlu tliet poeżiji ta' Dun Karm u jiktbu strofa minn kull waħda sabiex joħolqu poeżija ġdida li jridu jispjegaw it-temi tagħha u jagħtuha titlu. Dan sabiex l-istudenti japprezzaw u jagħmlu konnessjoni bejn it-temi. Din hija l-unika mistoqsija fejn l-istudenti jridu jiktbu, il-bqija jistgħu jagħtu t-tweġiba bil-fomm; madanakollu minħabba li t-tweġibiet iridu ftit ħsieb tajjeb li bħala għajnuna l-istudenti jiktbu ħsibijiethom. Iżda mbagħad l-għalliema jaraw skont il-bżonnijiet u l-ħiliet tal-istudenti. Din il-logħba tinkludi wkoll l-isem tal-kriterju ta' assessjar u tad-disa' poeżiji fis-sillabu sabiex l-istudenti jarawhom l-ħin kollu u b'hekk ikollhom gwida kontinwa. Minħabba li din ir-riżorsa hija ta' reviżjoni tajjeb li l-istudenti jkunu kunfidenti fid-disa' poeżiji ta' Dun Karm qabel jilagħbu din il-logħba. Il-ħiliet imħaddmin f'din il-logħba huma tal-kitba, it-taħdit u s-smigħ. Finalment kulma għandhom bżonn l-istudenti biex jaħdmu din ir-riżorsa huma karta u biro, u l-poeżiji ta' Dun Karm, tajjeb ukoll li l-istudenti jkollhom in-noti viċin għal li jista' jkun.

## *Riżorsa 16 – Ritratti tar-riżorsi*



DUN KARM

IL-POETA NAZZJONALI TA' MALTA

**ĦAJJA PERSONALI**

**TWELID**

Ħaż-Żebbuġ fl-1871.

**ĠENITURI**

**Missieri** - Filippu Pisani, baħħar, miet meta kelli 21 sena.

**Ommi** - Lunzjata Pisani, bidwija Nisranija. Għażiża ħafna għalija.

**GĦAJXIEN**

Ħaż-Żebbuġ; Ir-Rabat fis-Seminarju; Il-Belt Valletta; Tas-Sliema.

**MEWT**

Fl-1961. Midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ.

**STUDJU**

**PRIMARJA**

L-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ.

**SEKONDARJA**

Is-Seminarju, Ir-Rabat.

**POST-SEKONDARJA**

Il-Filosofija u t-Teoloġija, l-Università ta' Malta.

**ESPERJENZA**

**GĦALLIEM**

Tat-Taljan, il-Latin, l-Ingliż, il-Ġeografija, il-Kosmografija u l-Aritmetika fis-Seminarju. Bdejt fl-1897.

**PROFESSUR**

Tal-Istorja tal-Knisja u tal-Arkeoloġija Nisranija għall-istudenti tat-Teoloġija fis-Seminarju.

**ASSISTENT BIBLJOTEKARJU**

Fil-Bibljoteka Nazzjonali fl-1921

**DIRETTUR**

Tas-cirulating libraries sal-1936

**KOFUNDATUR U EDITUR TAR-RIVISTA**

Tal-Għaqda Kittieba tal-Malti fl-1921 li wara saret l-Akkademja tal-Malti.

**SAĊERDOZJU**

**QASSIS**

Ordnat qassis fl-1894

Paġna 1 – Resume



DUN KARM

IL-POETA NAZZJONALI TA' MALTA

**AVVENIMENTI**

**IL-MEWT T'OMMI L-GĦAŻIŻA**

Fl-1909. Is-solitudni emozzjonali daħlet f'ħajti.

**IT-TKEĊĊIJA MIS-SEMINARJU**

Fl-1910. Ħarġet riforma fejn l-għalliema tas-Seminarju ma tħallewx jibqgħu jorqdu hemm. Is-solitudni fiżika daħlet f'ħajti.

**L-GĦAJXIEN IL-BELT**

Fl-1910 - 1936. Mort ngħix waħdi l-Belt fejn ktibt għadd ta' poeżiji u kelli kanarin li kien iferraħni ftit.

**IL-MEWT TAL-PRONEPUTIJA ĠANNINA PISANI**

Fl-1937. Ukoll kienet għażiża għalija u kienet tieħu ħsiebi.

**XI UNURI**

**DOTTORAT FIL-LETTERATURA (*HONORIS CAUSA)***

Mill-Università Rjali ta' Malta.

**IL-MIDAJLA TAD-DEHEB ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI**

**XI KITBIET**

***FOGLIE D'ALLORO***

L-ewwel ktieb tiegħi bit-Taljan, maħruġ fl-1896. Ġabra ta' 37 poeżija miktubin bejn l-età ta' 17 u 24 sena.

***QUDDIEM XBIEHA TAL-MADONNA***

L-ewwel poeżija tiegħi bil-Malti miktuba fl-1912. Ixxandret fir-rivista 'Il-Ħabib'.

**POEŻIJI**

Fuq is-solitudni, l-istorja ta' Malta, il-ħajja raħlija, il-pajsaġġ Malti, l-eżistenza, il-fidi Nisranija.

***L-INNU MALTI***

Miktub fl-1922 u bqajt magħruf bħala l-Poeta Nazzjonali Malti.

***DIZZJUNARJU MALTI - INGLIŻ***

Fi tliet volumi.

Paġna 2 – Resume

**Istruzzjonijiet**

1) L-għalliema għandhom ipoġġu din il-karta fuq kartonċina u jaqtgħu l-kaxxa t'hawn taħt.

2) Iġibu damma u markaturi għal kull grupp.

3) Jaqraw il-mistoqsija li l-istudenti jiġu fuq in-numru tagħha.

4) Jekk in-numru jkunu diġà ġew fuqu, il-grupp jerġa' jwaddab id-damma.




Istruzzjonijiet u faċċata – Board game

**Mistoqsijiet fuq l-istil personali fid-disa' poeżiji ta' Dun Karm**

**Numru 1.** F'xi poeżiji tiegħu Dun Karm jinqeda b'oġġetti litterali biex imbagħad jgħaddi għas-suġġett simboliku ċentrali, li dan ikun l-eżistenza tal-poeta jew tal-bniedem. Semmi (1) din it-teknika letterarja, (2) tliet poeżiji li jagħmlu dan u (3) fil-qosor spjega kif dan isir f'dawn il-poeżiji.

**Numru 2.** Dun Karm fil-kitba tal-poeżiji tiegħu jżomm f'moħħu li l-binja tal-poeżija tkun tikkumplimenta t-tema. Spjega kif dan isir fil-poeżiji *L-Arloġġ* u *Il-Għanja tar-Rebħa*.

**Numru 3.** (1) Xi stil iħaddem Dun Karm fil-poeżija *Il-Għanja tar-Rebħa* u b'liema tekniki letterarji jagħmel dan? (2) Semmi tliet tekniki.

**Numru 4.** L-element awtobijografiku jispikka fil-poeżiji ta' Dun Karm. Semmi żewġ poeżiji li fihom jitħaddem dan l-element.

**Numru 5.** Minħabba minn xiex għadda meta mietet ommu u ma tħalliex jibqa' jorqod is-Seminarju, Dun Karm waqa' fi kriżi eżistenzjali. (1) Agħżel żewġ poeżiji li fihom tidher din it-tema u (2) spjega kif din tidher.

**Numru 6. Din kull grupp irid jagħmilha.** (1) Agħżel tliet poeżiji, (2) ikteb strofa minn kull waħda u kkrea poeżija ġdida ta' Dun Karm. (3) Agħtiha titlu u (4) spjega t-temi tagħha.

Mistoqsija 1 sa 6 – Board game

**Numru 10. Mistoqsija personali għal kull student.** Minħabba li Dun Karm trabba f'ambjent rurali l-imħabba għan-natura u għax-xogħol tal-id jispikka fil-poeżiji tiegħu. Aħseb jekk il-postijiet li qattajt ħajtek fihom jaffettwawx il-gost tiegħek tal-lum.

**Numru 11.** Minħabba li Dun Karm kien bniedem ta' fidi fil-poeżiji tiegħu jispikka l-element tal-fidi Nisranija. (1) Semmi tliet poeżiji li juru dan l-element u (2) spjega kif jidher dan.

**Numru 12.** (1) Xi stil iħaddem Dun Karm fil-poeżija *Il-Għodwa* u b'liema tekniki letterarji jagħmel dan? (2) Semmi tliet tekniki u (3) l-użu tagħhom.

**Numru 13.** (1) F' *Il-Għanja tar-Rebħa* x'ton juża l-poeta? (2) X'kien l-iskop ta' din il-poeżija fil-kuntest ta' żmien Dun Karm?

**Numru 14.** Omm Dun Karm kienet għażiża ħafna għalih, tant li tidher fil-poeżiji tiegħu f'forom differenti mhux bħala l-omm bijoloġika biss. (1) Spjega l-forom li l-omm tidher fihom (2) waqt li tirreferi għall-poeżiji.

**Numru 15.** Dun Karm fil-poeżiji tiegħu jinqeda bil-kuntrasti biex joħroġ aktar l-effett li jkollu f'moħħu. Fil-poeżiji *Lill-Kanarin* u *Waħdi* spjega kif jitħaddem il-kuntrast.

**Numru 16.** Dun Karm fil-kitba tal-poeżiji tiegħu jżomm f'moħħu li l-binja tal-poeżija tkun tikkumplimenta t-tema. Spjega kif dan isir fil-poeżiji *Żagħżugħ ta' Dejjem* u *Lill-Kanarin*.

Mistoqsija 10 sa 16 – Board game

***Riżorsa 17 – Is-siltiet mir-rumanzi***

Is-sbatax-il riżorsa bħala reviżjoni tas-siltiet mir-rumanzi tiffoka fuq kisba 13. 'Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji' bil-kriterju tal-assessjar 13.3. a. 'Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu.' Din ir-riżorsa sħiħa tinkludi żewġ riżorsi: board game magħmula bil-Microsoft Word u logħba diġitali magħmula bil-learningapps.org. Il-mod konsekuttiv kif se nispjega l-kontenut tar-riżorsi huwa l-mod kif ir-riżorsi għandhom jintużaw wara xulxin wara li l-istudenti jkunu ftit kunfidenti fis-sitt siltiet.

Il-board game tinkludi l-faċċata tal-logħba sabiex l-għalliema jaqtgħuha u jużawha fil-klassi, istruzzjonijiet ta' tħejjija u użu għall-għalliema u sittax-il mistoqsija li l-istudenti jridu jwieġbu fi gruppi. Il-maġġoranza tal-mistoqsijiet huma maqsumin f'aktar minn biċċa waħda. Il-kontenut tal-mistoqsijiet huwa fuq il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, l-istorja u l-karattri tas-sitt siltiet mir-rumanzi. It-tweġibiet huma bejn wieħed u ieħor standard, iżda żewġ mistoqsijiet jinvolvu l-opinjonijiet personali tal-istudenti fil-gruppi kollha sabiex jorbtu r-rumanzi ma' ħajjithom. Minħabba li l-kriterju ta' assessjar jiffoka fuq il-fomm tajjeb li l-istudenti jgħidu t-tweġibiet tagħhom bil-fomm iżda mbagħad l-għalliema jaraw skont il-bżonnijiet u l-ħiliet tal-istudenti. Din il-logħba tinkludi wkoll sentenza fuq is-suġġetti u s-siltiet li se jkunu mistoqsija fuqhom l-istudenti, sabiex l-istudenti jarawhom l-ħin kollu u b'hekk ikollhom gwida kontinwa.

Idealment l-għalliema jiktbuhom fuq il-board taħt xulxin biex jidhru aktar ċari. Din il-logħba tinkludi wkoll il-ħolqa u l-kodiċi QR għal-logħba diġitali bl-iskop li tintlagħab wara din. Finalment il-ħiliet imħaddmin f'din il-logħba huma tat-taħdit u s-smigħ.

Il-logħba diġitali u interattiva ġiet magħmula bis-sit learningapps.org bl-applikazzjoni 'Crossword' u tinkludi għoxrin mistoqsija li l-istudenti jridu jwieġbu biex jimlew tisliba. Il-kontenut huwa fuq il-mekkaniżmi misjubin fis-siltiet mir-rumanzi bħall-istili, it-tekniki u r-reġistri. L-isfond tat-tisliba huwa stampa li tinkludi sitt stampi li jirrappreżentaw ir-rumanzi. Il-kontenut huwa maqsum b'dan il-mod fiż-żewġ riżorsi sabiex l-ewwel l-istudenti jirriflettu fuq il-bażi mbagħad joqorbu aktar lejn it-test billi jiffukaw fuq il-mekkaniżmi li jibnuh. Il-ħila prinċipali mħaddma hawn hija dik tal-qari. Finalment kulma għandhom bżonn l-istudenti biex jaħdmu din ir-riżorsa huwa mezz diġitali biex jimlew it-tisliba.

### *Riżorsa 17 – Ritratti tar-riżorsi*




Istruzzjonijiet u faċċata – Board game

**Mistoqsijiet fuq il-ġeneru, l-ambjentazzjoni, l-istorja u l-karattri tas-sitt siltiet mir-rumanzi.**

**Numru 1.** Dan ir-rumanz huwa ambjentat fil-futur u jittratta temi li diġà qegħdin nesperjenzaw illum. (1) Semmi isem ir-rumanz u (2) spjega dawn it-temi.

**Numru 2.** It-titlu ta' dan ir-rumanz jirrifletti l-qagħda tal-protagonist minħabba t-tbatija li esperjenza fi żmien il-gwerra. (1) Semmi isem ir-rumanz u (2) spjega t-tbatija li jgħaddu minnha l-karattri fi żmien il-gwerra.

**Numru 3.** *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo huwa ambjentat fis-snin tletin. (1) X'kien l-iskop ta' Juann Mamo wara dan ir-rumanz? (2) X'tip ta' rumanz huwa?

**Numru 4.** F'dan ir-rumanz tidher ġrajja li tissemma fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli. (1) Semmi isem ir-rumanz u (2) spjega liema hi l-ġrajja li tissemma' fil-Bibbja.

**Numru 5.** F'dan ir-rumanz naraw lil Toninu jitgħallem dwar il-ħajja. (1) Semmi isem ir-rumanz u (2) spjega x'kienet id-dilemma ta' Toninu.

Mistoqsija 1 sa 5 – Board Game

**Numru 10. Mistoqsija għal kulħadd.** Kieku jkollok tagħżel li tgħix f'perjodu taż-żmien milli jidher f'dawn is-sitt rumanzi, liema jkun u għaliex?

**Numru 11.** Fay Wray kienet l-avatar ta' liema karattru fir-rumanz *Magna Mater.*

**Numru 12.** Il-karattri ta' dan ir-rumanz bdew jitlobu lill-allat biex jeħilsuhom mill-maltempata li ħakmithom fuq il-baħar. (1) Semmi isem ir-rumanz u (2) semmi żewġ allat li jissemmew.

**Numru 13.** F'dan ir-rumanz Dun Belinn u l-burdnar tal-Kmand kienu lesti biex jipproteġu lil Ġorġina. (1) Semmi l-isem tar-rumanz u (2) minn xiex kellhom jipproteġuha.

**Numru 14. Mistoqsija għal kulħadd.** Minn dawn is-sitt rumanzi ma' liema karattru l-aktar li taqbel u għaliex?

**Numru 15.** Dan l-awtur irċieva ħafna kritika dwar dan ir-rumanz minħabba l-ideat wara l-kitba u l-lingwaġġ li uża. (1) Semmi isem dan l-awtur u (2) isem ir-rumanz.

**Numru 16.** F'dan ir-rumanz jispikka l-element awtobijografiku tal-kittieb fil-karattri. (1) Semmi isem ir-rumanz, (2) isem il-kittieb u (3) kif jidher dan l-element.

Mistoqsija 10 sa 16 – Board Game




Il-Bidu tat-Tisliba




Mistoqsija 8 –Tisliba




Mistoqsija 17 - Tisliba

# 6.0 Il-Konklużjoni

L-għan ta' dan il-proġett kien li jinħoloq pakkett ta' riżorsi għat-tagħlim tal-letteratura tas-sekondarja speċifikament għaż-żewġ taqsimiet tal-letteratura: il-poeżiji ta' Dun Karm u s-siltiet mir-rumanzi, sabiex iservi ta' għodda edukattiva għall-istudenti li se jagħtu l-eżami tal-Malti fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES) mis-sena 2025. Dan għaliex mis-sena skolastika tal-2021-2022 l-istudenti tad-disa' sena se jibdew sillabu ġdid tal-livell taċ-ĊES u għalhekk inħass il-bżonn, aktar minn snin preċedenti, li jinħolqu riżorsi ġodda u addattati. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan il-pakkett ta' riżorsi kien li l-għalliema jsibu numru ta' riżorsi u ideat għal riżorsi li jistgħu jgħinuhom fit-tagħlim tal-Malti. Dawn ir-riżorsi għandhom l-għan ukoll li jimmotivaw lill-istudenti u jħeġġuhom iħobbu aktar 'l ilsienna. Huwa maħsub li dawn ir-riżorsi jittellgħu fuq is-sit uffiċjali tad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan id-Direttorat tal-Kurrikulu u l-Assessjar, biex hekk ikunu aċċessibbli kemm għall-għalliema kif ukoll għall-istudenti. Il-mira ewlenija fil-ħolqien ta' dawn ir-riżorsi kienet li l-istudenti jkunu fiċ-ċentru tal-proċess tat-tagħlim u jiżviluppaw funzjonijiet mentali ogħla billi l-letteratura tinbidel f'esperjenza personali li tagħnihom bħala bnedmin.

Sabiex jinħolqu riżorsi utli saret ir-riċerka li tinstab fl-ewwel tliet kapitli li mbagħad minnha flimkien ma' riċerka minn xi letteratura oħra nħarġu l-linji gwida fir-raba' kapitlu sabiex iservu ta' pont għall-ħolqien tar-riżorsi. Ġiet mistħarrġa letteratura li titkellem dwar it-tagħlim b'mod ġenerali, it-tagħlim tal-letteratura, it-tagħlim permezz tar-riżorsi u t-tagħlim relatat mas-sillabu l-ġdid taċ-ĊES li minnhom ħarġet il-konklużjoni finali li l-istudenti għandhom ikunu fiċ-ċentru tat-tagħlim iżda jkunu ggwidati fit-triq it-tajba permezz tal-għalliema li jagħmlu użu minn riżorsi varji li jiffukaw fuq il-kisbiet mit-tagħlim u l-kriterji tal-assessjar kif deskritti fis-sillabu taċ-ĊES. Għalhekk, il-pakkett tar-riżorsi jinkludi sbatax-il riżorsa; riżorsa għall-ħmistax-il test misjub fiż-żewġ taqsimiet tal-letteratura u waħda għal kull taqsima bħala reviżjoni.

Ir-riżorsi ppreżentati f'dan il-pakkett huma varjati ħafna u jinkludu kemm riżorsi tradizzjonali bħal leħħiet, karti tat-taħriġ, karti tan-noti, logħob, board games u kartelluni kif ukoll riżorsi diġitali bħal logħob diġitali u interattiv u preżentazzjonijiet. Barra minn hekk ir-riżorsi huma

mħejjija għall-ogħla livell tal-kwalifika tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK) u kull waħda tiffoka fuq kisba partikolari.

Ir-riżorsi huma ddisinjati b'mod li jqanqlu l-ħsieb immaġinattiv tal-istudenti u jġegħluhom jaħsbu b'mod kritiku sabiex jibnu l-għarfien u l-ideat tagħhom u b'hekk ikunu aktar preparati għall-bidliet li jistgħu jseħħu matul iż-żmien (Freire, 1970; Dewey, 1997; McCain, 2005). Raġuni oħra hija sabiex jagħmlu lill-istudenti konxji tal-konnessjoni li teżisti bejn il-letteratura u l-ħajja. Oqsma oħra li huma mistħarrġa permezz ta' dawn ir-riżorsi huma r-relazzjoni bejn ħajjet il-kittieb u ħajjet il-qarrej, il-kuntest li fih inkiteb it-test letterarju, l-ambjentazzjoni tat-test u r-rabta mat-temi u l-karattri (Lee, 2021; McLean Davies et al., 2013). Il-mistoqsijiet ippreżentati fit-taħriġ marbut ma' kull test letterarju, minnhom infushom joħolqu sfida divertenti għall-istudenti iżda bil-wisq aktar meta jkunu forma ta' logħba bħal leħħiet biex jintużaw fi kwiżż jew tisliba aċċessata online. Minbarra li dawn ir-riżorsi jistiednu lill-istudenti jsiru jafu lilhom infushom permezz tat-test, jistidnuhom ukoll isiru jafu lill-oħrajn permezz ta' diskussjonijiet u logħob fi gruppi (Schrijvers et al., 2019; Camilleri Grima u Portelli, 2017).

Ir-riżorsi jiffukaw b'mod varjat fuq l-erba' ħiliet tal-lingwa u l-kontenut ippreżentat b'mod varju għandu jolqot preferenzi differenti ta' tagħlim bħal tagħlim permezz ta' kitba, qari, viżwal jew ikkrear, pereżempju ta' kartolina jew xena mit-test letterarju. Apparti minn hekk, waqt li jinqdew bil-formati ta' għodda komunikattiva popolari mal-istudenti bħalma huma Facebook u Instagram, kienu inklużi temi li huma popolari u jappellaw għall-istudenti żgħażagħ li jkunu fl-iskola sekondarja bħal ngħidu aħna l-iskola, iċ-ċinema u l-mużika, kif ukoll ġrajjiet kurrenti bħat-tibdil fil-klima u l-użu bbilanċjat tat-teknoloġija.

Żewġ limitazzjonijiet li fih dan il-pakkett ta' riżorsi, riżultat tar-restrizzjonijiet taż-żmien li fih kellu jitħejja, huma li jiffoka fuq tnejn mill-erba' taqsimiet tal-letteratura fis-sillabu tal-Malti (ĊES) u li l-livell tar-riżorsi jirrifletti l-kisbiet mit-tagħlim tal-QMK 3. Għalhekk ikun utli li jsir proġett simili fuq iż-żewġ taqsimiet l-oħra tal-letteratura għal dan is-sillabu u riżorsi li jkopru ż-żewġ livelli l-oħra tal-QMK. Hekk l-istudenti kollha jkollhom riżorsi li jappellaw għall-gosti tagħhom biex hekk japprezzaw aktar l-ilwien u s-sbuħija tal-arti tal-kelma Maltija kif imħaddma fit-testi letterarji tal-awturi magħżula f'din l-antoloġija.

Id-diffikultà prinċipali fil-ħolqien ta' dan il-proġett kienet biex insib bilanċ bejn li ninforma u nħalli lill-istudenti awtonomi, minħabba li l-istudenti mhumiex qegħdin quddiemi u b'hekk xtaqt inkun ċerta li qiegħda niggwidahom billi nżid l-informazzjoni għal li jista' jkun ma jkollhomx il-gwida meħtieġa. Għalkemm dan il-proċess kien diffiċli, minħabba l-ansjetà li jġib miegħu proġett għal-livell ta' Maġisteru, ninstab ixxurtjata li kelli l-opportunità naħdem fuqu biex permezz ta' dawn ir-riżorsi noffri esperjenza ta' tagħlim effettiva u li tiffoka fuq il-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-istudenti.

# Biblijografija


Al-Bataineh, A., u Brooks, L. (2003). Challenges, Advantages, and Disadvantages of Instructional Technology in the Community College Classroom. *Community College Journal of Research &Practice, 27*(6), 473-484. https://doi.org/10.1080/713838180

Al-Imamy, S. Y. (2020). Blending Printed Texts with Digital Resources through Augmented Reality Interaction. *Education and Information Technologies, 25*, 2561–2576. https://doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1007/s10639-019-10070-w

Axford, B., Harders, P., u Wise, F. (2009). *Scaffolding Literacy: An Integrated and Sequential Approach to Teaching Reading, Spelling and Writing.* Acer Press.

Bendall, M. J. (2019). Film and Superheroes as a Pedagogic Tool. Ġo E. D. Romero, J. Bobkina, u S. Stefanova. (Eds.), *Teaching Literature and Language Through Multimodal Texts* (pp. 22-34). IGI Global.

Borg, A. (2009). Malta u l-Bilingwiżmu. Ġo R. Fenech (ed.), *Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta' Pajjiżna: X'inhu l-aħjar għal uliedna?* (pp. 21-23). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Brophy, J. (2010). *Motivating Students to Learn* (3rd ed.). Routledge.

Brown, S., Earlam, C., u Race. P. (1998). *500 Tips for Teachers* (2nd ed.). Kogan Page.

Busuttil, L., & Farrugia, R. C. (2020). Teachers' Response to the Sudden Shift to Online Learning during COVID-19 Pandemic: Implications for Policy and Practice. *Malta Review of Educational Research, 14*(2), 211-241. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/66444

Cahalan, J. M. (2008). Teaching Hometown Literature: A Pedagogy of Place. *College English, 70*(3), 249-274. https://search-proquest-com.ejournals.um.edu.mt/scholarly-journals/teaching-hometown-literature-pedagogy-place/docview/236936582/se-2?accountid=27934

Camilleri, A. (1995). *Bilingualism in Education – The Maltese Experience*. Groos.

Camilleri Grima, A. u Portelli, T. (2017). *Fuq l-Għatba tal-Professjoni,* pp. 62-65. Klabb Kotba Maltin.

Camilleri Grima, A. (2018). Globalization and Education: What future for the Maltese-Speaking Child? *Éducation et sociétés plurilingues, 44*, 31-43. https://doi.org/10.4000/esp.2259

Cassar, M. (2009). Malta u l-Bilingwiżmu. Ġo R. Fenech (ed.), *Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta' Pajjiżna: X'inhu l-aħjar għal uliedna?* (pp. 39-44). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

